

# Il-Ġurnal Uffiċjali L 218

## tal-Unjoni Ewropea



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 65

23 ta' Awwissu 2022

Werrej

II Atti mhux leġiżlattivi

### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1416 tas-16 ta' Awwissu 2022 li jirreġistra isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Orìġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ["Finocchio di Isola Capo Rizzuto" (IĠP)]** ..... 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1417 tat-22 ta' Awwissu 2022 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Lactobacillus acidophilus* CECT 4529 bħala addittiv tal-ikel għall-ispeċijiet u l-kategoriji kollha tal-pollam għajr it-tiġieġ tal-bajd u t-tiġieġ tas-simna, u għall-għasafar ornamental, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2275 (detentur tal-awtorizzazzjoni: Centro Sperimentale del Latte S.r.l.)** <sup>(1)</sup> ..... 3
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1418 tat-22 ta' Awwissu 2022 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontroll tat-*Trichinella* b'rabta mat-tqattigħ ta' karkassi u ma' metodi analitiċi alternattivi** <sup>(1)</sup> ..... 7
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1419 tat-22 ta' Awwissu 2022 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni taż-żejt essenzjali tal-weraq tal-bukku mill-*Agathosma betulina* (P.J. Bergius) Pillans bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali** <sup>(1)</sup> ..... 12
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1420 tat-22 ta' Awwissu 2022 dwar l-awtorizzazzjoni tal-aċidu L-glutamiku u tal-glutamat tal-monosodju prodotti mill-*Corynebacterium glutamicum* NITE BP-01681 bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali** <sup>(1)</sup> ..... 17
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1421 tat-22 ta' Awwissu 2022 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni taż-żejt essenzjali espress tal-larinġ, taż-żejt essenzjali ddistillat tal-larinġ, u taż-żjut tal-larinġ ikkonċentrati, mis-*Citrus sinensis* (L.) Osbeck bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali** <sup>(1)</sup> ..... 27

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agricoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat. It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

★ Rakkomandazzjoni Nru 1/2022 tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn L-UE u l-Georgia tas- 16 ta' Awwissu 2022 dwar l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia 2021–2027 [2022/1422] .....	40
--	----

## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1416

tas-16 ta' Awwissu 2022

li jirreġistra isem fir-reġistru tad-Denominazzjonijiet ta' Oriġini Protetti u tal-Indikazzjonijiet Ġeografiċi Protetti ["Finocchio di Isola Capo Rizzuto" (IĠP)]

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Novembru 2012 dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 52(2) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-Artikolu 50(2)(a) tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, l-applikazzjoni tal-Italja għar-reġistrazzjoni tal-isem "Finocchio di Isola Capo Rizzuto", ġiet ippubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea <sup>(2)</sup>.
- (2) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni f'konformità mal-Artikolu 51 tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012, u għalhekk jenħtieġ li l-isem "Finocchio di Isola Capo Rizzuto" jiġi rreġistrat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-isem "Finocchio di Isola Capo Rizzuto" (IĠP) huwa rreġistrat.

L-isem imsemmi fl-ewwel paragrafu jidentifika prodott tal-Klassi 1.6. Frott, ħaxix u ċereali, friski jew ipproċessati, kif speċifikat fl-Anness XI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 <sup>(3)</sup>.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

<sup>(1)</sup> ĠU L 343, 14.12.2012, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU C 179, 2.5.2022, p. 19.

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 668/2014 tat-13 ta' Ġunju 2014 li jstabbilixxi regoli għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1151/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar skemi tal-kwalità għal prodotti agrikoli u oġġetti tal-ikel (ĠU L 179, 19.6.2014, p. 36).

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Fisem il-President,*  
Janusz WOJCIECHOWSKI  
*Membri tal-Kummissjoni*

---

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1417

tat-22 ta' Awwissu 2022

**li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni ta' preparazzjoni ta' *Lactobacillus acidophilus* CECT 4529 bħala addittiv tal-ikel għall-ispeċijiet u l-kategoriji kollha tal-pollam għajr it-tiġieġ tal-bajd u t-tiġieġ tas-simna, u għall-għasafar ornamental, u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2275 (detentur tal-awtorizzazzjoni: Centro Sperimentale del Latte S.r.l.)**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' tali awtorizzazzjoni.
- (2) Preparazzjoni ta' *Lactobacillus acidophilus* CECT 4529 kienet awtorizzata għal perjodu ta' 10 snin bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ tal-bajd bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/38 <sup>(2)</sup>, għat-tiġieġ tas-simna bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2275 <sup>(3)</sup> u għall-qtates u l-klieb bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1558 <sup>(4)</sup>.
- (3) Tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni ta' użi ġodda tal-preparazzjoni tal-*Lactobacillus acidophilus* CECT 4529, f'konformità mal-Artikolu 7(1) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003. Flimkien ma' dik l-applikazzjoni ntbaġhtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (4) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni tal-*Lactobacillus acidophilus* CECT 4529 bħala addittiv fl-għalf u fl-ilma tax-xorb għall-ispeċijiet u l-kategoriji kollha tal-pollam u għall-għasafar ornamental, biex tiġi kklassifikata fil-kategorija "addittivi zootekniki".
- (5) Fl-opinjoni tagħha tas-26 ta' Jannar 2022 <sup>(5)</sup>, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li, skont il-kundizzjonijiet tal-użu proposti, il-preparazzjoni tal-*Lactobacillus acidophilus* CECT 4529 ma għandhiex effetti negattivi fuq is-saħħa tal-annimali, fuq is-saħħa tal-konsumaturi jew fuq l-ambjent. Ikkonkludiet ukoll li din il-preparazzjoni hija irritant tal-ġilda u tal-għajnejn u sensitizzatur tal-ġilda u respiratorju. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li jenħtieġ li jittieħdu miżuri protettivi xierqa sabiex jiġu evitati effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-utenti tal-addittiv. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li l-preparazzjoni għandha l-potenzjal li tkun effikaċi bħala addittiv zootekniku fl-għalf. L-Awtorità mhijiex tal-fehma li hemm għalfejn jiġu stipulati rekwiżiti speċifiċi għas-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodi ta' analiżi tal-addittiv tal-għalf ippreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/38 tat-13 ta' Jannar 2015 li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-preparazzjoni ta' *Lactobacillus acidophilus* CECT 4529 bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ bajjada u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1520/2007 (detentur tal-awtorizzazzjoni Centro Sperimentale del Latte) (ĠU L 8, 14.1.2015, p. 4).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2017/2275 tat-8 ta' Diċembru 2017 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid ta' *Lactobacillus acidophilus* (CECT 4529) bħala addittiv tal-għalf għat-tiġieġ għat-tismin (detentur tal-awtorizzazzjoni Centro Sperimentale del Latte) (ĠU L 326, 9.12.2017, p. 47).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1558 tas-17 ta' Ottubru 2018 dwar l-awtorizzazzjoni ta' użu ġdid tal-preparazzjoni tal-*Lactobacillus acidophilus* (CECT 4529) bħala addittiv tal-għalf għall-qtates u l-klieb (detentur tal-awtorizzazzjoni Centro Sperimentale del Latte) (ĠU L 261, 18.10.2018, p. 13).

<sup>(5)</sup> EFSA Journal 2022;20(3):7150.

- (6) Għaldaqstant, għal raġunijiet ta' ċarezza, b'mod partikolari b'rabta mad-dispożizzjonijiet dwar it-tikkettar, jenħtieġ li jiġi emendat kif xieraq ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2275.
- (7) Il-valutazzjoni tal-preparazzjoni tal-*Lactobacillus acidophilus* CECT 4529 turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għalhekk, l-użu tal-preparazzjoni jenħtieġ li jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

Il-preparazzjoni speċifikata fl-Anness I, tal-kategorija tal-addittivi "addittivi żootekniċi" u tal-grupp funzjonali "stabilizzaturi tal-flora intestinali", hija awtorizzata bħala addittiv tal-għalf fin-nutrizzjoni tal-annimali, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

#### *Artikolu 2*

L-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2017/2275 huwa sostitwit bl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

#### *Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX I

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età mas-sima	Kontenut minimu	Kontenut mas-simu	Kontenut minimu	Kontenut mas-simu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						CFU/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %		CFU/l ta' ilma tax-xorb			

**Kategorija: addittivi zootekniki.****Grupp funzjonali: stabilizzaturi tal-flora intestinali**

"4b171-5	Centro Sperimentale del Latte S.r.l.	<i>Lactobacillus acidophilus</i> CECT 4529	Kompożizzjoni tal-addittiv Preparazzjoni tal- <i>Lactobacillus acidophilus</i> CECT 4529 li fiha minimu ta' $5 \times 10^{10}$ CFU/g Għamla solida	L-ispeċijiet u l-kategoriji kollha tal-pollam minbarra t-tiġieġ tal-bajd u t-tiġieġ tas-simna	-	$1 \times 10^9$	-	$5 \times 10^8$	-	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tal-premixxeli, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana. 2. Għall-utenti tal-addittiv u tal-premixxeli, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u l-premixxeli għandhom jintużaw b'taġħmir protettiv personali, inkluż bil-protezzjoni tal-għajnejn, tal-ġilda, u tan-nifs.	12.9.2032
			Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva: Ċelloli vijabbli tal- <i>Lactobacillus acidophilus</i> CECT 4529	Għasafar ornamentali							
			Metodu analitiku <sup>(1)</sup> Enumerazzjoni: — metodu tat-tifrix fuq MRS agar (EN 15787) Identifikazzjoni: — Elettroforeżi fuq ġell f'Kamp Pulsat (PFGE) jew metodi ta' sekwenzjar tad-DNA								

(1) Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: [https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports\\_en](https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en)

## ANNEX II

"ANNEX

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku	Speċi jew kategorija tal-animall	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
						CFU/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %		CFU/l ta' ilma tax-xorb			

**Kategorija: addittivi żootekniki.****Grupp funzjonali: stabilizzaturi tal-flora intestinali**

4b1715	Centro Sperimentale del Latte	<i>Lactobacillus acidophilus</i> CECT 4529	Kompożizzjoni tal-addittiv Preparazzjoni tal- <i>Lactobacillus acidophilus</i> CECT 4529 li fiha minimu ta' $5 \times 10^{10}$ CFU/g Għamla solida	Tiġieġ tas-simna	-	$1 \times 10^9$	-	-	-	1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tal-premixxeli, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana. 2. Għall-utenti tal-addittiv u tal-premixxeli, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali li jirriżultaw mill-użu. Meta daww ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u l-premixxeli għandhom jintużaw b'taġmir protettiv personali, inkluż bil-protezzjoni tal-għajnejn, tal-ġilda, u tan-nifs.	29.12.2027
			Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva: Ċelloli vijabbli tal- <i>Lactobacillus acidophilus</i> CECT 4529	Tiġieġ tas-simna	-	-	-	$5 \times 10^8$	-		12.9.2032*
			Metodu analitiku <sup>(1)</sup>  Enumerazzjoni: — metodu tat-tifrix fuq MRS agar (EN 15787)  Identifikazzjoni: — Elettroforeżi fuq għall f'Kamp Pulsat (PFGE) jew metodi ta' sekwenzar tad-DNA"								

(1) Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: [https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports\\_en](https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en)



**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1418****tat-22 ta' Awwissu 2022****li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375 f'dak li għandu x'jaqsam mal-kontroll tat-*Trichinella* b'rabta mat-tqattigħ ta' karkassi u ma' metodi analitiċi alternattivi****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-ġalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE (Regolament dwar il-Kontrolli Uffiċjali) <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 18(8), il-punt (a), tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi r-regoli għat-tweqqif tal-kontrolli uffiċjali u għall-azzjoni li trid tittieħed mill-awtoritajiet kompetenti fir-rigward tal-produttjoni ta' prodotti li joriġinaw mill-annimali maħsubin għall-konsum mill-bniedem.
- (2) It-*Trichinella* hija parassita li tista' tinstab fil-laħam ta' speċijiet suxxettibbli bħall-ħnieżer, u din lill-bnedmin tikkawżalhom mard li jiġi mill-ikel meta jikkunsmaw xi laħam infettat. Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi r-regoli speċifiċi dwar il-kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* fil-laħam, inkluż l-eżami fil-laboratorju ta' kampjuni tal-laħam tal-majjali domestiċi.
- (3) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375 jippermetti li l-karkassi tal-majjali domestiċi jitqattgħu f'aktar minn sitt partijiet qabel ma jkun magħruf ir-riżultat tat-testijiet għat-*Trichinella*, soġġett għal ċerti kundizzjonijiet. Waħda mill-kundizzjonijiet hija li hu meħtieġ it-tqattigħ ta' karkassi sħan biex isiru xi prodotti speċifiċi.
- (4) Intwera li l-limitazzjoni għall-produttjoni ta' prodotti speċifiċi mhijiex ibbażata fuq ix-xjenza. Barra minn hekk, ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> (l-iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali) ma jipprevedix din il-limitazzjoni dwar it-tqattigħ ta' karkassi sħan. Għaldaqstant, jenħtieġ li din il-limitazzjoni tiħassar mir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375.
- (5) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1478 <sup>(4)</sup> emenda r-Regolament (UE) 2015/1375 billi fil-Kapitolu I tal-Anness I sossitwixxa l-metodu ta' referenza dettaljat għad-detezzjoni tat-*Trichinella* bl-eżami ta' kampjuni, b'kontroreferenza għall-ISO 18743:2015. Il-Kapitolu II tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375 jistipula metodi alternattivi ekwivalenti li fihom kontroreferenzi għal aspetti speċifiċi tal-metodi ta' referenza preċedenti. Għalhekk, jenħtieġ li dawn il-kontroreferenzi jiġu aġġornati u sossitwiti b'referenzi fl-ISO 18743:2015.
- (6) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Ġalf,

<sup>(1)</sup> ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/1375 tal-10 ta' Awwissu 2015 li jistabbilixxi regoli speċifiċi dwar kontrolli uffiċjali għat-*Trichinella* fil-laħam (ĠU L 212, 11.8.2015, p. 7).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2004 li jistabbilixxi ċerti regoli speċifiċi ta' iġjene għall-ikel li joriġina mill-annimali (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 55).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1478 tal-14 ta' Ottubru 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375 fir-rigward tal-kampjunar, il-metodu ta' skoperta ta' referenza u l-kundizzjonijiet tal-importazzjoni fir-rigward tal-kontroll għat-*Trichinella* (ĠU L 338, 15.10.2020, p. 7).

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/1375 huwa emendat kif ġej:

(1) fl-Artikolu 3(5)(b), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(ii) it-tqattigħ jew id-dissussar, qabel ma jasal għat-temperatura msemija fil-punt 2(b) tal-Kapitolu V tat-Taqsima I tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004, jiġi applikat f'konformità mal-punt 4 tal-Kapitolu V tat-Taqsima I tal-Anness III ta' dak ir-Regolament;”;

(2) Il-Kapitolu II tal-Anness I huwa emendat kif ġej:

(a) fil-punt A.1:

(i) il-punt (k) huwa sostitwit bi:

“(k) Termometru akkurat sa 0,5 C fil-medda minn 20 C sa 70 C.”;

(ii) il-punt (o) huwa sostitwit bi:

“(o) Dixxijiet żgħar mgħottija b'dijametru ta' madwar 90 mm, iggradiljati b'kwadri ta' madwar 1 cm, jew tagħmir ekwivalenti biex jingħaddu l-larvi, bħal fil-punt 6.14 tal-ISO 18743:2015.”;

(iii) il-punt (q) huwa sostitwit bi:

“(q) Pepsina ta' qawwa skont dan li ġej:

— jekk tkun fil-forom ta' trab jew granulari: 1:10 000 NF (US National Formulary) li jikkorrispondi għal 1:12 500 BP (British Pharmacopoeia) u għal 2 000 FIP (Fédération internationale de pharmacie), jew

— jekk tkun likwida: pepsina likwida stabbilizzata b'minimu ta' 660 unitajiet/ml tal-Farmakopea Ewropea.

Jistgħu jintużaw attivitajiet oħra tal-pepsina, dment li l-aħħar attività fil-likwidu tad-diġestjoni tkun ekwivalenti għall-attività ta' 10 g ta' 1:10 000 NF kif stipulat fil-punt 5.3 tal-ISO 18743:2015.”;

(iv) il-punt (s) huwa sostitwit bi:

“(s) miżien ikkalibrat biex jintiżnu l-kampjuni u/jew il-pepsina (b'akkuratezza ta'  $\pm 0,1$  g).”;

(b) il-punt A.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-ġbir ta' kampjuni u l-kwantità li trid tiġi ddiġerita

Kif stipulat fil-punt 4.2 tal-ISO 18743:2015 (ara wkoll l-Annessi A u B tiegħu għal aktar dettalji).”;

(c) fil-punt A.3, il-punti III u IV jiġu sostitwiti b'dan li ġej:

“III. L-irkuprar tal-larvi permezz tas-sedimentazzjoni

— Jiżdied is-silġ (300 sa 400 g laqx tas-silġ, jew silġ imfarrak) mal-likwidu tad-diġestjoni biex il-volum jiżdied sa madwar 2 litri. Il-likwidu tad-diġestjoni mbagħad jitħawwad sakemm jinħall is-silġ. Fil-każ ta' gruppi iżgħar (ara it-Taqsima II(b)), l-ammont tas-silġ irid jitnaqqas b'mod korrispondenti.

— Il-likwidu tad-diġestjoni mkessaħ jiġi ttrasferit f'lembut ta' separazzjoni ta' 2 litri, mgħammar b'vibratur bi klamp żejjed.

— Is-sedimentazzjoni titħalla tkompli għal 30 minuta, u tul dan il-ħin il-lembut tas-sedimentazzjoni jiġi vvibrat b'mod intermittenti, jiġifieri vibrazzjoni ta' minuta segwita minn pawża ta' minuta.

— Wara 30 minuta, jtferra' malajr kampjun ta' 60 ml tas-sediment f'ċilindru bil-kejl ta' 100 ml (il-lembut jitlehlah b'soluzzjoni deterġenti wara li jintuża).

- Il-kampjun ta' 60 ml jitħalla joqgħod għal mill-anqas 10 minuti, u wara dan il-ħin is-sustanza li tgħum fil-wiċċ tal-likwidu titneħħa bl-irdigħ biex tħalli volum ta' 15-il ml, biex ikun eżaminat għall-preżenza ta' larvi.
- Għall-irdigħ, tista' tintuża siringa li tintrema, mgħammra b'tubu tal-plastik. It-tubu jrid ikun ta' tul li jibqgħu 15-il ml fiċ-ċilindru bil-kejl meta l-flanġi tas-siringa jistrieħu fuq ix-xifer taċ-ċilindru.
- Il-15 ml li jibqgħu jiferrgħu fdixx żgħir mgħotti jew f'tagħmir ekwivalenti biex jingħaddu l-larvi, u jiġu eżaminati bl-użu ta' trikinoskopju jew stereomikroskopju.
- Iċ-ċilindru bil-kejl jinħasel b'5 sa 10 ml ilma tal-vit u l-ħasliet jiżdiedu mal-kampjun.
- Id-digerir għandu jiġi eżaminat malli jkun lest. L-eżami m'għandux ikun pospost għall-għada taħt ebda ċirkostanza.

Meta d-digerir ma jkunx ċar, irid jiġi ċċarat kif ġej:

- il-kampjun finali ta' 60 ml jiferra' f'ċilindru bil-kejl u jitħalla joqgħod 10 minuti; imbagħad jitneħħew bl-irdigħ 45 ml tas-sustanza li tgħum fil-wiċċ tal-likwidu u l-15-il ml li jibqgħu jiżdiedu għal 45 ml bl-ilma tal-vit,
- wara 10 minuti oħra biex joqgħod, jitneħħew bl-irdigħ 30 ml tas-sustanza li tgħum fil-wiċċ tal-likwidu u l-15-il ml li jibqgħu jiferra' fdixx żgħir mgħotti jew f'tagħmir ekwivalenti biex jingħaddu l-larvi, u jiġi eżaminat bl-użu ta' trikinoskopju jew stereomikroskopju.
- iċ-ċilindru bil-kejl jinħasel b'10 ml ilma tal-vit u dawn il-ħasliet jiżdiedu mal-kampjun fid-dixx żgħir mgħotti jew fit-tagħmir ekwivalenti għall-għadd tal-larvi u jiġi eżaminat bl-użu ta' trikinoskopju jew stereomikroskopju.

#### IV. Riżultati pożittivi jew dubjużi

Meta l-eżami ta' kampjun kollettiv jipproduċi riżultat pożittiv jew inċert, jittieħed kampjun ieħor ta' 20 g minn kull majjal, kif stipulat fil-punt 4.2 tal-ISO 18743:2015 (ara wkoll l-Annessi A u B tiegħu għal aktar dettalji). Il-kampjuni ta' 20 g minn ħames majjali jitqiegħdu fi grupp wieħed u jiġu eżaminati bil-metodu spjegat f'dan il-Kapitolu. B'dan il-mod jiġu eżaminati kampjuni minn 20 grupp ta' ħames majjali. Meta t-*Trichinella* tiġi skoperta f'kampjun ta' grupp minn ħames majjali, jinġabru aktar kampjuni ta' 20 g mill-majjali individwali fil-grupp u kull wieħed jiġi eżaminat separatament bl-użu tal-metodu spjegat f'dan il-Kapitolu. Il-kampjuni tal-parassiti jridu jinżammu f'(konċentrazzjoni finali ta') 70-90 % alkoħol etiliku għall-konservazzjoni u l-identifikazzjoni fil-livell tal-ispeċi fil-laboratorju ta' referenza tal-UE jew nazzjonali. Għall-proċedura tad-dekontaminazzjoni, ara l-punt 12 tal-ISO 18743:2015.”;

(d) il-punt B.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

#### “2. Il-ġbir ta' kampjuni

Kif stipulat fil-punt 4.2 tal-ISO 18743:2015 (ara wkoll l-Annessi A u B tiegħu għal aktar dettalji).”;

(e) Il-punt B.3 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt III (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(h) Wara tliet minuti, il-borża tal-plastik, bid-diska tal-filtru u bis-soluzzjoni tar-rennilase b'kollox, titneħħa mill-istomacher u tinfetaħ bi mqass. Il-kontenut likwidu jiferra' fdixx żgħir mgħotti jew f'tagħmir ekwivalenti biex jingħaddu l-larvi. Il-borża tinħasel b'5 sa 10 ml ilma, li mbagħad jiżdied fid-dixx iż-żgħir mgħotti jew fit-tagħmir ekwivalenti biex jingħaddu l-larvi u jiġi eżaminat bi trikinoskopju jew bi stereomikroskopju.”;

(ii) il-punt IV huwa sostitwit b'dan li ġej:

#### “IV. Riżultati pożittivi jew dubjużi

Kif stipulat fil-punt IV tat-Taqsima A(3).”;

(f) il-punt C.1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (f) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(f) Pepsina ta' qawwa skont dan li ġej:

— jekk tkun fil-forom ta' trab jew granulari: 1:10 000 NF (US National Formulary) li jikkorrispondi għal 1:12 500 BP (British Pharmacopoeia) u għal 2 000 FIP (Fédération internationale de pharmacie), jew

— jekk tkun likwida: pepsina likwida stabbilizzata b'minimu ta' 660 unitajiet/ml tal-Farmakopea Ewropea.

Jistgħu jintużaw attivitajiet oħra tal-pepsina, dment li l-aħħar attività fil-likwidu tad-diġestjoni tkun ekwivalenti għall-attività ta' 10 g ta' 1:10 000 NF kif stipulat fil-punt 5.3 tal-ISO 18743:2015.”;

(ii) il-punt (g) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(g) Miżien ikkalibrat biex jintiżnu l-kampjuni u/jew il-pepsina (b'akkuratezza ta'  $\pm 0,1$  g).”;

(iii) il-punt (m) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(m) Termometru akkurat sa 0,5 °C fil-medda ta' 20 sa 70 °C.”;

(g) il-punt C.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-ġbir ta' kampjuni

Kif stipulat fil-punt 4.2 tal-ISO 18743:2015 (ara wkoll l-Annessi A u B tiegħu għal aktar dettalji).”;

(h) fil-punt C.3, il-punt VI huwa sostitwit b'dan li ġej:

“VI. Riżultati pożittivi jew dubjużi

Kif stipulat fil-punt IV tat-Taqsima A(3).”;

(i) il-punt D.1 huwa emendat kif ġej:

(i) il-punt (m) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(m) Pepsina ta' qawwa skont dan li ġej:

— jekk tkun fil-forom ta' trab jew granulari: 1:10 000 NF (US National Formulary) li jikkorrispondi għal 1:12 500 BP (British Pharmacopoeia) u għal 2 000 FIP (Fédération internationale de pharmacie), jew

— jekk tkun likwida: pepsina likwida stabbilizzata b'minimu ta' 660 unitajiet/ml tal-Farmakopea Ewropea.

Jistgħu jintużaw attivitajiet oħra tal-pepsina, dment li l-aħħar attività fil-likwidu tad-diġestjoni tkun ekwivalenti għall-attività ta' 10 g ta' 1:10 000 NF” kif stipulat fil-punt 5.3 tal-ISO 18743:2015.”;

(ii) il-punt (o) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(o) Miżien ikkalibrat biex jintiżnu l-kampjuni u/jew il-pepsina (b'akkuratezza ta'  $\pm 0,1$  g).”;

(iii) il-punt (u) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(u) Termometru akkurat sa 0,5 °C fil-medda 20 sa 70 °C.”;

(j) il-punt D.2 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“2. Il-ġbir ta' kampjuni

Kif stipulat fil-punt 4.2 tal-ISO 18743:2015 (ara wkoll l-Annessi A u B tiegħu għal aktar dettalji).”;

(k) fil-punt D.3, il-punti II u III jiġu sostitwiti b'dawn li ġejjin:

“II. Gruppi ta' inqas minn 100 g kif stipulat fil-punt 8 tal-ISO 18743:2015

Fejn hemm bżonn, jistgħu jiżiedu sa 15-il g ma' grupp totali ta' 100 g u jiġu eżaminati flimkien ma' dawn il-kampjuni skont il-punt it-Taqsima I. Aktar minn 15-il g għandhom jiġu eżaminati bħala grupp sħiħ. Għall-gruppi li jkun fihom sa 50 g, il-likwidu tad-diġestjoni u l-ingredjenti jistgħu jitnaqqsu għal litru ilma wieħed, 8 ml ta' aċidu idrokloriku u 5 g ta' pepsina.

III. Riżultati pożittivi jew dubjużi

Meta l-eżami ta' kampjun kollettiv jipproduċi riżultat pożittiv jew mhux ċert tal-agglutinazzjoni tal-latex, jittieħed kampjun ieħor ta' 20 g minn kull majjal f'konformità mal-punt 4.2 tal-ISO 18743:2015 (ara wkoll l-Annessi A u B tiegħu għal aktar dettalji). Il-kampjuni ta' 20 g minn ħames majjali jinġabru u jiġu eżaminati billi jintuża l-metodu deskritt fit-Taqsima I. B'dan il-mod għandhom jiġu eżaminati l-kampjuni minn 20 grupp ta' ħames majjali.

Meta tinkiseb agglutinazzjoni pożittiva tal-latex minn grupp ta' ħames majjali, jinġabru kampjuni oħra ta' 20 g mill-individwi fil-grupp, u kull wieħed jiġi eżaminat separatament bil-metodu deskritt fit-Taqsima I.

Meta jinkiseb riżultat pożittiv jew mhux ċert tal-agglutinazzjoni tal-latex, iridu jintbagħtu mill-inqas 20 g muskolu tal-majjali lil-laboratorju nazzjonali ta' referenza għal konferma billi jintuża l-ISO 18743:2015 jew wieħed mill-metodi ekwivalenti deskritti hawn fuq.

Jeħtieġ li l-kampjuni tal-parassiti jinżammu f'(konċentrazzjoni finali ta') 70-90 % alkoħol etiliku għall-konservazzjoni u l-identifikazzjoni fil-livell tal-ispeċi fil-laboratorju ta' referenza tal-UE jew f'dak nazzjonali.

Wara li jinġabru l-parassiti, il-likwidi pożittivi iridu jiġu dekontaminati billi jissaħħnu sa mill-inqas 60 °C.”

#### Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Awwissu 2022.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1419****tat-22 ta' Awwissu 2022****li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni taż-żejt essenzjali tal-weraq tal-bukku mill-*Agathosma betulina* (P.J. Bergius) Pillans bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' tali awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10(2) ta' dak ir-Regolament jipprevedi l-ewalwazzjoni mill-ġdid tal-addittivi awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE <sup>(2)</sup>.
- (2) Iż-żejt tal-weraq tal-bukku kien ġie awtorizzat mingħajr limitu ta' żmien f'konformità mad-Direttiva 70/524/KEE bħala addittiv tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali. Dak l-addittiv wara ddaħħal fir-Reġistru tal-addittivi tal-għalf bħala prodott eżistenti, f'konformità mal-Artikolu 10(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (3) F'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 flimkien mal-Artikolu 7 tiegħu, tressqet applikazzjoni għall-ewalwazzjoni mill-ġdid ta' żejt essenzjali mill-weraq tal-*Agathosma betulina* (P.J. Bergius) Pillans (żejt essenzjali tal-weraq tal-bukku) għall-ispeċijiet kollha tal-annimali.
- (4) L-applikant talab li l-addittiv jiġi kklassifikat fil-kategorija tal-addittivi "addittivi sensorjali" u fil-grupp funzjonali "komposti aromatizzanti". Flimkien ma' dik l-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (5) L-applikant talab li l-addittiv jiġi awtorizzat ukoll biex jintuża fl-ilma tax-xorb. Iżda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 ma jippermettix l-awtorizzazzjoni ta' komposti aromatizzanti għall-użu fl-ilma tax-xorb. Għaldaqstant, jenħtieġ li ma jingħatax permess li ż-żejt essenzjali tal-weraq tal-bukku mill-*Agathosma betulina* (P.J. Bergius) Pillans jintuża fl-ilma tax-xorb.
- (6) Fl-opinjoni tagħha tas-27 ta' Jannar 2022 <sup>(3)</sup>, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li bil-kundizzjonijiet tal-użu proposti, iż-żejt essenzjali tal-weraq tal-bukku mill-*Agathosma betulina* (P.J. Bergius) Pillans ma għandux effetti negattivi fuq is-saħħa tal-annimali, fuq is-saħħa tal-konsumaturi jew fuq l-ambjent. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li jenħtieġ li ż-żejt essenzjali tal-weraq tal-bukku mill-*Agathosma betulina* (P.J. Bergius) Pillans jitqies bħala irritant tal-ġilda u tal-għajnejn, u bħala sensitizzatur tal-ġilda u respiratorju. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li jenħtieġ li jittieħdu miżuri protettivi xierqa sabiex jiġu evitati effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-utenti tal-addittiv.
- (7) L-Awtorità kkonkludiet ukoll li ż-żejt essenzjali tal-weraq tal-bukku mill-*Agathosma betulina* (P.J. Bergius) Pillans huwa rikonnoxxut li jagħti t-togħma lill-ikel, u li l-funzjoni tiegħu fl-għalf tkun essenzjalment l-istess bħal dik fl-ikel, u għalhekk ma hemmx bżonn li jkun hemm aktar provi tal-effikaċja tiegħu. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodi ta' analiżi tal-addittiv tal-għalf ippreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.<sup>(2)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda addittivi f'għalf għall-bhejjem (ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1).<sup>(3)</sup> EFSA Journal 2022;20(3):7160.

- (8) Il-valutazzazzjoni taż-żejt essenzjali tal-weraq tal-bukku mill-*Agathosma betulina* (P.J. Bergius) Pillans turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previsti fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant jenħtieġ li l-użu ta' dik is-sustanza kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament jiġi awtorizzat.
- (9) Jenħtieġ li jiġu previsti ċerti kundizzjonijiet biex isir kontroll aħjar. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkun indikat kontenut rakkomandat fuq it-tikketta tal-addittiv. Meta dan il-kontenut jinqabeż, jenħtieġ li tiġi indikata ċerta informazzjoni fuq it-tikketta tal-premixxeli.
- (10) Il-fatt li ż-żejt essenzjali tal-weraq tal-bukku mill-*Agathosma betulina* (P.J. Bergius) Pillans mhuwiex awtorizzat biex jintuża bħala aromatizzant fl-ilma tax-xorb ma jipprekludix li jintuża fl-għalf kompost, li fih jiżdied permezz tal-ilma.
- (11) Peress li ma hemmx raġunijiet ta' sikurezza li jirrikjedu l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għas-sustanza kkonċernata, jixraq li jingħata perjodu ta' tranżizzjoni biex il-partijiet interessati jitħejjew biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.
- (12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

##### Awtorizzazzjoni

Is-sustanza speċifikata fl-Anness, li hija fil-kategorija ta' addittivi "addittivi sensorjali" u fil-grupp funzjonali "komposti aromatizzanti", hija awtorizzata bħala addittiv tal-għalf fin-nutrizzjoni tal-annimali, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

#### Artikolu 2

##### Miżuri tranżizzjonali

1. Is-sustanza speċifikata fl-Anness u l-premixxeli li jkun fihom din is-sustanza, li jkunu ġew prodotti u ttikkettati qabel it-12 ta' Marzu 2023 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel it-12 ta' Settembru 2022 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.
2. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom is-sustanza kif speċifikat fl-Anness, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel it-12 ta' Settembru 2023 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel it-12 ta' Settembru 2022 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti jekk ikunu maħsuba għall-annimali li jipproduċu l-ikel.
3. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom is-sustanza kif speċifikat fl-Anness, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel it-12 ta' Settembru 2024 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel it-12 ta' Settembru 2022 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti jekk ikunu maħsuba għall-annimali li ma jipproduċux l-ikel.

#### Artikolu 3

##### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---



## ANNEX

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmieni il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
					mg ta' addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			

**Kategorija: Addittivi sensorjali. Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti**

2b85c-eo	Żejt essenzjali tal-weraq tal-bukku	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Żejt essenzjali miksub mill-weraq tal-<i>Agathosma betulina</i> (P.J. Bergius) Pillans</p> <p>Forma likwida</p> <p>Metilewġenol ≤ 0,17 %</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>Żejt essenzjali tal-weraq tal-bukku prodott permezz tad-distillazzjoni bil-fwar mill-weraq tal-<i>Agathosma betulina</i> (P.J. Bergius) Pillans kif iddefinit mill-Kunsill tal-Ewropa (1).</p> <p>d,l-Isomenton: 19 – 27 % d-Limonen: 19 – 26 % 2-Idrossipiperiton (jew diosfenol): 8 – 17 % p-Mentan-3-on: 5 – 12 % Pulegon: 1,5 – 8 %</p> <p>Numru CAS: 68650-46-4 Numru CoE: 85c Numru FEMA: 2169</p>	L-ispeċijiet kollha tal-annimali minbarra l-qtates	-	-	-	<p>1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' premixxela.</p> <p>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tal-premixxeli, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.</p> <p>3. Mhuwiex permess li jitħallat ma' addittivi oħrajn li jkun fihom il-metilewġenol.</p> <p>4. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva f'kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: — tiġieġ tas-simna u speċijiet minuri oħra ta' pollam imrobbija għat-tismin: 0,1 mg; — tiġieġ tal-bajd u speċijiet minuri oħra ta' pollam imrobbija għall-bajd u għat-tgħammir, dundjani tas-simna u fniek: 0,15 mg; — driefeġ tal-ispeċijiet kollha tas-<i>Suidae</i>: 0,20 mg; — is-<i>Suidae</i> tas-simna kollha: 0,25 mg; — ħnieżer nisa u ruminanti tal-ħalib: 0,30 mg;</p>	12.9.2032
			Qtates	-	-	0.2		

		<p><i>Metodu analitiku</i> <sup>(?)</sup></p> <p>Għad-determinazzjoni ta' d-limonen u d,l-isomenton (markaturi fitokimiċi) fl-addittiv tal-għalf (żejt essenzjali tal-weraq tal-bukku):</p> <p>— kromatografija b'fażi gassuża abbinata ma' detezzjoni tal-jonizzazzjoni bi fjamma (GC-FID) (abbażi ta' ISO 11024)</p>					<p>— ruminanti tas-simna u żwiemel: 0,45 mg;</p> <p>— għoġġiela (sostitut tal-ħalib), klieb, ħut, u ħut ornamental: 0,5 mg;</p> <p>— speċijiet oħra, minbarra l-qtates: 0,1 mg.”</p> <p>5. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tal-premixxela meta l-livell tal-użu fuq it-tikketta tal-premixxela tkun tirriżulta li jinqabeż il-livell imsemmi fil-punt 4.</p> <p>6. Għall-utenti tal-addittiv u tal-premixxeli, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda, jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs.</p>
--	--	--	--	--	--	--	---

<sup>(1)</sup> Natural sources of flavourings - Report No. 2 (2007)

<sup>(2)</sup> Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: [https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports\\_en](https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en)

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1420****tat-22 ta' Awwissu 2022****dwar l-awtorizzazzjoni tal-aċidu L-glutamiku u tal-glutamat tal-monosodju prodotti mill-*Corynebacterium glutamicum* NITE BP-01681 bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' tali awtorizzazzjoni.
- (2) F'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, tressqet applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni tal-aċidu L-glutamiku u tal-glutamat tal-monosodju prodotti mill-*Corynebacterium glutamicum* NITE BP-01681. Flimkien ma' dik l-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (3) L-applikazzjoni tikkonċerna l-awtorizzazzjoni tal-aċidu L-glutamiku u tal-glutamat tal-monosodju prodotti mill-*Corynebacterium glutamicum* NITE BP-01681 bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali, biex jiġu kklassifikati fil-kategoriji "addittivi nutrittivi" u "addittivi sensorjali".
- (4) L-applikant talab li l-addittiv tal-għalf jiġi awtorizzat għall-użu wkoll fl-ilma tax-xorb. Madankollu, ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 ma jippermettix l-awtorizzazzjoni ta' "komposti aromatizzanti" għall-użu fl-ilma tax-xorb. Għalhekk, l-użu tal-glutamat tal-monosodju prodott mill-*Corynebacterium glutamicum* KCCM 80188 fl-ilma tax-xorb jenħtieġ ma jkunx permess. Il-fatt li l-użu tal-addittiv mhuwiex awtorizzat bħala aromatizzant fl-ilma tax-xorb ma jipprekludix l-użu tiegħu fl-għalf kompost amministrat mal-ilma.
- (5) Fl-opinjoni tagħha tas-26 ta' Jannar 2022 <sup>(2)</sup>, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li, skont il-kundizzjonijiet tal-użu proposti, l-aċidu L-glutamiku u l-glutamat tal-monosodju prodotti mill-*Corynebacterium glutamicum* NITE BP-01681 ma għandhomx effetti avversi fuq is-saħħa tal-annimali, is-sikurezza tal-konsumaturi jew fuq l-ambjent. Ikkonkludiet ukoll li dawn is-sustanzi la huma kkunsidrati bħala irritanti għall-ġilda jew għall-għajnejn, u lanqas sensitizzaturi tal-ġilda, iżda huma kkunsidrati bħala riskju mill-inalazzjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni tqis li jenħtieġ li jittieħdu miżuri protettivi xierqa sabiex jiġu evitati effetti avversi fuq is-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-utenti tal-addittiv. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li dawn is-sustanzi għandhom il-potenzjal li jkunu effikaċi bħala addittivi nutrittivi u bħala komposti aromatizzanti fl-għalf. L-Awtorità ma tqisx li hemm bżonn ta' rekwiżiti speċifiċi għas-sorveljanza ta' wara t-tqegħid fis-suq. Ivverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodi ta' analiżi tal-addittiv tal-għalf fl-għalf, li ġie ppreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (6) Il-valutazzjoni tal-aċidu L-glutamiku u tal-glutamat tal-monosodju prodotti mill-*Corynebacterium glutamicum* NITE BP-01681 turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni, kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant, l-użu ta' dawn is-sustanzi jenħtieġ li jiġi awtorizzat kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.<sup>(2)</sup> EFSA Journal 2022;20(3):7156.

- (7) Jenħtieġ li jiġu previsti restrizzjonijiet u kundizzjonijiet biex ikun hemm kontroll aħjar. B'mod partikolari, jenħtieġ li jiġi indikat kontenut rakkomandat fuq it-tikketta tal-addittiv tal-għalf. Meta dan il-kontenut jinqabeż, jenħtieġ li ċerta informazzjoni tiġi indikata fuq it-tikketta tat-taħlitiet lesti minn qabel.
- (8) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### *Artikolu 1*

1. Is-sustanzi speċifikati fl-Anness, li jaqgħu taħt il-kategorija ta' addittivi "addittivi nutrittivi" u l-grupp funzjonali "amminoaċidi, l-imlieh u l-analogi tagħhom", huma awtorizzati bħala addittivi fin-nutrizzjoni tal-annimali, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.
2. Is-sustanzi speċifikati fl-Anness, li jaqgħu taħt il-kategorija tal-addittivi "addittivi sensorjali" u l-grupp funzjonali "komposti aromatizzanti", huma awtorizzati bħala addittivi fin-nutrizzjoni tal-annimali, soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dak l-Anness.

#### *Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

## ANNEX

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-animali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
					mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			

**Kategorija: addittivi nutrittivi****Grupp funzjonali: amminoaċidi, l-imlieh u l-analogi tagħhom**

2b620i	<p>Ācidu L-glutamiku</p>	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Ācidu L-glutamiku</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>Ācidu L-glutamiku prodott mill-<i>Corynebacterium glutamicum</i> NITE BP-01681</p> <p>Purità: ≥ 98 %</p> <p>Formula kimika: C<sub>5</sub>H<sub>9</sub>O<sub>4</sub>N</p> <p>Numru CAS: 56-86-0</p> <p>Numru EINECS: 200-293-7</p> <p><i>Metodu analitiku</i> <sup>(1)</sup></p> <p>Għall-identifikazzjoni tal-ācidu L-glutamiku fl-addittiv tal-għalf:</p> <p>— Monografiji tal-Codex tas-Sustanzi Kimiċi tal-Ikel: "Ācidu L-glutamiku"</p> <p>Għall-kwantifikazzjoni tal-ācidu glutamiku fl-addittiv tal-għalf:</p> <p>— Kromatografija bi skambju tal-joni abbinata ma' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni viżibbli jew fluworexxenti (IEC-VIS/FLD) jew</p>	L-ispeċijiet kollha tal-animali	-	-	-	<ol style="list-style-type: none"> <li>Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana.</li> <li>L-addittiv jista' jintuża permezz tal-ilma tax-xorb.</li> <li>Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni jew mill-kuntatt mal-ġilda. Meta dawk ir-riskji ma jstgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu b'dawn il-proċeduri u l-miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġħmir protettiv personali xieraq, inkluż protezzjoni għan-nifs.</li> <li>Dikjarazzjonijiet li jridu jsiru fuq it-tikkettar tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel: "Is-supplimentazzjoni bl-ācidu L-glutamiku, b'mod partikolari permezz tal-ilma tax-xorb, għandha tqis kull amminoaċidu essenzjali u kundizzjonalment essenzjali biex jiġu evitati l-iżbilanċi."</li> </ol>	It-12 ta' Settembru 2032
--------	--------------------------	---	---------------------------------	---	---	---	--	--------------------------

	<p>— Kromatografija bi skambju tal-joni abbina ta' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni fotometrika (IEC-VIS)</p> <p>Għad-determinazzjoni tal-aċidu L-glutamiku fit-taħlitiet lesti minn qabel:</p> <p>— Kromatografija bi skambju tal-joni abbina ta' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni viżibbli jew fluworexxenti (IEC-VIS/FLD) jew</p> <p>— Kromatografija bi skambju tal-joni abbina ta' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni fotometrika (IEC-VIS), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 (l-Anness III, F)</p> <p>Għall-kwantifikazzjoni tal-aċidu L-glutamiku fl-għalf:</p> <p>— Kromatografija bi skambju tal-joni abbina ta' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni fotometrika (IEC-VIS), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 (l-Anness III, F)</p>						
--	--	--	--	--	--	--	--

(<sup>1</sup>) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: [https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports\\_en](https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en)

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
					mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			

**Kategorija: Addittivi sensorjali**

**Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti**

2b620i	Aċidu L-glutamiku	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i>  Aċidu L-glutamiku  <i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i>  Aċidu L-glutamiku prodott mill-<i>Corynebacterium glutamicum</i> NITE BP-01681  Purità: ≥ 98 %  Formula kimika: C<sub>5</sub>H<sub>9</sub>O<sub>4</sub>N  Numru CAS: 56-86-0  Numru EINECS: 200-293-7  <i>Metodu analitiku</i> (1)  Għall-identifikazzjoni tal-aċidu L-glutamiku fl-addittiv tal-għalf:  — Monografiji tal-Codex tas-Sustanzi Kimiċi tal-Ikel: "Aċidu L-glutamiku"  Għall-kwantifikazzjoni tal-aċidu glutamiku fl-addittiv tal-għalf:  — Kromatografija bi skambju tal-joni abbinata ma' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni viżibbli jew fluworexxenti (IEC-VIS/FLD) jew  — Kromatografija bi skambju tal-joni abbinata ma' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni fotometrika (IEC-VIS)</p>	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	-	-	-	<ol style="list-style-type: none"> <li>1. L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.</li> <li>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana.</li> <li>3. Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva tal-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 25 mg/kg."</li> <li>4. Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom ikunu indikati fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel, meta l-livell tal-użu fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel iwassal biex jinqabeż il-livell tas-sustanza attiva fl-għalf komplet imsemmi fil-punt 3.</li> <li>5. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni jew mill-kuntatt mal-ġilda. Meta daww ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell</li> </ol>	It-12 ta' Settembru 2032
--------	-------------------	--	----------------------------------	---	---	---	--	--------------------------

		<p>Għad-determinazzjoni tal-aċidu L-glutamiku fit-taħlitiet lesti minn qabel:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Kromatografija bi skambju tal-joni abbinate ma' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni viżibbli jew fluworexxenti (IEC-VIS/FLD) jew</li> <li>— Kromatografija bi skambju tal-joni abbinate ma' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni fotometrika (IEC-VIS), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 (l-Anness III, F)</li> </ul>					<p>minimu b'dawn il-proċeduri u l-miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġħmir protettiv personali xieraq, inkluż protezzjoni għan-nifs.</p>	
--	--	--	--	--	--	--	---	--

(<sup>4</sup>) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: [https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports\\_en](https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en)



Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
					mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			

**Kategorija: addittivi nutrittivi**

**Grupp funzjonali: amminoaċidi, l-imlieh u l-analogi tagħhom**

2b621ii	Glutamat tal-monosodju	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i>            Glutamat tal-monosodju  <i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i>            Glutamat tal-monosodju prodott mill-<i>Corynebacterium glutamicum</i> NITE BP-01681            Purità: ≥ 99 %            Formula kimika: C<sub>5</sub>H<sub>8</sub>NaNO<sub>4</sub>·H<sub>2</sub>O            Numru CAS: 6106-04-3            Numru EINECS: 205-538-1  <i>Metodu analitiku</i> <sup>(1)</sup>            Għall-identifikazzjoni tal-L-glutamat tal-monosodju fl-addittiv tal-għalf:            — Monografiji tal-Codex tas-Sustanzi Kimiċi tal-Ikel: "L-glutamat tal-monosodju"            Għall-kwantifikazzjoni tal-glutamat tal-monosodju fl-addittiv tal-għalf:            — Kromatografija bi skambju tal-joni abbinata ma' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni viżibbli jew fluworexxenti (IEC-VIS/FLD) jew            — Kromatografija bi skambju tal-joni abbinata ma' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni fotometrika (IEC-VIS)</p>	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	-	-	-	<ol style="list-style-type: none"> <li>1. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana.</li> <li>2. L-addittiv jista' jintuża permezz tal-ilma tax-xorb.</li> <li>3. Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni jew mill-kuntatt mal-ġilda. Meta dawk ir-riskji ma jistgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu b'dawn il-proċeduri u l-miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġmhir protettiv personali xieraq, inkluż protezzjoni għan-nifs.</li> <li>4. Dikjarazzjonijiet li jridu jsiru fuq it-tikkettar tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel: "Is-supplimentazzjoni bil-glutamat tal-monosodju, b'mod partikolari permezz tal-ilma tax-xorb, għandha tqis kull amminoaċidu essenzjali u kundizzjonalment essenzjali biex jiġu evitati l-iżbilanċi."</li> </ol>	It-12 ta' Settembru 2032
---------	------------------------	---	----------------------------------	---	---	---	---	--------------------------

	<p>Għall-kwantifikazzjoni tal-glutamat tal-monosodju fit-taħlitiet lesti minn qabel:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Kromatografija bi skambju tal-joni abbinate ma' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni viżibbli jew fluworexxenti (IEC-VIS/FLD) jew</li> <li>— Kromatografija bi skambju tal-joni abbinate ma' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni fotometrika (IEC-VIS), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 (l-Anness III, F)</li> </ul> <p>Għall-kwantifikazzjoni tal-glutamat tal-monosodju fl-għalf:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Kromatografija bi skambju tal-joni abbinate ma' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni fotometrika (IEC-VIS), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 (l-Anness III, F)</li> </ul>						
--	--	--	--	--	--	--	--

(<sup>1</sup>) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: [https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports\\_en](https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en)

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimali	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
					mg ta' sustanza attiva/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			

**Kategorija: Addittivi sensorjali**

**Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti**

2b621ii	Glutamat tal-monosodju	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i>            Glutamat tal-monosodju  <i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i>            Glutamat tal-monosodju prodott mill-<i>Corynebacterium glutamicum</i> NITE BP-01681            Purità: ≥ 99 %            Formula kimika: C<sub>5</sub>H<sub>8</sub>NaNO<sub>4</sub>·H<sub>2</sub>O            Numru CAS: 6106-04-3            Numru EINECS: 205-538-1  <i>Metodu analitiku</i> <sup>(1)</sup>            Għall-identifikazzjoni tal-L-glutamat tal-monosodju fl-addittiv tal-għalf:            — Monografiji tal-Codex tas-Sustanzi Kimiċi tal-Ikel: "L-glutamat tal-monosodju"            Għall-kwantifikazzjoni tal-glutamat tal-monosodju fl-addittiv tal-għalf:            — Kromatografija bi skambju tal-joni abbinata ma' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni viżibbli jew fluworexenti (IEC-VIS/FLD) jew            — Kromatografija bi skambju tal-joni abbinata ma' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni fotometrika (IEC-VIS)</p>	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	-	-	-	<ol style="list-style-type: none"> <li>L-addittiv għandu jiġi inkorporat fl-għalf fil-forma ta' taħlita lesta minn qabel.</li> <li>Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tat-taħlita lesta minn qabel, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u l-istabbiltà għat-trattament bis-sħana.</li> <li>Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva tal-għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: 25 mg/kg."</li> <li>Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom ikunu indikati fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel, meta l-livell tal-użu fuq it-tikketta tat-taħlita lesta minn qabel iwassal biex jinqabeż il-livell tas-sustanza attiva fl-għalf komplet imsemmi fil-punt 3.</li> <li>Għall-utenti tal-addittiv u tat-taħlitiet lesti minn qabel, l-operaturi tan-negozju tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni jew mill-kuntatt mal-ġilda. Meta daww ir-riskji ma jstgħux jiġu eliminati jew jitnaqqsu għal livell minimu b'dawn il-proċeduri u l-miżuri, l-addittiv u t-taħlitiet lesti minn qabel għandhom jintużaw b'taġmir protettiv personali xieraq, inkluż protezzjoni għan-nifs.</li> </ol>	It-12 ta' Settembru 2032
---------	------------------------	--	----------------------------------	---	---	---	--	--------------------------

	<p>Għall-kwantifikazzjoni tal-glutamat tal-monosodju fit-taħlitiet lesti minn qabel:</p> <ul style="list-style-type: none"> <li>— Kromatografija bi skambju tal-joni abbinata ma' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni viżibbli jew fluworexxenti (IEC-VIS/FLD) jew</li> <li>— Kromatografija bi skambju tal-joni abbinata ma' derivatizzazzjoni postkolonna u detezzjoni fotometrika (IEC-VIS), ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 152/2009 (l-Anness III, F)</li> </ul>						
--	---	--	--	--	--	--	--

(<sup>4</sup>) Id-dettalji tal-metodi analitiċi huma disponibbli fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: [https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports\\_en](https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en)

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/1421

tat-22 ta' Awwissu 2022

**li jikkonċerna l-awtorizzazzjoni taż-żejt essenzjali espress tal-larinġ, taż-żejt essenzjali ddistillat tal-larinġ, u taż-żjut tal-larinġ ikkonċentrati, mis-*Citrus sinensis* (L.) Osbeck bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 jipprevedi l-awtorizzazzjoni ta' addittivi għall-użu fl-għalf tal-annimali u r-raġunijiet u l-proċeduri għall-għoti ta' tali awtorizzazzjoni. L-Artikolu 10(2) ta' dak ir-Regolament jipprevedi l-evalwazzjoni mill-ġdid tal-addittivi awtorizzati skont id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE <sup>(2)</sup>.
- (2) Iż-żejt essenzjali espress tal-larinġ, iż-żejt essenzjali ddistillat tal-larinġ, u ż-żjut tal-larinġ ikkonċentrati ġew awtorizzati mingħajr limitu ta' żmien f'konformità mad-Direttiva 70/524/KEE bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali. Dawn l-addittivi wara ddaħħlu fir-Reġistru tal-addittivi tal-għalf bħala prodotti eżistenti, f'konformità mal-Artikolu 10(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (3) Tressqet applikazzjoni għall-evalwazzjoni mill-ġdid taż-żejt essenzjali espress tal-larinġ, taż-żejt essenzjali ddistillat tal-larinġ, u taż-żjut tal-larinġ ikkonċentrati miksuba mis-*Citrus sinensis* (L.) Osbeck bħala addittivi tal-għalf għall-ispeċijiet kollha tal-annimali f'konformità mal-Artikolu 10(2) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 flimkien mal-Artikolu 7 tiegħu.
- (4) L-applikant talab li l-addittivi jiġu kklassifikati fil-kategorija tal-addittivi "addittivi sensorjali" u fil-grupp funzjonali "komposti aromatizzanti". Flimkien ma' dik l-applikazzjoni ntbagħtu d-dettalji u d-dokumenti meħtieġa skont l-Artikolu 7(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (5) L-applikant talab li l-addittivi jiġu awtorizzati ukoll biex jintużaw fl-ilma tax-xorb. Iżda r-Regolament (KE) Nru 1831/2003 ma jippermettix l-awtorizzazzjoni ta' komposti aromatizzanti għall-użu fl-ilma tax-xorb. Għaldaqstant, jenħtieġ li ma jingħatax permess li dawn l-addittivi jintużaw fl-ilma tax-xorb.
- (6) Fl-opinjoni tagħha tad-29 ta' Settembru 2021 <sup>(3)</sup>, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel ("l-Awtorità") ikkonkludiet li, skont il-kundizzjonijiet ta' użu proposti, iż-żejt essenzjali espress tal-larinġ, iż-żejt essenzjali ddistillat tal-larinġ u ż-żjut tal-larinġ ikkonċentrati mis-*Citrus sinensis* (L.) Osbeck ma għandhomx effetti negattivi fuq is-saħħa tal-annimali, fuq is-saħħa tal-konsumaturi jew fuq l-ambjent. Iżda ma setgħet tikkonkludi xejn dwar l-effetti fuq il-klieb, il-qtates, il-ħut ornamentali u l-għasafar ornamentali li normalment ma jiġux esposti għall-prodotti sekondarji taċ-ċitru. L-Awtorità kkonkludiet ukoll li ż-żejt essenzjali espress tal-larinġ, iż-żejt essenzjali ddistillat tal-larinġ, u ż-żjut tal-larinġ ikkonċentrati mis-*Citrus sinensis* (L.) Osbeck jenħtieġ li jitqiesu bħala irritanti tal-ġilda u tal-għajnejn, u bħala sensitizzaturi tal-ġilda u respiratorji. Għalhekk, il-Kummissjoni hija tal-fehma li jenħtieġ li jittieħdu miżuri protettivi xierqa sabiex jiġu evitati effetti negattivi fuq is-saħħa tal-bniedem, b'mod partikolari fir-rigward tal-utenti tal-addittivi.

<sup>(1)</sup> ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29.

<sup>(2)</sup> Id-Direttiva tal-Kunsill 70/524/KEE tat-23 ta' Novembru 1970 li tirrigwarda addittivi f'għalf għall-bhejjem (ĠU L 270, 14.12.1970, p. 1).

<sup>(3)</sup> EFSA Journal 2021;19(11):6891.

- (7) L-Awtorità kkonkludiet ukoll, li huwa magħruf li ż-żejt essenzjali espress tal-larinġ, iż-żejt essenzjali ddistillat tal-larinġ, u ż-żjut tal-larinġ ikkonċentrati li jinkisbu mis-*Citrus sinensis* (L.) Osbeck jagħtu t-togħma lill-ikel, u li l-funzjoni tagħhom fl-għalf tkun essenzjalment l-istess bħal dik fl-ikel, u għalhekk ma hemmx bżonn li jkun hemm aktar provi tal-effikaċja tagħhom. Hija vverifikat ukoll ir-rapport dwar il-metodi ta' analiżi tal-addittivi tal-għalf ippreżentat mil-Laboratorju ta' Referenza stabbilit permezz tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003.
- (8) Il-valutazzjoni taż-żejt essenzjali espress tal-larinġ, iż-żejt essenzjali ddistillat tal-larinġ, u ż-żjut tal-larinġ ikkonċentrati miksubin mis-*Citrus sinensis* (L.) Osbeck turi li l-kundizzjonijiet għall-awtorizzazzjoni kif previst fl-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003, huma ssodisfati. Għaldaqstant jenħtieġ li l-użu ta' dawn is-sustanzi kif speċifikat fl-Anness ta' dan ir-Regolament jiġi awtorizzat.
- (9) Jenħtieġ li jiġu previsti ċerti kundizzjonijiet biex isir kontroll aħjar. B'mod partikolari, jenħtieġ li jkun indikat kontenut rakkomandat fuq it-tikketta tal-addittivi tal-għalf. Meta dan il-kontenut jinqabeż, jenħtieġ li tiġi indikata ċerta informazzjoni fuq it-tikketta tal-premixeli.
- (10) Il-fatt li l-addittivi mhumieq awtorizzati biex jintużaw bħala aromatizzant fl-ilma tax-xorb ma jipprekludix li jintużaw fl-għalf kompost, li fih jiżdiedu permezz tal-ilma.
- (11) Peress li ma hemmx raġunijiet ta' sikurezza li jirrikjedu l-applikazzjoni immedjata tal-modifiki fil-kundizzjonijiet tal-awtorizzazzjoni għas-sustanzi kkonċernati, jixraq li jingħata perjodu tranżizzjonali biex il-partijiet interessati jitħejjew biex jissodisfaw ir-rekwiżiti l-ġodda li jirriżultaw mill-awtorizzazzjoni.
- (12) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Annimali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

### Awtorizzazzjoni

Is-sustanzi speċifikati fl-Anness, li huma fil-kategorija tal-addittivi "addittivi sensorjali" u fil-grupp funzjonali "komposti aromatizzanti", huma awtorizzati bħala addittivi tal-għalf fin-nutrizzjoni tal-annimali, soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

#### Artikolu 2

### Miżuri tranżizzjonali

1. Is-sustanzi speċifikati fl-Anness u l-premixeli li jkun fihom dawn is-sustanzi, li jkunu ġew prodotti u ttikkettati qabel it-12 ta' Marzu 2023 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel it-12 ta' Settembru 2022 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw il-ħażniet eżistenti.
2. L-għalf kompost u l-materjali tal-għalf li fihom is-sustanzi kif speċifikati fl-Anness, li jiġu prodotti u ttikkettati qabel it-12 ta' Settembru 2023 f'konformità mar-regoli applikabbli qabel it-12 ta' Settembru 2022 jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sakemm jispiċċaw l-istokkijiet eżistenti jekk ikunu maħsuba għall-annimali li jipproduċu l-ikel.

#### Artikolu 3

### Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kummissjoni*  
*Il-President*  
Ursula VON DER LEYEN

---

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-animall	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmiem il-perjodu tal-awtorizzazzjoni	
					mg ta' addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %				
<b>Kategorija: Addittivi sensorjali Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti</b>									
2b143-eo	Żejt essenzjali espress tal-larinġ	<i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i>	Tiġieġ tas-simna u speċijiet minuri oħra ta' pollam tas-simna:  Tiġieġ tal-bajd u speċijiet minuri oħra ta' pollam imrobbija għall-bajd u għat-tgħammir:  Dundjani tas-simna	-	-	80	<ol style="list-style-type: none"> <li>L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' premixxela.</li> <li>Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tal-premixxeli, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.</li> <li>Huwa permess it-taħlit ma' addittivi botaniċi oħra dment li l-ammonti tal-perillaldeid li jinżied mal-għalf permezz ta' dawn it-taħlitiet ikun inqas minn dak li jirriżulta bl-użu ta' addittiv wieħed fil-livell massimu jew irrakkomandat għall-ispeċi jew għall-kategorija tal-animalli.</li> </ol>	12.9.2032	
		<i>Żejt essenzjali espress tal-larinġ mill-qxur tas-Citrus sinensis (L.) Osbeck (¹).</i>  Forma likwida  <i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i>  <i>Żejt essenzjali miksub bit-tagħsir fil-kiesaħ tal-qoxra tas-Citrus sinensis (L.) Osbeck kif iddefinit mill-Kunsill tal-Ewropa (²).</i>  Fil-frazzjoni volatili:  d-Limonen: 93-97 %  Mirċen: 1,5-3,5 %  Sabinen: 0,1-1,0 %  α-Pinen: 0,4-0,8 %  Linalol: 0,1-0,7 %  Dekanal: 0,1-0,7 %  Ottanal: 0,1-0,6 %		Is-Suidae tas-simna kollha	-	-			172
				Driefeġ tal-ispeċijiet kollha tas-Suidae	-	-			144
							<ol style="list-style-type: none"> <li>Għall-utenti tal-addittiv u tal-premixxeli, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta daww ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u l-premixxeli għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs.</li> </ol>		



<p>Perillaltheid: &lt; 0,05 %</p> <p>Numru CAS: 8028-48-6</p> <p>Numru EINECS: 232-433-8</p> <p>Numru FEMA: 2825</p> <p>Numru CoE: 143</p> <p>Metodu analitiku <sup>(1)</sup></p> <p>Għad-determinazzjoni tad-d-limonen (markatur fitokimiku) fl-addittiv tal- għalf:</p> <p>— kromatografija b'fażi gassuża abbinata ma' detezzjoni tal-jonizzazzjoni bi fjamma (GC-FID) (abbażi ta' ISO 3140)</p>	Ħnieżer nisa	-	-	200
	Ruminanti	-	-	130
	Żwiemel	-	-	230
	Fniek Ħut għajr il-ħut ornamentali	-	-	50
	Speċijiet oħra	-	-	50

<sup>(1)</sup> Sinonimi: Citrus sinensis (L.) Pers., Citrus aurantium (L.) Dulcis.

<sup>(2)</sup> Natural sources of flavourings - Report No. 2 (2007)

<sup>(3)</sup> Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: [https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports\\_en](https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en)

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmien il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
					mg ta' addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
<b>Kategorija: Addittivi sensorjali Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti</b>								
2b143-di	Żejt essenzjali ddistillat tal-larinġ	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Distillat (frazzjoni volatili) taż-żejt essenzjali tal-larinġ li jinkiseb mill-qxur tal-frott tas-<i>Citrus sinensis</i> (L.) Osbeck.</p> <p>Forma likwida</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>Frazzjoni volatili mid-distillazzjoni taż-żejt essenzjali espress tal-larinġ (ippressat fil-kiesaħ), li jinkiseb mill-qoxra tal-frott tas-<i>Citrus sinensis</i> (L.) Osbeck kif iddefinit mill-Kunsill tal-Ewropa (1).</p> <p>d-Limonen: 93-97,5 %</p> <p>Mirċen: 1,5-3,5 %</p> <p>Sabinen: 0,2-1,0 %</p> <p>α-Pinen: 0,3-0,8 %</p> <p>Linalol: 0,05-0,5 %</p> <p>Ottanal: 0,05-0,4 %</p> <p>Perillaldeid: &lt; 0,005 %</p>	<p>Tiġieġ tas-simna u speċijiet minuri oħra ta' pollam tas-simna:</p> <p>Tiġieġ tal-bajd u speċijiet minuri oħra ta' pollam imrobbija għall-bajd u għat-tgħammir:</p> <p>Dundjani tas-simna</p>	-	-	80	<p>1. L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' premixxela.</p> <p>2. Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tal-premixxeli, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.</p> <p>3. Huwa permess it-taħlit ma' addittivi botaniċi oħra dment li l-ammonti tal-perillaldeid li jinżied mal-għalf permezz ta' dawn it-taħlitiet ikun inqas minn dak li jirriżulta bl-użu ta' addittiv wieħed fil-livell massimu jew irrakkomandat għall-ispeċi jew għall-kategorija tal-annimali.</p> <p>4. Għall-utenti tal-addittiv u tal-premixxeli, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta daww ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u l-premixxeli għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs.</p>	12.9.2032
			<i>Suidae</i>	-	-	200		
			Ruminanti	-	-	130		
			Żwiemel	-	-	225		

	Numru CAS: 8028-48-6 Numru CoE: 143 Metodu analitiku <sup>(2)</sup> Għad-determinazzjoni tad-d-limonen (markatur fitokimiku) fl-addittiv tal- għalf: — kromatografija b'fażi gassuża abbinata ma' detezzjoni tal-jonizzazzjoni bi fjamma (GC-FID) (abbażi ta' ISO 3140)	Fniek	-	-	80	
		Ħut għajr il-ħut ornamentali				
		Speċijiet oħra	-	-	80	

<sup>(1)</sup> Natural sources of flavourings - Report No. 2 (2007)

<sup>(2)</sup> Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: [https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports\\_en](https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en)

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmien il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
					mg ta' addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			

**Kategorija: Addittivi sensorjali Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti**

2b143-f	Żejt tal-larinġ ikkonċentrat	<i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i>	Tiġieġ tas-simna u speċijiet minuri oħra ta' pollam tas-simna:	-	-	15,5	<ol style="list-style-type: none"> <li>L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' premixxela.</li> <li>Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tal-premixxeli, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.</li> <li>Huwa permess it-taħlit ma' addittivi botaniċi oħra dment li l-ammonti tal-perillaldeid li jinżied mal-għalf permezz ta' dawn it-taħlitiet ikun inqas minn dak li jirriżulta bl-użu ta' addittiv wieħed fil-livell massimu jew irrakkomandat għall-ispeċi jew għall-kategorija tal-annimali.</li> <li>Għall-utenti tal-addittiv u tal-premixxeli, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta daww ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u l-premixxeli għandhom jintużaw b'taġħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs.</li> </ol>	12.9.2032
		Żejt tal-larinġ ikkonċentrat miksub mill-qxur tal-frott tas- <i>Citrus sinensis</i> (L.) Osbeck.	Tiġieġ tal-bajd u speċijiet minuri oħra ta' pollam imrobbija għall-bajd u għat-tgħammir:	-	-	23,5		
		Forma likwida	Dundjani tas-simna	-	-	21		
		<i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i>	Is- <i>Suidae</i> tas-simna kollha	-	-	34		
		Żejt ikkonċentrat prodott permezz tad-distillazzjoni frazzjonali taż-żejt essenzjali espress tal-larinġ, li jinkiseb mill-qoxra tal-frott tas- <i>Citrus sinensis</i> (L) Osbeck kif iddefinit mill-Kunsill tal-Ewropa (1).	Driefeġ tal-ispeċijiet kollha tas- <i>Suidae</i>	-	-	28,5		
		Frazzjoni mhux volatili: 10,5 %	Ħnieżer nisa	-	-	41,5		
		Fil-frazzjoni volatili:	Għoġġiela (sostitut tal-ħalib)	-	-	66,5		
		d-Limonen: 89-96 %						
Dekanal: 0,5-2 %								
Linalol: 0,7-1,7 %								
Mirċen: 0,1-1,0 %								
Ġeranjol: 0,1-1,0 %								

<p>Perillaltheid: &lt; 0,3 %</p> <p>Numru CAS: 8028-48-6</p> <p>Numru FEMA: 2822</p> <p>Metodu analitiku <sup>(2)</sup></p> <p>Għad-determinazzjoni tad-d-limonen (markatur fitokimiku) fl-addittiv tal- għalf:</p> <p>— kromatografija b'fażi gassuża abbinata ma' detezzjoni tal-jonizzazzjoni bi fjamma (GC-FID) (abbażi ta' ISO 3140)</p>	Ruminanti tas-simna	-	-	62,5	
	Ruminanti tal-ħalib	-	-	40,5	
	Żwiemel	-	-	62,5	
	Fniek	-	-	25	
	Ħut għajr il-ħut ornamentali	-	-	70	
	Speċijiet oħra	-	-	15,5	

<sup>(1)</sup> Natural sources of flavourings - Report No. 2 (2007)

<sup>(2)</sup> Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: [https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports\\_en](https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en)

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Isem id-detentur tal-awtorizzazzjoni Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmien il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
					mg ta' addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
<b>Kategorija: Addittivi sensorjali Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti</b>								
2b143-f-i	Żejt tal-larinġ ikkonċentrat	<i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i>	Tiġieġ tas-simna u speċijiet minuri oħra ta' pollam tas-simna:	-	-	5,5	<ol style="list-style-type: none"> <li>L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' premixxela.</li> <li>Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tal-premixxeli, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.</li> <li>Huwa permess it-taħlit ma' addittivi botaniċi oħra dment li l-ammonti tal-perillaldeid li jinżied mal-għalf permezz ta' dawn it-taħlitiet ikun inqas minn dak li jirriżulta bl-użu ta' addittiv wieħed fil-livell massimu jew irrakkomandat għall-ispeċi jew għall-kategorija tal-annimali.</li> <li>Għall-utenti tal-addittiv u tal-premixxeli, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta daww ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u l-premixxeli għandhom jintużaw b'tagħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs.</li> </ol>	12.9.2032
		Żejt tal-larinġ ikkonċentrat miksub mill-qxur tal-frott tas- <i>Citrus sinensis</i> (L.) Osbeck.						
		Forma likwida	Tiġieġ tal-bajd u speċijiet minuri oħra ta' pollam imrobbija għall-bajd u għat-tgħammir:	-	-	8		
		<i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i>						
		Żejt ikkonċentrat prodott permezz tad-distillazzjoni frazzjonali taż-żejt essenzjali espress tal-larinġ, li jinkiseb mill-qoxra tal-frott tas- <i>Citrus sinensis</i> (L) Osbeck kif iddefinit mill-Kunsill tal-Ewropa (!).	Dundjani tas-simna	-	-	7		
		Frazzjoni mhux volatili: 20,9 %	Is- <i>Suidae</i> tas-simna kollha	-	-	11,5		
		Fil-frazzjoni volatili:						
d-Limonen: 79-89 %	Driefeġ tal-ispeċijiet kollha tas- <i>Suidae</i> :	-	-	9,5				
Dekanal: 3,0-5,0 %								
Linalol: 2,0-5,0 %								
Mirċen: 0,1-1,0 %								
Ġeranjal: 0,5-1,8 %	Ħnieżer nisa	-	-	14				
Perillaldeid: < 0,6 %								

<p>Numru CAS: 8028-48-6 Numru FEMA: 2822</p> <p>Metodu analitiku <sup>(2)</sup></p> <p>Għad-determinazzjoni tad-d-limonen (markatur fitokimiku) fl-addittiv tal-għalf:</p> <p>— kromatografija b'fażi gassuża abbinata ma' detezzjoni tal-jonizzazzjoni bi fjamma (GC-FID) (abbażi ta' ISO 3140)</p>	Għoġġiela (sostitut tal-ħalib)	-	-	23
	Ruminanti tas-simna	-	-	21,5
	Ruminanti tal-ħalib	-	-	14
	Żwiemel	-	-	21,5
	Fniek	-	-	8,5
	Ħut għajr il-ħut ornamentali	-	-	24,5
	Speċijiet oħra	-	-	5,5

<sup>(1)</sup> Natural sources of flavourings - Report No. 2 (2007)

<sup>(2)</sup> Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: [https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports\\_en](https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en)

Numru ta' identifikazzjoni tal-addittiv	Addittiv	Kompożizzjoni, formula kimika, deskrizzjoni, metodu analitiku.	Speċi jew kategorija tal-annimal	Età massima	Kontenut minimu	Kontenut massimu	Dispożizzjonijiet oħrajn	Tmieni il-perjodu tal-awtorizzazzjoni
					mg ta' addittiv/kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %			
<b>Kategorija: Addittivi sensorjali Grupp funzjonali: Komposti aromatizzanti</b>								
2b143-f-ii	Żejt tal-larinġ ikkonċentrat	<p><i>Kompożizzjoni tal-addittiv</i></p> <p>Żejt tal-larinġ ikkonċentrat miksub mill-qxur tal-frott tas-<i>Citrus sinensis</i> (L.) Osbeck.</p> <p>Forma likwida</p> <p><i>Karatterizzazzjoni tas-sustanza attiva</i></p> <p>Żejt ikkonċentrat prodott permezz tad-distillazzjoni frazzjonali taċ-ċejt essenzjali espress tal-larinġ, li jinkiseb mill-qoxra tal-frott tas-<i>Citrus sinensis</i> (L.) Osbeck kif iddefinit mill-Kunsill tal-Ewropa <sup>(1)</sup>.</p> <p>Frazzjoni mhux volatili: 18 %</p> <p>Fil-frazzjoni volatili:</p> <p>d-Limonen: 85-95 %</p> <p>Linalol: 0,5-4 %</p> <p>Numru CAS: 8028-48-6</p> <p>Numru FEMA: 2822</p>	L-ispeċijiet kollha tal-annimali	-	-	-	<ol style="list-style-type: none"> <li>L-addittiv għandu jkun inkorporat fl-għalf fil-forma ta' premixxela.</li> <li>Fl-istruzzjonijiet għall-użu tal-addittiv u tal-premixxeli, għandhom jiġu indikati l-kundizzjonijiet tal-ħżin u tal-istabbiltà waqt it-trattament bis-sħana.</li> <li>Fuq it-tikketta tal-addittiv għandu jiġi indikat dan li ġej: "Kontenut massimu rakkomandat tas-sustanza attiva f'kull kg ta' għalf komplet b'kontenut ta' ndewwa ta' 12 %: — Tiġieġ tas-simna u speċijiet minuri oħra tal-pollam tas-simna, tiġieġ tal-bajd u speċijiet minuri oħra mrobbijin għall-bajd u għattnissil, dundjani tas-simna, <i>Suidae</i>: 50 mg; — Għoġġiela (sostitut tal-ħalib): 70 mg; — Ruminanti għajr in-nagħaġ u l-mogħoż: 60 mg; — Nagħaġ u mogħoż: 70 mg; — Ħut, ħut ornamentali: 2 mg; — Annimali terrestri oħrajn: 50 mg."</li> <li>Il-grupp funzjonali, in-numru ta' identifikazzjoni, l-isem u l-ammont miżjud tas-sustanza attiva għandhom jiġu indikati fuq it-tikketta tal-premixxela meta l-livell tal-użu fuq it-tikketta tal-premixxela tkun tirriżulta li jinqabeż il-livell imsemmi fil-punt 3.</li> </ol>	12.9.2032



		<p><i>Metodu analitiku</i> <sup>(2)</sup></p> <p>Għad-determinazzjoni tad-d-limonen (markatur fitokimiku) fl-addittiv tal-għalf:</p> <p>— kromatografija b'fażi gassuża abbinata ma' detezzjoni tal-jonizzazzjoni bi fjamma (GC-FID) (abbażi ta' ISO 3140)</p>					<p>5. Għall-utenti tal-addittiv u tal-premixxeli, l-operaturi tan-negozji tal-għalf għandhom jistabbilixxu proċeduri operattivi u miżuri organizzattivi biex jindirizzaw ir-riskji potenzjali mill-inalazzjoni, mill-kuntatt mal-ġilda jew mill-kuntatt mal-għajnejn. Meta dawk ir-riskji ma jkunux jistgħu jiġu eliminati jew jitnaqqsu għall-minimu b'tali proċeduri u miżuri, l-addittiv u l-premixxeli għandhom jintużaw b'taġħmir protettiv personali, inkluż il-protezzjoni tal-ġilda, tal-għajnejn u tan-nifs.</p>	
--	--	--	--	--	--	--	---	--

<sup>(1)</sup> Natural sources of flavourings - Report No. 2 (2007)

<sup>(2)</sup> Id-dettalji tal-metodi analitiċi jinsabu fl-indirizz tal-Laboratorju ta' Referenza li ġej: [https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports\\_en](https://joint-research-centre.ec.europa.eu/eurl-fa-eurl-feed-additives/eurl-fa-authorisation/eurl-fa-evaluation-reports_en)

# ATTI ADOTTATI MINN KORPI STABILITI PERMEZZ TA' FTEHIMIET INTERNAZZJONALI

**RAKKOMANDAZZJONI Nru 1/2022 TAL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-GEORGIA**

**tas-16 ta' Awwissu 2022**

**dwar l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia 2021–2027 [2022/1422]**

IL-KUNSILL TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UE U L-GEORGIA,

Wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra,

Billi:

- (1) Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa l-waħda, u l-Georgia, min-naħa l-oħra<sup>(1)</sup> (il-“Ftehim”) ġie ffirmat fis-27 ta' Ġunju 2014 u daħal fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2016.
- (2) Skont l-Artikolu 406(1) tal-Ftehim, il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni għandu s-setgħa li jadotta rakkomandazzjonijiet, bil-għan li jintlaħqu l-oġettivi tal-Ftehim.
- (3) Skont l-Artikolu 420(1) tal-Ftehim, il-Partijiet għandhom jieħdu kull miżura ġenerali jew speċifika meħtieġa biex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont il-Ftehim u għandhom jiżguraw li jintlaħqu l-oġettivi stipulati fil-Ftehim.
- (4) L-Artikolu 11 tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jipprevedi l-possibbiltà li jittieħdu deċiżjonijiet u jsiru rakkomandazzjonijiet permezz ta' proċedura bil-miktub jekk iż-żewġ Partijiet jaqblu li jsir dan.
- (5) L-Unjoni u l-Georgia qablu li jikkonsolidaw is-sħubija tagħhom billi qablu fuq sett ta' prijoritajiet għall-perjodu bejn l-2021 u l-2027 (l-“Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia 2021-2027”) għall-ħidma konġunta lejn il-kisba tal-oġettivi ta' assoċjazzjoni politika u integrazzjoni ekonomika kif stipulati fil-Ftehim.
- (6) Il-Partijiet għall-Ftehim qablu fuq it-test tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia 2021-2027, li se tappoġġa l-implimentazzjoni tal-Ftehim, b'enfasi fuq il-kooperazzjoni f'interessi identifikati b'mod komuni bejniethom,

ADOTTA R-RAKKOMANDAZZJONI LI ĠEJJA:

## Artikolu 1

Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni jirrakkomanda li l-Partijiet jimplementaw l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia 2021-2027, kif tinsab fl-Anness.

## Artikolu 2

L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia 2021-2027, kif tinsab fl-Anness, għandha tissostitwixxi l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia li ġiet adottata fl-20 ta' Novembru 2017.

<sup>(1)</sup> ĠU L 261, 30.8.2014, p. 4.

*Artikolu 3*

Din ir-Rakkomandazzjoni għandha ssir effettiva fil-jum tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Tbilisi, is-16 ta' Awwissu 2022.

*Għall-Kunsill ta' Assoċjazzjoni*

*Il-President*

Irakli GARIBASHVILI

---

## ANNEX

## AĠENDA TA' ASSOĊJAZZJONI BEJN L-UNJONI EWROPEA U L-GEORGIA (2021–2027)

## Werrej

**Introduzzjoni****1. Prinċipji, strumenti u riżorsi għall-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni****2. Prijoritajiet tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni****A. Prijoritajiet Ewlenin għall-Azzjoni**

1. *Fil-qasam ta' ekonomiji reżiljenti, sostenibbli u integrati*
2. *Fil-qasam ta' istituzzjonijiet responsabbli, l-istat tad-dritt u s-sigurtà*
3. *Fil-qasam tar-reżiljenza ambjentali u klimatika*
4. *Fil-qasam tat-trasformazzjoni diġitali reżiljenti*
5. *Fil-qasam tas-soċjetajiet reżiljenti, ġusti u inklużivi*
6. *Fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà*

**B. Prijoritajiet fuq perjodu ta' żmien qasir u twil tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni**

1. *Demokrazija, drittijiet tal-bniedem u governanza tajba*
2. *Politika Barranija u ta' Sigurtà*
3. *Ġustizzja, Libertà u Sigurtà*
4. *Kwistjonijiet Kummerċjali u Relatati mal-Kummerċ*
5. *Kooperazzjoni Ekonomika u Settorjali*
6. *Konnettività, Enerġija, Ambjent, Azzjoni dwar il-Klima u Protezzjoni Ċivili*
7. *Il-mobbiltà u l-kuntatti bejn il-persuni*

## INTRODUZZJONI

Fis-27 ta' Ġunju 2014, l-Unjoni Ewropea, l-Istati Membri tagħha u l-Georgia ("il-Partijiet") iffirmaw Ftehim ta' Assoċjazzjoni ambizzjuż u innovattiv (FA), li jinkludi Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA). Il-Ftehim fih dispożizzjonijiet vinkolanti u bbażati fuq ir-regoli u jipprevedi kooperazzjoni msaħħa. Id-DCFTA ġiet applikata b'mod proviżorju sa mill-1 ta' Settembru 2014. Wara t-tlestija tal-proċess ta' ratifika, l-applikazzjoni sħiħa tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bdiet fl-1 ta' Lulju 2016.

L-Aġendi ta' Assoċjazzjoni sussegwenti miftiehma bejn l-UE u l-Georgia jħejju u jiffaċilitaw l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Il-prijoritajiet tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni jikkomplementaw ir-responsabbiltajiet tal-UE u tal-Georgia biex jiġu implimentati bis-sħiħ id-dispożizzjonijiet tal-AA/DCFTA. Il-fatt li l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni tiffoka fuq għadd limitat ta' prijoritajiet huwa mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni jew il-mandat tad-djalogu eżistenti taħt Ftehimiet rilevanti oħrajn jew taħt il-perkors multilaterali tas-Sħubija tal-Lvant. L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni wkoll ma tippreġudikax l-implimentazzjoni tal-impenji li saru fl-AA/DCFTA mid-dħul fis-seħħ tagħha, u tappoġġa l-prinċipju ta' approssimazzjoni dinamika.

Barra minn hekk, l-ivvjaġġar mingħajr viża lejn il-pajjiżi ta' Schengen għaċ-ċittadini Georgjani li għandhom passaport bijometriku, li daħal fis-seħħ fit-28 ta' Marzu 2017, ipprova titjib sostanzjali fil-mobilità u l-kuntatti bejn il-persuni bejn iż-żewġ naħat, f'ambjent sigur u ġestit tajjeb. Għalhekk, din l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni aġġornata għandha l-għan ukoll li tiżgura li l-kundizzjonijiet għall-ivvjaġġar mingħajr viża jiġu ssodisfati kontinwament, f'konformità mal-impenji meħuda skont il-proċess tal-liberalizzazzjoni tal-viża u r-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti regolari maħruġa mill-Kummissjoni skont il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża. Mekkaniżmu. L-indirizzar ta' kwistjonijiet relatati mal-migrazzjoni inkluż fl-oqsma tal-migrazzjoni irregolari, talbiet għall-ażil bla bażi mressqa minn ċittadini Georgjan kif ukoll sfidi relatati mal-ordni pubbliku u s-sigurtà, jibqgħu prijorità importanti għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Georgia fil-kuntest tal-liberalizzazzjoni tal-viża. L-iffaċilitar ta' mezzi għall-migrazzjoni legali jista' jiġi eżaminat aktar.

Dan id-dokument jaġġorna u jiffoka mill-ġdid l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni ta' bejn l-2017 u l-2020 u jstabbilixxi prijoritajiet ġodda għal ħidma konġunta biex jinkisbu l-oġġettivi ta' assoċjazzjoni politika u ta' integrazzjoni ekonomika kif stipulati fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni għall-perjodu bejn l-2021 u l-2027. Jagħmel distinzjoni bejn il-prijoritajiet fuq terminu qasir (li jenħtieġ li jinkisbu jew li fuqhom jista' jsir progress sinifikanti fi żmien 3-4 snin) u l-prijoritajiet fuq terminu medju (li jenħtieġ li jinkisbu jew li fuqhom jista' jsir progress sinifikanti fi żmien seba' snin). Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ser jissorvelja u jimmonitorja l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u perjodikament jirrieżamina l-funzjonament ta' dan il-Ftehim fid-dawl tal-oġġettivi tiegħu, assistit mill-Kumitat ta' Assoċjazzjoni u s-sottokumitati stabbiliti permezz tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

Din l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni ser tkun applikabbli mill-mument tal-adozzjoni tagħha sal-aħħar tal-2027. L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni tista' tiġi emendata jew aġġornata fi kwalunkwe ħin, bi ftehim tal-Kunsill ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia.

### 1. PRINĊIPJI, STRUMENTI U RIŻORSI GĦALL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-AĠENDA TA' ASSOĊJAZZJONI

Il-prinċipji komuni li ġejjin ser ikomplu jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni:

- L-azzjonijiet imwettqa permezz tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni jenħtieġ li jiġu implimentati f'konformità sħiħa mal-AA/DCFTA, inkluż il-preambolu tagħhom;
- L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni għandha tiġi implimentata b'rispett sħiħ għall-prinċipji ta' trasparenza, l-obbligu ta' rendikont u inklużività;
- L-aġenda ta' Assoċjazzjoni titlob impenn miż-żewġ naħat, u djalogu dwar ir-riformi relatati mal-assoċjazzjoni;
- L-Aġenda ta' Assoċjazzjoni għandha l-għan li tikseb riżultati tanġibbli u definiti billi jiġu implimentati progressivament miżuri prattiċi;
- Il-Partijiet jirrikonoxxu l-importanza li jsostnu l-prijoritajiet miftiehma permezz ta' mezzi politiċi, tekniċi u finanzjarji xierqa u suffiċjenti;

- L-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni ser tkun soġġetta għall-monitoraġġ, ir-rappurtar annwali inkluż il-progress kumplessiv u l-valutazzjoni. Il-progress li jkun sar għandu jiġi vvalutat ukoll fil-kuntest tal-istrutturi istituzzjonali stabbiliti mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Is-soċjetà ċivili ser tkun imħeġġa wkoll tiffoka l-attivajiet tagħha ta' monitoraġġ fuq l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni;
- L-Unjoni Ewropea ser tappoġġa lill-Georgia fl-implimentazzjoni tal-oġġettivi u l-prijoritajiet stabbiliti fl-Aġenda ta' Assoċjazzjoni. Hija ser tagħmel hekk billi tuża s-sorsi disponibbli kollha ta' appoġġ mill-UE, kif ukoll permezz ta' għarfien espert u konsulenza, l-aħjar prattiki u għarfien, l-iskambju tal-informazzjoni, l-appoġġ għall-bini tal-kapaċità, it-tiżhij tal-istituzzjonijiet u l-iżvilupp ta' strumenti ta' assistenza ġodda. Hija tenfasizza li l-assistenza tal-UE hija marbuta ma' kundizzjonalitajiet stretti miftiehma b'mod konġunt li huma relatati mal-progress fir-riforma. L-UE ser taħdem ukoll ma' sħab oħra biex tiżgura l-koordinazzjoni tal-appoġġ minn sħab oħra tal-Georgia u ssaħħa l-approċċ ikkoordinat tal-appoġġ ta' Tim Ewropa li jikkombina r-riżorsi mill-UE, l-Istati Membri tagħha u mill-istituzzjonijiet finanzjarji. L-istrumenti finanzjarji rilevanti tal-UE ser ikunu disponibbli wkoll biex jgħinu fl-implimentazzjoni tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni. Minkejja dan, din tal-aħħar mhix dokument ta' programmar finanzjarju u ma tissostitwixxi l-eżerċizzji ta' programmar jew formulazzjoni mwettqa mill-Partijiet.

Filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni hija għodda primarja għall-implimentazzjoni tal-AA/DCFTA, il-prijoritajiet definiti fl-Aġenda ta' Assoċjazzjoni jirriflettu wkoll l-oġġettivi ta' politika fit-tul deskritti fil-Komunikazzjoni Konġunta dwar "Il-politika tas-Sħubija tal-Lvant lil hinn mill-2020 - it-Tiżhij tar-Reżiljenza - is-Sħubija tal-Lvant li tikseb riżultati għal kulħadd <sup>(1)</sup>" u d-dikjarazzjoni tas-Summit tas-Sħubija tal-Lvant <sup>(2)</sup>, li ser tiffirma l-bażi tal-prijoritajiet tas-Sħubija tal-Lvant għal wara l-2020. Dawn il-prijoritajiet ser ikunu l-bażi tal-assistenza tal-UE lill-Georgia, kif deskritt fl-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI) u d-dokumenti ta' programmar korrispondenti ta' wara l-2020. L-UE tista' tipprovdi wkoll assistenza minn strumenti oħra tal-UE. Kwalunkwe appoġġ ser jiġi pprovdut f'konformità sħiħa mar-regoli u l-proċeduri ta' implimentazzjoni li jirregolaw l-assistenza esterna tal-UE. L-appoġġ tal-UE ser jirrifletti l-approċċ tagħha bbażat fuq il-kundizzjonalità u l-inċentivi u ser ikun kundizzjonali fuq l-implimentazzjoni tar-riformi maqbula.

## 2. PRIJORITAJIET TAL-AĠENDA TA' ASSOĊJAZZJONI

L-UE u l-Georgia jikkunsidraw l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni bħala prijorità importanti għall-konsolidazzjoni u l-promozzjoni ta' valuri u prinċipji komuni, kif iddikjarat mill-UE u l-Georgia. Il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni jipprevedi li l-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika mal-Unjoni Ewropea jitħaffu.

Wara l-firma tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, il-Georgia haġet passi sostanzjali u wettqet riformi għall-implimentazzjoni effettiva tiegħu. Iż-żewġ naħat jirrikonoxxu l-progress li sar mill-Georgia għal assoċjazzjoni politika u għal integrazzjoni ekonomika aktar profonda mal-UE, kif ukoll l-isfidi f'oqsma bħall-valuri fundamentali komuni, l-istat tad-dritt u r-riforma tal-ġustizzja, u jtennu li għad hemm bżonn ta' aktar passi biex isir progress sostanzjali u sostenibbli sabiex iċ-ċittadini jkunu jistgħu jibbenefikaw bis-sħiħ mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia.

L-avvanz tal-aġenda demokratika u tal-istat tad-dritt tal-Georgia permezz ta' riformi ambizzjużi politiċi, ġudizzjarji u kontra l-korruzzjoni fi proċess wiesa' u inklużiv huwa essenzjali għall-kooperazzjoni ta' bejn l-UE u l-Georgia waqt il-perjodu ta' din l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni.

L-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u taż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva tiegħu, marbuta mal-proċess usa' ta' approssimazzjoni regolatorja u r-riformi meħtieġa relatati, tikkontribwixxi għall-istabbiliment tal-kundizzjonijiet għal relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali msaħħa mal-UE li jwasslu għal aktar integrazzjoni ekonomika gradwali tal-Georgia fis-Suq Intern tal-Unjoni Ewropea, kif previst fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

L-UE ttenni l-appoġġ sod tagħha għas-sovranià u l-integrità territorjali tal-Georgia fi ħdan il-fruntieri internazzjonalment rikonoxxuti tagħha, inkluż il-politika tagħha ta' nonrikonoxximent u djalogu fil-Georgia, kif ukoll l-impenn sod tagħha għall-iffaċilitar tal-paċi, l-istabbiltà u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti fil-Georgia. Barra minn hekk, l-UE tirrikonoxxi l-kontribut sinifikanti tal-Georgia għall-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni tal-UE, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni f'operazzjonijiet għall-immaniġġar tal-kriżijiet immexxija mill-UE. L-UE tinsab lesta li tkompli l-kooperazzjoni tagħha mal-Georgia dwar kwistjonijiet ta' sigurtà bil-għan li timplimenta l-prijoritajiet strateġiċi tagħha fil-viċinat.

<sup>(1)</sup> JOIN(2020) 7

<sup>(2)</sup> <https://www.consilium.europa.eu/mt/press/press-releases/2021/12/15/eastern-partnership-summit-joint-declaration/>

Il-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Georgia, inkluż fi ħdan is-Sħubija tal-Lvant, għandha wkoll l-għan li tappoġġa t-twertiq ta' bosta objettivi ta' politika globali, inkluż il-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima u l-implimentazzjoni tal-Aġenda tal-2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli u s-17-il Għan ta' Żvilupp Sostenibbli tagħha li t-tnejn huma impenjati favurijhom. Il-kooperazzjoni ser issaħħaħ l-ordni internazzjonali bbażata fuq ir-regoli u ser tikkontribwixxi għall-bini ta' Ewropa aktar b'saħħitha fid-dinja.

F'dan il-kuntest, jenħtieġ li l-azzjonijiet ta' riforma li ġejjin jiġu indirizzati bi prijorià.

## A. Prijoritajiet Ewlenin għall-Azzjoni

### 1. *Fil-qasam ta' ekonomiji reżiljenti, sostenibbli u integrati*

#### 1.1. *L-iżvilupp ekonomiku, il-klima tan-negozju u l-investment*

Il-partijiet ser jikkooperaw biex jagħtu spinta lill-iżvilupp ekonomiku u l-integrazzjoni ekonomika bejn il-Georgia u l-UE, għall-benefiċċju u l-benessri taċ-ċittadini tal-Georgia. Dan ser inaqqas l-inugwaljanzi soċjoekonomiċi u edukattivi u jtejjeb il-kundizzjonijiet tax-xogħol filwaqt li fl-istess ħin jiżgura d-dekarbonizzazzjoni progressiva u n-newtralità klimatika tal-ekonomija. Minħabba ċ-ċirkostanzi, ser ikun kruċjali li jiġu indirizzati l-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID19 filwaqt li tinbena r-reżiljenza fuq perjodu ta' żmien qasir u fit-tul. Dan jenħtieġ li jissarraf fi sforzi biex jiġi żgurat li l-irkupru ta' wara l-COVID-19 ikun ekoloġiku, u li jintlaħqu l-miri ambjentali u klimatiċi. Id-difiża tal-protezzjoni tal-ħaddiema u l-promozzjoni tax-xogħol deċenti ser ikunu wkoll importanti għal irkupru sostenibbli u ekwu.

It-titjib tal-klima tan-negozju u tal-investment, il-ħolqien ta' kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni għall-intraprendituri kollha permezz tal-istat tad-dritt, iċ-ċertezza tad-dritt u l-isforzi kontinwi kontra l-korruzzjoni ser ikunu fiċ-ċentru tal-attenzjoni. Dan ser jinkludi wkoll l-iżvilupp ulterjuri tal-arbitraġġ bejn in-negozji u l-infurzar ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji. Ser ikun importanti li jiġi żgurat appoġġ dirett għall-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) – fost l-oħrajn permezz tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-SMEs – li tiġi promossa l-intraprenditorija (inkluż l-intraprenditorija tan-nisa u taż-żgħażaġh), li jiġi żgurat l-aċċess għall-finanzi u t-tisħiħ tal-kooperattivi fiż-żoni rurali tal-Georgia. L-implimentazzjoni tal-Istrateġija l-ġdida għall-Iżvilupp Agrikolu u Rurali għall-2021-2027 ser tikkontribwixxi għall-iżvilupp tal-ktajjen ta' valur effiċjenti, it-titjib tal-impjieg f'żoni rurali u l-appoġġ lill-SMEs sabiex tiżdied il-kompetittività tagħhom fis-setturi magħżula b'valur għoli ta' esportazzjoni. Din ser tikkontribwixxi wkoll għall-internazzjonalizzazzjoni ulterjuri tal-ekonomija u għall-integrazzjoni fil-ktajjen tal-valur tal-UE. Il-ħidma lejn is-sħubija fiż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro ser tkun parti ewlenija mill-aġenda ta' kooperazzjoni ekonomika li toffri inċentivi importanti għan-negozji u benefiċċju tanġibbli għall-popolazzjoni tal-Georgia. L-implimentazzjoni tal-politiki ta' Żvilupp Reġjonali għandha tikkontribwixxi għal żvilupp territorjali aktar ibbilanċjat, tnaqqas id-disparitajiet u toħloq ċentri ġodda ta' gravità apparti Tbilisi u Batumi.

Fl-istess ħin, huwa importanti li tkompli bil-perkors ta' suċċess, ta' governanza ekonomika u fiskali b'saħħitha biex tiġi żgurata l-istabbiltà ekonomika u finanzjarja u biex titkompla l-modernizzazzjoni tas-settur finanzjarju, pereżempju permezz tar-riforma tas-settur bankarju, il-promozzjoni tas-swieq kapitali u l-iżvilupp tal-mikrokreditu.

Aktar konverġenza regolatorja mal-istandards tal-UE ser tkun importanti biex isir progress permezz tal-implimentazzjoni sħiħa tal-impenji skont iż-Żona ta' Kummerċ Hiele Approfondita u Komprensiva li hija prerekwiżit għall-integrazzjoni ekonomika bejn il-Georgia u l-UE. Ser tingħata attenzjoni partikolari lill-implimentazzjoni tar-regolamenti tekniċi, is-sorveljanza tas-suq, il-miżuri sanitarji u fitosanitarji, inkluż is-sikurezza tal-ikel u l-allinjament mal-istandards Ewropej. L-implimentazzjoni tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni doganali, l-infurzar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali kif ukoll l-implimentazzjoni sħiħa tal-Liġi dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi huma kruċjali biex jiżdied il-kummerċ.

Il-partijiet jirrikonoxxu l-inizjattiva tat-triju ta' sħab assoċjati biex isaħħu l-kooperazzjoni mal-UE, u jieħdu nota sew taż-żieda fil-koordinazzjoni bejniethom dwar kwistjonijiet ta' interess komuni relatati mal-implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni u d-DCFTAs, u dwar il-kooperazzjoni fi ħdan is-Sħubija tal-Lvant.

### 1.2. *It-tisħiħ tal-konnettività*

Il-partijiet ser jikkooperaw biex isaħħu l-konnettività (tat-trasport, tal-enerġija u diġitali) bejn l-UE u l-Georgia, b'mod partikolari permezz tal-Baħar l-Iswed.

Fil-qasam tat-trasport, huma ser jimplementaw proġetti strateġiċi ta' benefiċċju reċiproku, inkluż fi ħdan is-Sħubija tal-Lvant, u progressivament ilestu n-network indikattiv estiż tat-TEN-T u jippromwovu soluzzjonijiet ta' trasport multimodali. Huma ser jikkooperaw aktar għall-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE fil-modi kollha tat-trasport (l-avjazzjoni, it-triq, il-baħar, il-ferroviji) bil-għan li jtejbu l-konnettività fiżika kif ukoll l-istandards relatati u l-aspetti regolatorji u ta' sikurezza (b'mod partikolari s-sikurezza fit-toroq), filwaqt li jippromwovu wkoll żieda fl-enfasi fuq is-soluzzjonijiet tat-trasport ekoloġiku.

Ser tkun importanti l-implimentazzjoni tal-impenji li jirriżultaw mill-adeżjoni tal-Georgia fil-Komunità tal-Enerġija, b'mod partikolari permezz ta' riformi regolatorji u investiment fis-sigurtà tal-enerġija u l-effiċjenza fl-enerġija, bit-tisħiħ u l-iżvilupp ta' networks tal-infrastruttura tal-enerġija ġodda u l-interkonnessjonijiet, kif ukoll it-titjib tat-trasparenza u l-funzjonament xieraq tas-swieq tal-enerġija tal-elettriku u l-gass.

### 1.3. *L-edukazzjoni u l-impjegabbiltà taż-żgħażaġh, ir-riċerka u l-innovazzjoni*

Il-partijiet ser jaħdmu flimkien biex jinvestu fin-nies, b'mod partikolari ż-żgħażaġh, biex itejbu l-impjegabbiltà, fl-istess ħin jiżguraw impjiegi deċenti u protezzjoni effettiva tal-impjiegi. Il-Georgia ser ittejjeb il-prestazzjoni tagħha fl-edukazzjoni u r-riċerka permezz ta' riforma komprensiva tal-edukazzjoni u r-riċerka, b'enfasi fuq l-effiċjenza, l-aċċess ugwali u l-kwalità fil-livelli kollha tal-edukazzjoni. L-iskola Ewropea tas-Sħubija tal-Lvant fil-Georgia tista' sservi bħala mudell għal edukazzjoni ta' kwalità f'konformità mal-istandards internazzjonali.

Barra minn hekk, ser ikun kruċjali li jiġi żgurat li l-kurrikulu tal-edukazzjoni jikkorrispondi għall-ħtiġijiet tas-suq tax-xogħol biex jingħalqu d-diskrepanzi fil-ħiliet u biex jitlaqqgħu aħjar il-ħiliet u l-impjiegi. Aċċess aħjar għas-suq tax-xogħol – inkluż għan-nisa u l-persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli – ser ikun prijorità. Fl-istess ħin, il-politika tal-impjiegi u s-servizzi tal-impjiegi ser ikomplu jittejbu.

Il-partijiet ser ikomplu jappoġġaw l-implimentazzjoni tal-politiki tar-riċerka u l-innovazzjoni (R&I); ser jistinkaw biex jinkoraġġixxu l-investiment f'ekosistemi ta' riċerka u innovazzjoni aktar b'saħħithom permezz ta' riformi ta' politiki, filwaqt li jżidu n-nefqa grossa fuq ir-R u ser irawmu t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali billi jużaw strateġiji ta' speċjalizzazzjoni intelliġenti u t-trasferiment tat-teknoloġija fejn rilevanti.

## 2. **Fil-qasam ta' istituzzjonijiet responsabbli, l-istat tad-dritt u s-sigurtà**

### 2.1. *L-Istat tad-dritt, ir-riforma tal-ġustizzja u l-indirizzar tal-korruzzjoni*

Il-partijiet ser jaħdmu flimkien biex jirrispettaw il-prinċipji tal-istat tad-dritt, b'attenzjoni partikolari mogħtija lis-settur tal-ġustizzja u lill-indipendenza tal-ġudikatura. L-implimentazzjoni sħiħa tat-tielet u r-raba' fażijiet ta' riformi ġudizzjarji hija kruċjali għat-tisħiħ tal-indipendenza u l-obbligu ta' rendikont tal-ġudikatura, inkluż bit-tisħiħ tal-istruttura istituzzjonali u l-prattiki tal-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja u ta' istituzzjonijiet ġudizzjarji ewlenin oħra, it-tisħiħ tat-trasparenza u l-proċessi tal-għażla u l-promozzjoni bbażati fuq il-mertu, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja u tal-Uffiċċju tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE) għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem.

Il-Georgia ser tkompli b'riforma ġudizzjarja, inkluż bħala prijorità tal-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja, u tadotta strateġija ambizzjuża ta' riforma ġudizzjarja għal wara l-2021 permezz ta' proċess wieser ta' riforma inklużiva u bejn il-partiti, inkluż valutazzjoni tal-effettività tat-tielet u r-raba' fażijiet tar-riforma ġudizzjarja. Il-Georgia ser tkompli taħdem, bħala kwistjoni ta' prijorità, biex tallinja l-Liġi dwar il-Qrati Komuni mar-rakkomandazzjonijiet relatati tal-Kummissjoni ta' Venezja <sup>(9)</sup>, u tapplika bis-sħiħ il-liġi riveduta għall-ħatriet kollha futuri.

<sup>(9)</sup> L-Opinjoni Urġenti tal-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (il-Kummissjoni ta' Venezja) tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Għażla u l-Ħatra tal-Imħallfin tal-Qorti Suprema tal-Georgia approvata mill-Kummissjoni ta' Venezja fil-21 u fit-22 ta' Ġunju 2019; L-Opinjoni Urġenti tal-Kummissjoni Ewropea għad-Demokrazija permezz tad-Dritt (il-Kummissjoni ta' Venezja) tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-emendi fil-liġi organika dwar il-Qrati Komuni, approvata mill-Kummissjoni ta' Venezja fit-2 u fit-3 ta' Lulju 2021.



Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġu ppubblikati ġustifikazzjonijiet ta' kwalità għolja għall-ħatriet ġudizzjarji u li tiġi adottata l-leġiżlazzjoni dwar il-pubblikazzjoni tad-deċiżjonijiet ġudizzjarji.

Il-Georgia ser tirriżamina l-proċess tal-ħatra għall-Prosekutur Ġenerali biex issaħħa l-indipendenza tal-uffiċċju/tal-pożizzjoni tal-Prosekutur. Għal dan il-għan ser jiddaħħal il-vot b'maġġoranza kwalifikata fil-Parlament, li huwa r-rakkomandazzjoni ewlenija tal-Kummissjoni ta' Venezja f'dan ir-rigward. Dan ser jinkludi mekkaniżmu effettiv kontra l-istaġnar li jgawdi minn appoġġ wiesa' bejn il-partiti u huwa konformi mal-parir tal-Kummissjoni ta' Venezja. Ser jiġu introdotti salvagwardji addizzjonali biex jiġi żgurat li l-proċess tal-għażla u tan-nomina jkun trasparenti u bbażat fuq kriterji ta' integrità, indipendenza, imparzjalità u kompetenza.

L-obbligu ta' rendikont u s-sorveljanza demokratika tal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi jeħtieġ li jissaħħu aktar.

Il-Georgia ser tkompli tagħmel progress ambizzjuż fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità ekonomika, inkluż il-forom kollha ta' korruzzjoni, u ssaħħa il-mekkaniżmi ta' prevenzjoni kontra l-korruzzjoni, inkluż fil-qasam tal-akkwist pubbliku.

### 3. **Fil-qasam tar-reżiljenza ambjentali u klimatika**

#### 3.1. *Ambjent u azzjoni klimatika*

Il-partijiet ser jaħdmu flimkien biex jiksbu reżiljenza ambjentali u klimatika billi jippromwovu – anke fi ħdan l-isforzi ta' rkupru wara l-COVID-19 – ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi, nadifa u ċirkolari li twassal għall-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija u użu aktar sostenibbli tar-riżorsi naturali f'konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew. Din ser tinkiseb, fost l-oħrajn, permezz tat-tkomplija tar-riformi amministrattivi u l-bini tal-kapaċità amministrattiva biex jiġu implimentati l-kapitoli dwar l-ambjent u l-azzjoni dwar il-klima tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Barra minn hekk, id-djalogu bejn l-UE u l-Georgia dwar l-ambjent u l-klima ser jiġi promoss fil-qafas tal-istrutturi eżistenti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Is-soċjeta' ċivili ser tiġi kkonsultata mill-qrib f'dan ir-rigward.

L-obiettivi tat-tnaqqis tal-emissjonijiet u tar-reżiljenza għat-tibdil fil-klima f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi ser jiġu integrati fil-politiki ekonomiċi u tat-trasport ġenerali biex jiġi limitat l-impatt tat-tibdil fil-klima u jiġu pprovduti benefiċċji għall-ħajja taċ-ċittadini. F'dan il-kuntest, il-Georgia ser tippreżenta strateġija ta' żvilupp fit-tul b'emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra biex tiġi ppreżentata lill-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima (UNFCCC) u ser taġġorna l-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali (NDC) tagħha f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi.

Ser issir enfasi akbar fuq l-iffaċilitar u l-promozzjoni ta' agrikoltura u sajd sostenibbli, fost l-oħrajn fil-qafas tal-ekonomija blu tal-Aġenda Marittima Komuni għall-Baħar l-Iswed (\*), u l-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-ekosistemi inkluż fiż-żona tal-Baħar l-Iswed.

Il-governanza ambjentali ser tissaħħa permezz tal-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar il-valutazzjoni tal-impatt ambjentali, il-valutazzjoni ambjentali strateġika u permezz tal-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni l-ġdida dwar ir-responsabbiltà ambjentali, u billi jiġi żgurat l-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali u l-parteċipazzjoni pubblika fit-tehd tad-deċiżjonijiet. It-titjib tal-kwalità tal-arja u tal-ilma kif ukoll ġestjoni aħjar tal-iskart f'konformità mal-istandards Ewropej mhux biss ser jikkontribwixxu għat-titjib tal-ambjent iżda ser ikollhom ukoll impatt sinifikanti fuq is-saħħa pubblika. F'dan l-isfond, il-kooperazzjoni dwar is-saħħa pubblika bejn il-partijiet ser tissaħħa.

#### 3.2. *Is-sahha pubblika*

Il-partijiet ser jaħdmu flimkien biex jippermettu l-għoti ta' kura medika affordabbli u jippromwovu l-aċċess għan-nies fis-soċjeta' kollha, inkluż billi jtejbu l-kopertura tal-Programm Universali tal-Kura tas-Saħħa u permezz tal-e-Saħħa. Il-prevenzjoni tas-saħħa u l-kontroll tat-tabakk ser ikunu ċentrali. L-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa u l-obbligu ta' rendikont tagħhom ser jissaħħu permezz tal-istabbiliment ta' indikaturi tal-kwalità, xiri bbażat fuq il-valur u proċessi oħra ta' ġestjoni tal-kwalità. Dan ser ikun kruċjali biex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-mard li jittieħed u li ma jitteħidx, u biex b'mod ġenerali s-sistema tal-kura tas-saħħa ssir aktar reżiljenti għal xokkijiet esterni bħall-pandemiji.

(\*) Dikjarazzjoni Ministerjali ta' Bucharest tal-21 ta' Mejju 2019 dwar l-Aġenda Marittima Komuni għall-Baħar l-Iswed - (il-Baħar l-Iswed (europa.eu)).

#### 4. **Fil-qasam tat-trasformazzjoni diġitali reżiljenti**

##### 4.1. *Żvilupp ta' infrastruttura diġitali*

Il-partijiet ser jaħdmu flimkien biex jippermettu t-tkabbir u l-iżvilupp sostenibbli tal-Georgia billi jkomplu jippromwovu l-introduzzjoni tal-infrastruttura diġitali u jappoġġaw it-trasformazzjoni diġitali abbażi tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Broadband u f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-aħjar prattiki tal-UE, b'mod partikolari fir-rigward tas-sigurtà tal-infrastrutturi diġitali. Il-pandemija tal-COVID-19 xeħtet dawl fuq id-differenzi diġitali fis-soċjetajiet u l-ħtieġa urġenti li tiġi appoġġata din it-trasformazzjoni diġitali. Is-soluzzjonijiet għall-e-Saħħa, it-tagħlim mill-bogħod, it-telemediċina, l-intraċċar tal-virusi u l-prevenzjoni tad-diżinformazzjoni mhux biss ser jgħinu waqt il-pandemija, iżda ser jappoġġaw ir-reżiljenza u l-iżvilupp tas-sħab kollha tal-UE għal ħafna snin. Dan ser ikun kruċjali biex jiġu stimulati l-ekonomija diġitali u l-innovazzjoni permezz ta' politiki adegwati, li ser jagħtu spinta u jkomplu jiddiversifikaw mhux biss l-industrija tal-IT iżda wkoll l-industriji kreattivi, u jsaħħu l-kompetittività tagħhom, jixprunaw it-tkabbir u s-sopravivenza tan-negozji ġodda u jiddiġitalizzaw il-ktajjen tal-valur.

##### 4.2. *L-e-Governanza u s-servizzi diġitali*

Fl-istess ħin, l-e-Governanza u s-servizzi diġitali jenħtieġ li jiġu żviluppati aktar biex jiżiedu l-effiċjenza, it-trasparenza u l-obbligu ta' rendikont tal-amministrazzjoni pubblika. Dan għandu jimxi id f'id mal-iżvilupp tal-ħiliet diġitali u tal-litteriżmu elettroniku ta' popolazzjoni aktar wiesgħa. Għal dan il-għan, in-nies fil-Georgia jenħtieġ li jkollhom aċċess għall-internet u servizzi oħra ta' komunikazzjoni elettronika bi prezzijiet raġonevoli. Il-Partijiet ser jaħdmu flimkien sabiex ikomplu jtejbu l-kapaċità amministrattiva u l-indipendenza tal-awtorità regolatorja nazzjonali tal-Georgia għall-komunikazzjonijiet elettroniċi, kundizzjoni essenzjali għall-funzjonament xieraq tas-suq korrispondenti. Barra minn hekk, l-UE ser tappoġġa l-implimentazzjoni tal-ftehimiet dwar ir-roaming u l-ispettru bejn il-Georgia u pajjiżi sħab tal-Lvant oħra u, fejn xieraq, mal-UE.

##### 4.3. *Reżiljenza ċibernetika*

Il-partijiet ser jaħdmu flimkien biex itejbu r-reżiljenza ċibernetika u jiżguraw oqfsa legali, ta' politika u operazzjonali robusti taċ-ċibersigurtà bbażati fuq il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-aħjar prattiki, inkluż il-qafas taċ-ċertifikazzjoni taċ-ċibersigurtà tal-UE. F'dan il-qafas, il-partijiet ser ikomplu jaħdmu biex ikomplu jressqu l-leġiżlazzjoni tal-Georgia viċin id-Direttiva dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni (NIS).

Il-partijiet ser jikkooperaw għall-adozzjoni mill-Georgia ta' oqfsa legali għal skemi ta' identifikazzjoni elettroniċi u servizzi fiduċjarji elettroniċi, f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-aħjar prattiki tal-UE, bil-ħsieb tal-possibilità ta' ftehim dwar ir-rikonossiment reċiproku tas-servizzi fiduċjarji.

#### 5. **Fil-qasam tas-soċjetajiet reżiljenti, ġusti u inklużivi**

##### 5.1. *L-integrazzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-tisħiħ tal-pożizzjoni tas-soċjetà ċivili u taż-żgħażaġh*

Iż-żewġ partijiet ser jippromwovu l-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem, l-istat tad-dritt, in-nondiskriminazzjoni, ix-xogħol deċenti, kif ukoll il-valuri fundamentali u l-prinċipji umanitarji fir-rispons għall-pandemija tal-COVID-19 u l-irkupru minnha.

Il-Georgia tiddefendi l-libertà, l-indipendenza u l-pluraliżmu tal-media, filwaqt li tirrispetta l-istandards tal-UE u dawk internazzjonali, filwaqt li tiżgura kundizzjonijiet biex jinħoloq ambjent tal-media liberu, professjonali, pluralistiku, indipendenti u b'saħħtu. Il-partijiet ser jaħdmu wkoll flimkien biex isaħħu l-kooperazzjoni dwar il-komunikazzjoni strateġika, inkluż il-ġlieda kontra d-diżinformazzjoni, u sabiex jippromwovu l-litteriżmu fil-media.

Iż-żewġ partijiet ser jikkooperaw biex jiżguraw l-implimentazzjoni msaħħa tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni, jiżviluppaw u jimplimentaw Strateġija Nazzjonali ġdida dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u eventwalment Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u jiffaċilitaw l-pluraliżmu u l-indipendenza tal-media kif ukoll ir-rispett għad-dritt tal-libertà ta' għaqda. Il-Georgia ser tiżgura l-allokkazzjoni meħtieġa tar-riżorsi baġitarji u umani sabiex tinvestiga b'mod effettiv u fil-pront ir-reati li allegatament twettqu mill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi kif ukoll tikkontrolla b'mod effiċjenti l-ipproċessar tad-data personali.

Il-prijoritajiet ewlenin ser ikunu t-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-iżgurar ta' trattament ugwali fil-ħajja soċjali, politika u ekonomika, integrazzjoni aħjar u nondiskriminazzjoni, inkluż ta' persuni b'diżabbiltà u persuni LGBTI. Ser ikun hemm ukoll enfasi fuq miżuri għall-protezzjoni tat-tfal minn kull forma ta' vjolenza. Ser ikomplu l-isforzi biex jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tad-data personali.

L-UE u l-Georgia ser jibqgħu iffukati fuq il-parteċipazzjoni u t-tmexxija taż-żgħażaġħ permezz tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom. Il-partijiet ser ikompli jikkooperaw biex jimmassimizzaw il-benefiċċji li l-Georgia tista' tieħu mill-assoċjazzjoni tagħha mal-programmi Orizzont 2020 u Orizzont Ewropa, u biex jipromwovu aktar il-parteċipazzjoni diġà attiva tagħha fil-programmi Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif ukoll fi programmi u inizjattivi oħra ta' volontarjat, ta' kooperazzjoni u ta' skambju, f'konformità mal-eżitu tan-negożjati u l-adozzjoni tal-programmi rilevanti.

Il-Georgia ser tkompli tiżviluppa s-settur taż-żgħażaġħ u l-politiki taż-żgħażaġħ abbażi tal-evidenza u tad-drittijiet, bil-għan li tinħoloq ekosistema sostenibbli għall-iżvilupp taż-żgħażaġħ, li tippermetti li ż-żgħażaġħ jilħqu bis-sħiħ il-potenzjal sħiħ tagħhom u jipparteċipaw b'mod attiv fl-oqsma kollha tal-ħajja pubblika; ser iżżid il-fehim taż-żgħażaġħ dwar il-valuri u l-prinċipji demokratiċi u ser tappoġġahom biex jiġġieldu għad-drittijiet tagħhom; kif ukoll ser tiżgura b'mod sħiħ u ugwali l-emanċipazzjoni ekonomika, il-protezzjoni tas-saħħa u l-benesseri u l-aċċess ugwali għall-informazzjoni u għar-riżorsi għaż-żgħażaġħ kollha fil-Georgia.

Il-Georgia ser tkompli tippromwovi ambjent sikur, inklużiv u favorevoli għall-operazzjonijiet tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili (CSO), inkluż l-adattament ta' politiki li jappoġġaw is-sostenibbiltà finanzjarja tagħhom u l-iżvilupp ulterjuri tas-settur tas-Soċjetà Ċivili, b'mod partikolari daww li jaħdmu fil-livell lokali. Il-Georgia ser tippromwovi wkoll ir-Responsabbiltà Soċjali Korporattiva u l-intraprenditorija soċjali bil-għan li tipprovdi soluzzjonijiet għall-isfidi soċjali u ambjentali, b'enfasi partikolari fuq l-impjiegi ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli, inkluż persuni b'diżabilità u t-tisħiħ tas-sostenibbiltà finanzjarja tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Il-Georgia ser tiżgura l-oġħla standards demokratiċi matul il-proċess elettorali, it-trattament ġust, trasparenti u rigoruż tal-ilmenti u l-appelli, u ser tkompli tindirizza bis-sħiħ ir-rakkomandazzjonijiet prijoritarji tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem (ODIHR) tal-OSCE, u ser tagħmel progress sostanzjali fl-indirizzar tar-rakkomandazzjonijiet <sup>(5)</sup> l-oħra tiegħu permezz ta' djalogu inklużiv. Il-Georgia tiżgura wkoll il-pluraliżmu tal-partiti u żżomm lura minn restrizzjonijiet li jmorru kontra l-istandards internazzjonali, b'mod partikolari f'termini ta' reġistrazzjoni u finanzjament, f'konformità mal-Opinjoni rilevanti tal-Kummissjoni ta' Venezja <sup>(6)</sup>.

## 5.2. It-tisħiħ tal-Amministrazzjoni Pubblika

It-tmexxija 'l quddiem tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika permezz ta' mekkaniżmi miftuħa tal-gvern tibqa' prijorità assoluta. L-UE u l-Georgia ser jaġixxu flimkien biex jiġu rrispettati u promossi l-prinċipji tal-Amministrazzjoni Pubblika Ewropea. Għal dan l-għan, il-partijiet ser jgħaqqdu l-isforzi tagħhom biex irawmu governanza responsabbli, effiċjenti, effettiva, miftuħa u trasparenti, jibnu servizz taċ-ċivil professjonali u bbażat fuq il-mertu, jiżguraw servizzi pubbliċi ta' kwalità u awtogovernanza lokali b'saħħitha.

Il-partijiet ser jaħdmu flimkien biex bħala prijorità irawmu amministrazzjoni pubblika responsabbli, effiċjenti, effettiva, trasparenti, iċċentrata fuq iċ-ċivil, filwaqt li jibnu servizz taċ-ċivil professjonali u bbażat fuq il-mertu, filwaqt li jiżguraw servizzi pubbliċi ta' kwalità fit-territorju kollu u awtogovernanza lokali b'saħħitha.

## 5.3. Mobilità, inkluż sistema ta' vjaġġar mingħajr viża

Il-Georgia ser tieħu azzjoni sostnuta u tindirizza r-rakkomandazzjonijiet tar-Rapporti permezz tal-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża biex b'mod kontinwu jiġu ssodisfati l-parametri referenzjarji li jikkorrispondu mal-Pjan ta' Azzjoni għal-Liberalizzazzjoni tal-Viża <sup>(7)</sup> li huwa meħtieġ biex jinżamm l-ivvjaġġar mingħajr viża lejn l-UE. Ir-rapporti annwali tal-Kummissjoni Ewropea taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża ser ikompli jipprovdu gwida dwar aktar azzjonijiet li huma meħtieġa biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tal-progress miksub. Il-Georgia ser timplimenta l-Istrateġija dwar il-Migrazzjoni għall-2021-2030 u l-Istrateġija tal-Istat għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri għall-2021-2025.

<sup>(5)</sup> Eż. <https://www.osce.org/files/f/documents/1/4/480500.pdf> and <https://www.osce.org/odihr/elections/georgia/496309>

<sup>(6)</sup> Eż. L-Opinjoni Konġunta dwar l-abbozz tal-Artikolu 791 tal-kodiċi elettorali tal-20 ta' Marzu 2021, l-Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja Nru 1019/2021/ODIHR, l-Opinjoni Nru ELEGEO/407/2020; l-Opinjoni konġunta urġenti dwar l-abbozzi tal-emendi riveduti tal-kodiċi elettorali tal-5 ta' Lulju 2021, l-Opinjoni tal-Kummissjoni ta' Venezja Nru 1043/2021/ODIHR, l-Opinjoni Nru ELE-GEO/417/2021.

<sup>(7)</sup> [https://ec.europa.eu/home-affairs/policies/international-affairs/collaboration-countries/visa-liberalisation-moldova-ukraine-and-georgia\\_en](https://ec.europa.eu/home-affairs/policies/international-affairs/collaboration-countries/visa-liberalisation-moldova-ukraine-and-georgia_en).

## 6. *Fil-qasam tal-politika estera u ta' sigurtà*

### 6.1. *Riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti*

Il-partijiet ser jibqgħu jikkooperaw b'mod effettiv biex jappoġġaw lill-Georgia fl-isforzi tagħha biex tagħmel progress għal soluzzjoni paċifika u sostenibbli fil-kunflitt abbażi tal-prinċipji tad-dritt internazzjonali, u biex jiffaċilitaw il-paċi u s-sigurtà dejjiema fil-Georgia. Huma ser jimmobilizzaw aktar l-isforzi biex jippromwovu l-kwistjoni tar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt fil-Georgia, inkluż l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' waqfien mill-ġlied tat-12 ta' Awwissu 2008 fejn l-UE kienet involuta bħala medjatur. Il-Georgia ser tkompli telabora viżjoni strateġika għar-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti, billi tmexxi proċess inklużiv u fuq skala nazzjonali. Il-partijiet ser jintensifikaw l-isforzi biex jinkisbu riżultati tanġibbli fi ħdan l-oqfsa tad-Diskussjonijiet Internazzjonali ta' Ġinevra kopreseduti mill-UE, in-NU u l-OSKE biex jinstabu soluzzjonijiet dejjiema għall-isfidi umanitarji u ta' sigurtà li jirriżultaw mill-kunflitt mhux solvut. Id-diversi atturi tal-UE li joperaw fuq il-post, id-Delegazzjoni tal-UE għall-Georgia, ir-Rappreżentant Speċjali tal-UE (RSUE) għall-Kawkasu tan-Nofsinhar u l-kriżi fil-Georgia u l-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE ser ikomplu jikkontribwixxu għall-istabbiltà, in-normalizzazzjoni, il-bini tal-fiduċja u r-riżoluzzjoni tal-kunflitti. Ser jittieħdu passi xierqa biex jitħeġġu l-kummerċ, il-libertà tal-moviment u r-rabtiet ekonomiċi bejn il-linji ta' demarkazzjoni amministrattiva, inkluż ir-rieżami tal-leġiżlazzjoni, kif meħtieġ u permezz tal-inizjattiva għall-paċi "Pass lejn Futur Aħjar"; it-trawwim ta' kuntatti bejn il-persuni, il-bini tal-fiduċja u r-rikonċiljazzjoni bejn il-komunitajiet mifrudin. Il-partijiet ser ikomplu jikkooperaw u jippermettu sforzi preventivi biex ikomplu jikkonsolidaw il-politika ta' nonrikonoxximent fix-xena internazzjonali.

### 6.2. *Il-kooperazzjoni fil-qasam tas-sigurtà u d-difiża*

Il-partijiet ser japprofondixxu djalogu bilaterali dwar kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża biex jindirizzaw kwistjonijiet ta' tħassib komuni, inkluż il-prevenzjoni tal-kunflitti u l-ġestjoni tal-kriżijiet, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, il-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u r-reati relatati mad-drogi. Abbażi tar-rakkomandazzjonijiet tal-istharrġ dwar it-theddid ibridu, il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu ser tissaħħaħ. Il-partijiet ser jaħdmu flimkien biex jiżguraw li r-riforma fis-settur tas-sigurtà tiġi implimentata u li jiġu adottati oqfsa u proċeduri rilevanti fl-oqfsa tar-reżiljenza kibernetika u tal-protezzjoni tal-infrastruttura kritika. Il-kooperazzjoni bejn l-aġenziji tal-ġustizzja u tal-infurzar tal-liġi ser tissaħħaħ aktar. L-UE ser tkompli wkoll tiffaċilita l-parteċipazzjoni tal-Georgia f'operazzjonijiet tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet u f'attivitajiet ta' taħriġ u konsultazzjoni relatati mal-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK).

## B. *Prijoritajiet fuq perjodu ta' żmien qasir u twil tal-Aġenda ta' Assoċjazzjoni*

### 1. *Demokrazija, drittijiet tal-bniedem u governanza tajba*

Id-djalogu politiku u l-kooperazzjoni dwar ir-riformi fil-qafas ta' din l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni għandhom l-għan li jsaħħu r-rispett għall-prinċipji demokratiċi, bħall-pluraliżmu politiku, l-inklużività fit-teħid tad-deċiżjonijiet, is-separazzjoni tas-setgħat, il-kooperazzjoni mal-oppożizzjoni, l-istat tad-dritt u l-governanza tajba, id-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali. Dan jinkludi l-promozzjoni tad-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għal minoranzi kif minquxa fil-Konvenzjonijiet ewlenin tan-NU u tal-Kunsill tal-Ewropa u l-protokollu relatati, sabiex jiġu eżegwiti s-sentenzi tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u sabiex jikkontribwixxi għall-konsolidazzjoni tar-riformi politiċi domestiċi, b'mod partikolari permezz ta' approssimazzjoni mal-acquis tal-UE.

It-tisħiħ tal-istabbiltà, l-indipendenza, l-effettività u l-finanzjament adegwat tal-istituzzjonijiet li jggarantixxu d-demokrazija, l-istat tad-dritt u r-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, u l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u n-nondiskriminazzjoni jinkludi b'mod partikolari dawn:

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Jibqa' jiġi żgurat li l-elezzjonijiet jitwettqu b'mod trasparenti, inklużiv u kredibbli, inkluż billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet kollha identifikati mill-OSKE/ODIHR;
- Jiġi żgurat li l-emendi leġiżlattivi li jaffettwaw il-komponenti ewlenin tal-istat tad-dritt, bħall-indipendenza tal-ġudikatura, ikunu soġġetti għal konsultazzjonijiet komprensivi u inklużivi u jiġu allinjati mal-istandards Ewropej kif ukoll mar-rakkomandazzjonijiet imressqa minn korpi internazzjonali, bħall-Kummissjoni ta' Venezja, il-GRECO u l-OSKE/ODIHR;

- Jiġi żgurati li l-Amministrazzjoni Pubblika u r-riformi miftuħin tal-Gvern jkomplu jiġu implimentati b'mod effettiv f'konformità mal-prinċipji tal-amministrazzjoni pubblika Ewropea u mal-aħjar prattiki; jiġu promossi l-parteċipazzjoni u d-djalogu miftuħ bejn is-soċjetà ċivili u l-gvern, jiġi msaħħaħ il-proċess ta' kokreazzjoni u l-involvement ta' diversi partijiet ikkonċernati fit-tfassil tal-politiki, tal-monitoraġġ u tal-valutazzjoni; jitrawmu approċċi innovattivi permezz tal-iskambju tal-għarfien u tal-esperjenza, iseħħ tagħlim intensifikat bejn il-pari u kooperazzjoni kostanti kemm fil-livell politiku kif ukoll f'dak tal-esperti;
- Id-djalogu u l-kooperazzjoni ser ikopru wkoll it-tisħiħ tas-settur tal-ġustizzja permezz ta' riforma kontinwa fis-settur tal-ġustizzja, b'mod partikolari billi tiġi żgurata l-indipendenza esterna u interna totali tal-imħallfin u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem u l-libertajiet fundamentali, inkluż permezz ta' kooperazzjoni komprensiva.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jiġi żgurati li t-tisħiħ tal-qafas tad-drittijiet tal-bniedem ikompli permezz tal-armonizzazzjoni u l-implimentazzjoni prattika tal-prattiki u d-dritt Ewropew u internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem.

#### 1.1. *Settur tal-Ġustizzja*

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Jiġu implimentati b'mod effettiv it-tielet u r-raba' fażijiet ta' riformi ġudizzjarji fl-aspetti kollha;
- Tiġi implimentata b'mod effettiv l-Istrateġija Ġudizzjarja tal-2017-2021 u l-pjanijiet ta' azzjoni tagħha fl-aspetti kollha, u tiġi adottata strateġija ambizzjuża għal riforma ġudizzjarja għal wara l-2021 ibbażata fuq proċess ta' riforma wiesa', inklużiv u transpartitiku kif ukoll valutazzjoni dwar l-effettività tat-tielet u r-raba' fażijiet tar-riformi ġudizzjarji;
- Tiġi msaħħa u riformata b'mod sostanzjali l-istruttura istituzzjonali u l-prattiki tal-Kunsill Għoli tal-Ġustizzja u ta' istituzzjonijiet ġudizzjarji ewlenin oħra sabiex tiżdied b'mod effettiv it-trasparenza, l-integrità u r-responsabbiltà dwar in-normi u d-deċiżjonijiet li jiġu adottati, inkluż dwar deċiżjonijiet li jirrigwardaw il-ħatriet, l-evalwazzjonijiet, il-promozzjonijiet, it-trasferimenti u l-miżuri dixiplinari. Jiġu ppreżentati proposti ta' riforma lill-Kummissjoni ta' Venezja u lill-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-OSCE għal opinjoni u jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet tagħhom;
- B'mod partikolari, jiġu żgurati qafas u prattika legali trasparenti abbażi tal-meritokrazzja għall-ħatra u l-promozzjoni tal-imħallfin billi jinġiebu f'konformità sħiħa mal-istandards Ewropej u mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni ta' Venezja, inkluż il-ħatriet fil-Qorti Suprema;
- Jiġu ppubblikati l-ġustifikazzjonijiet bil-miktub għall-ħatriet tal-imħallfin b'referenza għall-integrità u l-kriterji ta' kompetenza;
- Jittejjeb it-taħriġ tal-kandidati ġudizzjarji, l-imħallfin u l-persunal tal-qrati billi jiġu implimentati r-rakkomandazzjonijiet imressqa mill-UE u l-Kunsill tal-Ewropa;
- Tiġi modernizzata l-amministrazzjoni tal-ġustizzja billi jiġu ffaċilitati s-sottomissjonijiet elettroniċi u l-komunikazzjoni mal-qrati kif ukoll bil-ġestjoni elettronika tal-kawżi; titwessa' l-applikazzjoni tal-allokkazzjoni elettronika kawwali tal-kawżi;
- Titkompla r-riforma tal-Uffiċċju tal-Prosekutur u tas-servizzi tal-investigazzjoni kriminali fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni u aġenziji oħra bil-għan li jiġu żgurati aktar l-indipendenza u l-professjonaliżmu tal-ħidma investigattiva kriminali u tal-prosekuzzjoni, ħielsa minn kwalunkwe influwenza mhux dovuta u bi trasparenza u responsabbiltà akbar;
- Il-Georgia ser tirrieżamina l-proċess tal-ħatra għall-Prosekutur Ġenerali biex issaħħaħ l-indipendenza tal-uffiċċju/tal-pożizzjoni tal-Prosekutur. Għal dan il-għan, ser jiġi introdott vot b'maġġoranza kwalifikata fil-Parlament, li huwa r-rakkomandazzjoni ewlenija tal-Kummissjoni ta' Venezja f'dan ir-rigward. Dan ser jinkludi mekkaniżmu effettiv kontra l-istaġnar li jgawdi minn appoġġ wiesa' bejn il-partiti u huwa konformi mal-parir tal-Kummissjoni ta' Venezja. Ser jiġu introdotti salvagwardji addizzjonali biex jiġi żgurati li l-proċess tal-għażla u tan-nomina jkun trasparenti u bbażat fuq kriterji ta' integrità, indipendenza, imparzjalità u kompetenza;
- Tiġi adottata r-riforma tal-Kodiċi Kriminali bl-għan li tiġi modernizzata l-liġi filwaqt li jkun konformi mal-obbligi u l-istandards rilevanti tal-UE u dawk internazzjonali; jiġu approssimati l-proċedimenti kriminali ma' dawk applikati fl-Istati Membri tal-UE;

- Jiġu rieżaminati l-użu u s-salvagwardji legali fl-applikazzjoni ta' sentenzi fuq talba tal-partijiet;
- Jiġu ggarantiti d-drittijiet proċedurali tat-trasgressuri u tal-vittmi fil-proċedimenti kriminali u tkompli tiġi msaħħa l-applikazzjoni tal-prinċipji tal-ġustizzja restorattiva kemm għall-adulti kif ukoll għal dawk minorenni;
- Jiġi żgurati ukoll li l-vittmi, inkluż il-vittmi ta' reati ta' mibegħda, ikollhom aċċess effettiv għall-ġustizzja u l-kumpens u jirċievu appoġġ u protezzjoni totali;
- Jissaħħu d-drittijiet proċedurali u jiġu żgurati l-garanziji legali tal-persuni detenuti fil-proċedimenti amministrattivi;
- Jitwessa' l-aċċess għall-għajnuna legali bla ħlas ta' kwalità għolja;
- Jittejjeb l-użu u l-kwalità tal-medjazzjoni; jiġu indirizzati n-nuqqasijiet fl-arbitraġġ tal-konsumaturi, u jinħolqu kundizzjonijiet biex jiżded l-użu tal-arbitraġġ bejn in-negozji;
- Tiżded l-implimentazzjoni tal-prevenzjoni tal-kriminalità u l-istrategġija penitenzjarja, b'mod partikolari billi jiġu applikati approċċi ta' riabilitazzjoni u risoċjalizzazzjoni fis-Sistemi Penitenzjarji, tal-Prevenzjoni tal-Kriminalità u tal-libertà kondizzjonali, u wara l-ħelsien.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Id-detenzjoni amministrattiva tintuża biss f'każijiet debitament ġustifikati. Jiġu żgurati d-drittijiet proċedurali ta' detentur amministrattiv f'konformità mal-prinċipji tad-drittijiet tal-bniedem inkluż id-Dritt għal Proċess Ġust. Tiġi emendata l-Liġi dwar ir-Reati Amministrattivi f'dan ir-rigward;
- Tiġi modernizzata l-leġiżlazzjoni fl-oqsma kummerċjali, ċivili u amministrattivi f'konformità mal-istrategġija nazzjonali u b'approssimazzjoni mal-acquis tal-UE;
- Jiġi żgurati l-aċċess inklużiv għall-ġustizzja permezz ta' Servizz ta' Għajnuna Legali ffinanzjat u mogħni b'persunal b'mod adegwat;
- Jiġu sseparati kif xieraq il-funzjonijiet bejn il-prosekuturi u l-investigaturi kriminali, u jiġu stabbiliti mekkaniżmi ta' kooperazzjoni b'bilanċjati fil-leġiżlazzjoni u fil-prattika;
- Jiġu żgurati l-ordni pubbliku u s-sigurtà filwaqt li tiġi ggarantita l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

#### 1.2. *Strategġija kontra l-korruzzjoni, il-ġlieda kontra l-frodi, ir-riforma amministrattiva pubblika u s-servizz pubbliku*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tiġi żviluppata u żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Istrategġija Nazzjonali l-ġdida kontra l-Korruzzjoni u l-Pjan ta' Azzjoni rilevanti wara l-2020 biex tiġi evitata, identifikata u indirizzata kull forma ta' korruzzjoni;
- Jissaħħu l-istituzzjonijiet relatati mal-integrità fil-funzjonijiet ta' sorveljanza tagħhom: l-Uffiċċju tas-Servizzi Ċivili għad-dikjarazzjonijiet tal-assi; l-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat rigward l-awditi tal-infiq u d-dħul nazzjonali u sottonazzjonali; l-Aġenzija tal-Kompetizzjoni; is-sorveljanza u l-monitoraġġ tal-Parlament billi tittejjeb il-kapaċità tal-kumitati settorjali; is-Segretarjat Kontra l-Korruzzjoni taħt l-Amministrazzjoni tal-Gvern tal-Georgia; il-Kunsilli Konsultattivi Ċivili fil-livell lokali;
- Tkompli tiġi indirizzata l-korruzzjoni kemm permezz ta' mezzi ripressivi kif ukoll preventivi, pereżempju billi jkomplu jiġu msaħħin l-effiċjenza u l-kapaċità li tiġi investigata l-korruzzjoni; tiġi msaħħa l-verifika tad-dikjarazzjonijiet tal-assi u tal-introjt u tal-uffiċjali rilevanti kollha, jiġu indirizzati l-kunflitti ta' interess potenzjali, u jiġu monitorjati u evalwati l-effettività tal-miżuri;
- Jiġi żgurati li jkun hemm mekkaniżmi effiċjenti fis-seħħ li jipprevjenu u jidentifikaw kwalunkwe riskju u vulnerabbiltà relatati mal-pandemija tal-COVID-19 fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni f'oqsma ta' riskju għoli bħall-akkwist pubbliku u s-saħħa;
- Ikomplu jiġu msaħħin aktar il-mekkaniżmi għall-prevenzjoni tal-korruzzjoni u l-ġlieda kontra l-frodi f'oqsma ewlenin ta' riskju billi:
- Jiġu żgurati proċessi tal-akkwist pubbliku miftuħa u kompetittivi, bi tnaqqis fl-għotjiet diretti u bl-istabiliment ta' korp ta' rieżami tal-akkwist pubbliku indipendenti, imparzjali u trasparenti;
- Jiżded l-istandards tal-obbligu ta' rendikont u tal-integrità fis-settur tas-sigurtà u tissaħħa is-sorveljanza demokratika, inkluż billi jiġu limitati d-derogi tagħha (inkluż dwar ir-rappurtar finanzjarju) u tiġi emendata l-leġiżlazzjoni rilevanti kif xieraq;

- L-evazzjoni tat-taxxa u l-frodi tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) jkunu parti integrali mill-ġlieda kontra r-reati ekonomiċi, il-korruzzjoni u l-ħasil tal-flus, kif ukoll il-protezzjoni tal-finanzi pubbliċi;
- Jiġu żgurati b'mod effettiv il-kooperazzjoni u l-assistenza lill-istituzzjonijiet u l-korpi rilevanti tal-UE, inkluż l-Uffiċċju Ewropew Kontra l-Frodi (OLAF) għal investigazzjonijiet dwar attivitajiet illegali u ta' frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, u lill-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew (UPPE) fl-investigazzjonijiet u l-prosekuzzjonijiet tiegħu dwar reati li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni, f'konformità mar-regoli u l-proċeduri applikabbli;
- Tkompli tiġi żgurata l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Georgia mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-ġlieda kontra l-frodi u l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-leġiżlazzjoni tal-UE kif previst fl-Annessi rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;
- Jiġu promossi d-drittijiet u l-possibiltajiet taċ-ċittadini biex ikollhom aċċess għall-informazzjoni u jipparteċipaw fil-governanza fl-ivell nazzjonali u sottonazzjonali, inkluż permezz tas-soċjetà ċivili u l-monitoraġġ liberu u sikur tal-media;
- Tiġi żviluppata u żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Istrateġija l-ġdida għar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika u l-Pjan ta' Azzjoni rilevanti wara l-2020;
- Titrawwem l-implimentazzjoni tar-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika kemm fil-livell politiku kif ukoll fdak amministrattiv, inkluż billi jissaħħu l-koordinazzjoni, il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-Pjanijiet ta' Azzjoni korrispondenti;
- Jittejbu l-ftuħ, it-trasparenza u r-responsabbiltà tal-amministrazzjoni pubblika permezz tal-implimentazzjoni tar-riformi miftuħin tal-gvern;
- Tiġi elaborata politika unifikata għall-iżvilupp, it-twassil u l-assigurazzjoni tal-kwalità tas-servizzi pubbliċi bil-għan li jitjiebu s-sodisfazzjon u l-fiduċja taċ-ċittadini fil-gvern;
- Tiġi żviluppata komunikazzjoni robusta biex titqajjem kuxjenza dwar l-impatti pożittivi fir-Riforma tal-Amministrazzjoni Pubblika;
- Jiġi implimentat il-qafas legali tas-servizz ċivili biex jiġi żgurat servizz ċivili aktar professjonali u bbażat fuq il-mertu;
- Jitkomplew l-implimentazzjoni u l-progress tal-istat tad-dritt u tal-parametri referenzjarji kontra l-korruzzjoni bħala parti mill-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Titkompla l-ġlieda kontra l-korruzzjoni, u tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-istrumenti legali internazzjonali rilevanti, bħall-Konvenzjoni tan-NU kontra l-Korruzzjoni, u l-Konvenzjoni tal-Liġi Kriminali dwar il-Korruzzjoni u l-Protokoll Addizzjonali tagħha, kif ukoll tar-rakkomandazzjonijiet tal-Grupp ta' Stati tal-Kunsill tal-Ewropa kontra l-Korruzzjoni (GRECO) u tar-rakkomandazzjonijiet tan-Network tal-OECD kontra l-Korruzzjoni għall-Ewropa tal-Lvant u l-Asja Ċentrali;
- Tkompli tiġi żgurata investigazzjoni effettiva tal-każijiet ta' allegata korruzzjoni u tinholq sistema effettiva għall-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess;
- Titrawwem amministrazzjoni pubblika responsabbli, effiċjenti, effettiva, trasparenti u jinbena servizz ċivili professjonali u bbażat fuq il-mertu, inkluż fir-rigward tas-sistema għall-għażla, il-promozzjoni u s-sensji inkluż it-taħriġ speċjalizzat ibbażat fuq il-ħtiġijiet;
- Jittejbu l-kwalità, l-effiċjenza u l-aċċessibbiltà tas-servizzi pubbliċi fir-reġjuni tal-Georgia;
- Jittejbu l-ġestjoni u l-obbligu ta' rendikont tal-finanzi pubbliċi, filwaqt li jiġu kkunsidrati l-aspetti tal-ġeneru fl-ibbaġitjar ibbażat fuq il-programmi, u jissaħħu l-ippjanar strateġiku u l-implimentazzjoni fuq terminu medju;
- Jissaħħu l-involvement u l-kapaċità tal-partijiet ikkonċernati, inkluż l-organizzazzjonijiet mhux governattivi, l-awtogovernanza lokali, iż-żgħażaġh u d-dinja akkademika; tiġi pprovduta għodda effettiva għal involvement usa' tal-pubbliku fit-tehdid tad-deċiżjonijiet u l-monitoraġġ tal-prestazzjoni tar-riformi tal-amministrazzjoni pubblika;
- Tiġi żgurata awtogovernanza lokali affidabbli, responsabbli, trasparenti u orjentata lejn ir-riżultati, b'funzjonijiet, responsabbiltajiet u riżorsi ġodda, f'konformità mal-istandards Ewropej.

### 1.3. *Drittijiet tal-bniedem u libertajiet fundamentali*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tiġi żviluppata Strateġija Nazzjonali għad-Drittijiet tal-Bniedem għall-2021-2030 u l-pjanijiet ta' azzjoni rispettivi wara l-2020 li jinkludu r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi tal-korpi tan-NU, l-OSKE/l-ODIHR, il-Kunsill tal-Ewropa, il-Kummissjoni Ewropea kontra r-Razzizzmu u l-Intolleranza (ECRI) u l-organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem, b'mod partikolari fl-implimentazzjoni tal-politiki kontra d-diskriminazzjoni, il-protezzjoni tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi u tal-ħajja privata, u l-iżgurar tal-libertà reliġjuża u tat-twemmin; jiġu implimentati l-istrateġija u l-pjanijiet ta' azzjoni permezz ta' kooperazzjoni mill-qrib ma' atturi nazzjonali u internazzjonali;
- Titkompla l-implimentazzjoni tal-liġi kontra d-diskriminazzjoni biex tiġi żgurata protezzjoni effettiva kontra d-diskriminazzjoni, biex "ħadd ma jitħalla jibqa' lura"; jingħata kontribut biex jiżdied il-livell ta' tolleranza u jitnaqqas il-livell ta' vjolenza;
- Jitkompla t-tisħiħ tal-pluraliżmu tal-media, tat-trasparenza u tal-indipendenza f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill tal-Ewropa;
- Tissaħħaħ l-implimentazzjoni ta' miżuri għall-protezzjoni tal-professionisti tal-media u jiġu żgurati investigazzjonijiet effettivi u effiċjenti fil-każijiet kollha ta' vjolenza kontra l-professionisti tal-media, u dawk responsabbli jitressqu quddiem il-ġustizzja;
- Tiġi żviluppata Strateġija tal-Istat ġdida għall-Ugwaljanza Ċivika u għall-Integrazzjoni, u Pjan ta' Azzjoni għal wara l-2020 li għandu l-għan li jiżgura l-parteċipazzjoni ugwali u sħiħa tar-rappreżentanti tal-minoranzi etniċi fl-isferi kollha tal-ħajja pubblika, u aktar appoġġ għad-diversità kulturali;
- Isir progress fl-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq in-nisa u l-vjolenza domestika, l-hekk imsejħa Konvenzjoni ta' Istanbul, billi jissaħħu l-kapaċitajiet istituzzjonali nazzjonali li jappoġġaw il-kwistjonijiet relatati mal-ugwaljanza ta' bejn il-ġeneri u l-vjolenza abbażi tal-ġeneru. Jitkompla t-tisħiħ tal-miżuri għall-prevenzjoni u għall-investigazzjoni ta' każijiet ta' vjolenza kontra n-nisa u l-bniet, inkluż il-vjolenza sesswali, jiġu protetti l-vittmi u tiġi appoġġata r-riabilitazzjoni tal-awturi tar-reati. Issir ħidma għat-trasformazzjoni soċjali u biex jinbidlu l-attitudnijiet u l-prattiki diskriminatorji eżistenti, inkluż fir-rigward tal-vjolenza kontra n-nisa u l-vjolenza domestika;
- Jiġu intensifikati l-miżuri għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni kontra l-persuni LGBTI u jiġi żgurat li dawn ikunu jistgħu jgawdu bis-sħiħ id-drittijiet tal-bniedem kollha - id-drittijiet ċivili u politiċi u ekonomiċi, soċjali u kulturali - inkluż id-dritt għal-libertà ta' għaqda;
- Jissaħħaħ l-aċċess għas-saħħa riproduttiva u sesswali għall-persuni ta' kull età, għall-informazzjoni u l-prevenzjoni, u titkompla l-ġlieda kontra Prattiki dannużi mmirati lejn in-nisa u l-bniet, inkluż il-mutilazzjoni ġenitali, iż-żwieġ prekoċi u furzat tat-tfal, u forom oħra ta' ksur tad-drittijiet tal-bniedem u ta' trattamenti degradanti, b'attenzjoni speċjali lejn iż-żoni rurali. Żieda fl-assistenza tal-kura tas-saħħa materna;
- Jittieħdu miżuri speċjali għall-persuni li jappartjenu għal minoranzi sabiex jikkontribwixxu biex tkompli tissaħħaħ l-ugwaljanza fl-isferi politiċi, ekonomiċi u soċjali tal-ħajja;
- Il-leġiżlazzjoni tiġi armonizzata mal-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità kif ukoll mal-Protokoll Fakultattiv tagħha, u jiġi stabbilit korp ta' koordinazzjoni għal kwistjonijiet relatati mad-drittijiet ta' persuni b'diżabilità;
- Jiżdiedu l-miżuri biex tissaħħaħ l-inklużjoni tal-persuni b'diżabilità fil-ħajja pubblika u ekonomika u jiġi żgurat aċċess aħjar għall-ispazji pubbliċi. Jittejbu l-kundizzjonijiet għal persuni bi kwistjonijiet ta' saħħa mentali;
- Jissaħħu l-isforzi fil-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal permezz tal-promozzjoni ta' Prattiki tajbin ta' trobbija tat-tfal, appoġġ akbar għas-sistema edukattiva, u mekkaniżmu ta' riferiment imtejjeb;
- Jissaħħu l-isforzi għall-identifikazzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza kontra persuni akbar fl-età, jitkompla l-appoġġ ekonomiku u tal-kura tas-saħħa għall-persuni akbar fl-età, jingħata aktar kontribut għall-inklużjoni soċjali ta' persuni akbar fl-età;
- Tiżdied il-kapaċità u jissaħħaħ l-għarfien fost l-uffiċjali pubbliċi dwar kwistjonijiet marbutin mad-drittijiet tal-bniedem.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jinżammu mekkaniżmi effikaċi kemm għas-soluzzjonijiet tat-tilwim kif ukoll għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem, qabel il-mekkaniżmi ġudizzjarji jew bħala alternattiva għalihom;



- Jitkomplew il-promozzjoni, it-taħriġ u s-sensibilizzazzjoni dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-għieda kontra d-diskriminazzjoni fil-ġudikatura, fl-infurzar tal-liġi, u fl-amministrazzjoni pubblika kollha, inkluż fir-reġjuni;
- Titkompla l-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet tal-Uffiċċju tad-Difensur Pubbliku (DOP) inkluż f'każijiet ta' diskriminazzjoni, u jkompli jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-mekkaniżmu istituzzjonali previst fil-liġi kontra d-diskriminazzjoni;
- Jitkompla l-bini tal-kapaċitajiet ta' monitoraġġ tal-Kumitat Parlamentari dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Integrazzjoni Ċivili kif ukoll il-kwistjonijiet legali marbutin mal-implimentazzjoni tal-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;
- Titkompla l-kooperazzjoni mal-Organizzazzjonijiet tas-Soċjetà Ċivili (CSO) u b'mod partikolari s-sħab soċjali rappreżentattivi (it-trade unions u l-organizzazzjonijiet tal-impjegaturi) bħala partijiet ikkonċernati u gwardjani f'oqsma prijoritizzati mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia (FA), inkluż id-drittijiet tax-xogħol, il-privatezza, id-drittijiet ta' persuni li jappartjenu għall-minoranzi u persuni oħra f'sitwazzjonijiet vulnerabbli u l-libertà tal-media;
- Jittieħdu passi biex titqajjem kuxjenza u ssir ħidma għal aktar konformità mad-dispożizzjonijiet permanenti tal-Konvenzjoni Qafas tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-minoranzi nazzjonali inkluż dwar il-lingwi minoritarji;
- Titkompla l-għieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru u ħidma għall-prevenzjoni tagħha, filwaqt li ssir enfasi fuq il-bdil tal-isterjotipi tal-ġeneru, l-involvement akbar tal-irġiel u s-subien, l-appoġġ għall-parteċipazzjoni politika tan-nisa, l-indipendenza ekonomika u finanzjarja permezz tal-intraprenditorija u aċċess aħjar għas-suq tax-xogħol.

#### 1.4. *Trattament ħażin u tortura*

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Azzjoni kontra t-tortura u jitkompla t-teħid ta' aktar miżuri biex jiġu miġġielda t-trattament ħażin u t-tortura, u jiddiedu l-isforzi sabiex tiġi miġġielda l-impunità;
- Jitkompla l-appoġġ u tkompli tizzied l-indipendenza tal-awtorità ta' sorveljanza responsabbli mill-investigazzjonijiet dwar lmenti kontra uffiċjali tal-infurzar tal-liġi kemm fil-livell leġiżlattiv kif ukoll f'dak prattiku sabiex jiġu investigati b'mod effiċjenti l-każijiet ta' trattament ħażin u tortura, f'konformità mal-istandards internazzjonali;
- Tiġi żgurata investigazzjoni bir-reqqa, trasparenti u indipendenti dwar kwalunkwe allegazzjoni ta' użu ta' tortura u trattament ħażin fis-sistema penitenzjarja, il-pulizija, il-militar u faċilitajiet oħra ta' detenzjoni permezz tal-awtorità ta' sorveljanza inkarigata msemmija hawn fuq;
- Jitkompla l-appoġġ u l-impenn mal-Mekkaniżmu Nazzjonali ta' Prevenzjoni (NPM) taħt l-Uffiċċju tad-Difensur Pubbliku għall-prevenzjoni tal-abbuż billi jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tiegħu inkluż billi jiġi ffinanzjat adegwatament u billi tiġi protetta l-kunfidenzjalità tal-proċess;
- Ikompli jitjiebu l-kundizzjonijiet ta' detenzjoni u l-kundizzjonijiet tal-faċilitajiet tas-saħħa mentali;

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jitkomplew l-isforzi biex titjeb aktar is-sistema tal-kura tas-saħħa penitenzjarja u jitjeb l-aċċess tal-riġunieri għal servizzi tal-kura tas-saħħa inkluż is-servizzi tas-saħħa mentali, ekwivalenti għal tas-settur ċivili. Jitkompla l-iżvilupp tal-kapaċità u t-tisħiħ tal-pożizzjoni tal-persunal tal-kura tas-saħħa li jaħdem f'istituzzjonijiet magħluqa jew li jaħdem għalihom rigward ir-rappurtar tat-trattament ħażin;
- Jitkompla t-titjeb tal-programmi ta' riabilitazzjoni, tat-tnaqqis tal-ħsara u tal-kura tas-saħħa fis-sistema penitenzjarja;  
Jitkompla t-tisħiħ tal-effettività tal-monitoraġġ intern u estern li għaddej bħalissa tas-sistema penitenzjarja, tal-pulizija, tal-militar u faċilitajiet magħluqa oħra għall-identifikazzjoni bikrija u l-prevenzjoni tal-abbuż u t-trattament ħażin.

#### 1.5. *Trattament ugwali*

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- It-tisħiħ tal-ugwaljanza bejn is-sessi u l-iżgurar ta' trattament ugwali bejn in-nisa u l-irġiel, kif ukoll persuni li jappartjenu għall-minoranzi, irrISPETTIVAMENT mir-reliġjon jew it-twemmin, l-orijini etnika jew in-nazzjonali, ir-razza, il-lingwa, il-ġeneru, l-orjentazzjoni sesswali, l-identità sesswali, l-abbiltà jew raġunijiet oħra tal-ħajja soċjali, politika u ekonomika;

- Jittieħdu miżuri ulterjuri sabiex tissaħħa l-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru, inkluż azzjonijiet biex tinholq sensibilizzazzjoni kemm tal-popolazzjoni ġenerali kif ukoll ta' gruppi professjonali speċifiċi, bħal pereżempju l-pulizija, u b'mod partikolari f'żoni rurali. Jiżdied l-aċċess tal-vittmi għal servizzi ta' konsulenza, għall-akkomodazzjonijiet u għal postijiet ta' kenn;
- Jiżdied l-aċċess tal-vittmi, inkluż il-persuni li jappartjenu għal minoranzi, għal servizzi ta' konsulenza u postijiet ta' kenn, kif ukoll għal programmi għall-emanipazzjoni ekonomika wara l-ġhotti ta' għajmuna;
- Jittejbu l-ġbir, l-analiżi u r-rappurtar ta' data dwar l-vjolenza abbażi tal-ġeneru. Appoġġ għall-ġlieda kontra l-vjolenza abbażi tal-ġeneru fil-livell lokali permezz ta' involviment akbar tal-atturi lokali, bħall-muniċipalitajiet, il-ħaddiema soċjali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
- Bħala parti mill-Istrateġija u l-Pjan ta' Azzjoni dwar id-Drittijiet tal-Bniedem, tiġi żviluppata u implimentata politika komprensiva dwar l-ugwaljanza li tiżgura li l-persuni kollha jgawdu bis-sħiħ mid-drittijiet tal-bniedem, inkluż persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli.
- Il-pożizzjoni tal-UE, fid-dawl tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u d-Demokrazzja 2020-2024, fost l-oħrajn, ser timmira li ssaħħa il-qafas legali u ta' politika internazzjonali u l-infurzar tiegħu għal ħidma lejn parteċipazzjoni ugwali, sħiħa, effettiva u sinifikanti tan-nisa u ż-żgħażaġh, fid-diversità kollha tagħhom, fl-isferi u l-livelli kollha tal-ħajja pubblika u dik politika, inkluż billi tippromwovi l-inklużjoni tagħhom fil-lista tal-partiti politiċi għal siġġijiet li jistgħu jinħadmu u l-bini tal-kapaċità tal-kandidati.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Approssimazzjoni mal-istandards Ewropej fir-rigward tar-regoli tas-saħħa u s-sigurtà, regoli dwar il-protezzjoni tal-maternità, regoli dwar ir-rikonċiljazzjoni tar-responsabbiltajiet tal-ġenituri u dawk professjonali kif previst mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;
- Jittieħdu passi attivi biex tiġi promossa żieda sinifikanti fil-parteċipazzjoni u fir-rappreżentanza ta' nisa u persuni li jappartjenu għal minoranzi fil-fora tat-teħid ta' deċiżjonijiet politiċi u fis-suq tax-xogħol u f'attivitajiet ekonomiċi, inkluż fil-livell ta' rappreżentanza lokali (jiġifieri muniċipalitajiet);
- Appoġġ għan-nondiskriminazzjoni fis-suq tax-xogħol u għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' paga ugwali għal xogħol bl-istess valur;
- Jingħata kontribut għal aktar inklużjoni soċjali u ekonomika u għall-parteċipazzjoni ta' persuni li jappartjenu għall-minoranzi etniċi, inkluż permezz tal-aċċess għall-informazzjoni u l-edukazzjoni, kif ukoll it-tagħlim tal-lingwa tal-Georgia;
- Permezz ta' attivitajiet għat-tisħiħ tal-għarfien u tas-sensibilizzazzjoni, jiżdiedu l-aċċettazzjoni u t-tolleranza fost il-popolazzjoni b'mod usa'.

#### 1.6. *Drittijiet tat-tfal*

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Jiġi implimentat il-Kodiċi tad-Drittijiet tat-Tfal billi tiġi allinjata l-leġislazzjoni kollha meħtieġa u jissaħħa il-mekkaniżmi nazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal minn kull forma ta' vjolenza, inkluż iż-żwiggijiet prekoċi u furzati;
- Jiġu indirizzati l-ħtiġijiet tat-tfal kollha inkluż dawk f'sitwazzjonijiet l-aktar emarġinati jew vulnerabbli, it-tfal b'diżabilità u t-tfal li jiġġerrew fit-toroq, permezz tat-titjib u l-espansjoni tal-mekkaniżmi tal-protezzjoni soċjali, kif ukoll l-appoġġ tal-aċċess territorjali għal programmi ta' abilitazzjoni/riabilitazzjoni għat-tfal b'diżabilità, u jittieħdu passi biex jispiċċa t-tħaddim tat-tfal;
- Tiġi implimentata l-liġi dwar il-ħidma soċjali u jiġu żgurati riżorsi għar-reklutaġġ u għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' gruppi professjonali li jitrattaw lit-tfal vulnerabbli, inkluż it-tfal b'diżabilità;
- Titqajjem kuxjenza u jissaħħa l-għarfien tal-professionisti li jaħdmu mat-tfal u mal-pubbliku ġenerali dwar il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-vjolenza fuq it-tfal;
- Titkompla l-ħidma lejn id-deistituzzjonalizzazzjoni tat-tfal, jiġi applikat mekkaniżmu r-rwol ta' gwardjan u jitkompla l-iżvilupp ta' kura alternattiva.

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Titkompla r-riforma tal-ġustizzja għall-minorenni;
- Jittieħdu passi lejn it-trasformazzjoni soċjali u komportamentali biex tiġi miġġielda l-vjolenza fuq it-tfal;

— Tiġi finalizzata d-deistituzzjonalizzazzjoni tal-indukrar tat-tfal.

### 1.7. *Drittijiet tat-trade unions u l-istandards ewlenin tax-xogħol*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Jiġi adottat u implimentat il-qafas legali li jistabbilixxi l-funzjonijiet superviżorji tas-sistema tal-ispezzjoni tax-xogħol għal-leġiżlazzjoni kollha dwar il-kundizzjonijiet tal-ħaddiema u tax-xogħol, u jitneħħew ir-restrizzjonijiet għas-setgħat tal-ispetturi fil-leġiżlazzjoni eżistenti f'konformità mal-istandards tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO);
- Ikompli jiġi emendat il-Kodiċi tax-Xogħol u leġiżlazzjoni rilevanti oħra filwaqt li joqorbu aktar lejn l-istandards tal-ILO;
- Tkompli tiġi żgurata sistema effettiva tal-ispezzjoni tax-xogħol b'kompetenzi, kapaċitajiet u riżorsi (finanzjarji, umani u amministrattivi) adegwati biex jiġu spezzjonati l-kundizzjonijiet tax-xogħol u r-relazzjonijiet tax-xogħol kollha skont l-istandards tal-ILO.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Il-leġiżlazzjoni dwar ix-xogħol tkun ibbażata fuq il-proċeduri għas-soluzzjoni tat-tilwim industrijali inkluż permezz tas-sistema tal-medjazzjoni tax-xogħol;
- Tiġi elaborata metodoloġija ta' evalwazzjoni/kejl ta' xogħol u remunerazzjoni ugwali;
- Jiġi żgurat il-funzjonament effettiv tal-Kummissjoni tas-Sħubija Soċjali Tripartitika u tal-fergħa reġjonali tagħha u jkompli jittejjeb id-djalogu soċjali permezz ta' kooperazzjoni mal-ILO u tal-organizzazzjonijiet tas-sħab soċjali Ewropej.

## 2. **Politika Barranija u ta' Sigurtà**

Id-djalogu u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni (PESK) tal-UE ser jittejjbu aktar u jimmiraw lejn konverġenza gradwali, inkluż dwar il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni (PSDK), u jindirizzaw b'mod partikolari kwistjonijiet dwar il-prevenzjoni tal-kunflitti u ġestjoni tal-kriżijiet, l-istabbiltà reġjonali, il-kontroll tal-armi, id-diżarm, in-nonproliferazzjoni, iċ-ċibersigurtà u t-theddid ibridu. Il-kooperazzjoni ser tkun ibbażata fuq valuri komuni, inkluż l-impenn lejn il-prinċipji tar-rispett għas-sovranità u l-integrità territorjali, l-invjolabbiltà tal-fruntieri u l-indipendenza u fuq interessi reċiproċi, u timmira lejn żieda fil-koerenza u fl-effikaċja politika, bl-użu ta' fora bilaterali, multilaterali u reġjonali filwaqt li jiġi rrispettat l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli.

### 2.1. *Kooperazzjoni tal-PSDK, allinjament, theddid ibridu u ċibersigurtà, komunikazzjoni strateġika u kooperazzjoni reġjonali*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Jissaħħu l-isforzi biex jiżdied il-livell ta' allinjament tal-Georgia mad-dikjarazzjonijiet u d-deċiżjonijiet tal-PESK tal-UE, inkluż f'konformità mal-prinċipji tas-sovranità u l-integrità territorjali, minnuxa fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni UE-Georgia, u azzjoni f'fora multilaterali;
- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-theddid ibridu, tissaħħaħ iċ-ċibersigurtà, inkluż permezz tal-implimentazzjoni tar-rakkomandazzjonijiet ibbażati fuq l-istħarriġ dwar it-theddid ibridu;
- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni dwar il-komunikazzjoni strateġika sabiex tiġi kkonsolidata r-reżiljenza tal-Istat u tas-soċjetà kontra d-diżinformazzjoni; jiġu diversifikati u jitwessgħu l-oqfsa ta' kooperazzjoni Prattika sabiex jiġu inkluż l-atturi tas-soċjetà ċivili kif ukoll atturi u istituzzjonijiet tal-Istat oħra tal-istess fehma;
- Jitkoplew l-isforzi biex tiġi implimentata riforma effettiva fis-settur tas-sigurtà fil-Georgia;
- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni Prattika fil-prevenzjoni tal-kunflitti u l-ġestjoni tal-kriżijiet billi tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-Georgia fl-operazzjonijiet ta' ġestjoni ta' kriżijiet ċivili u militari mmexxija mill-UE, f'attivitajiet ta' konsulenza u ta' taħriġ fil-qasam tal-PSDK fuq il-bażi tal-Qafas ta' Ftehim ta' Parteċipazzjoni ffirmat f'Novembru 2013 u fil-qafas multilaterali tal-Bord tas-Sħubija tal-Lvant dwar is-sigurtà, il-PSDK u l-protezzjoni ċivili u l-kooperazzjoni mal-aġenziji tal-UE dwar kwistjonijiet marbutin mal-PSDK;

Tiġi promossa l-kooperazzjoni reġjonali fi kwistjonijiet ta' sigurtà bħall-migrazzjoni, il-ġestjoni mtejjba tal-fruntieri, il-protezzjoni tal-infrastruttura kritika, il-kontroll tal-esportazzjoni, it-tnaqqis u l-ġestjoni tar-riskju ta' diżastri inkluż ir-rispons għall-emerġenzi, il-protezzjoni ċivili, il-ġlieda kontra l-kuntrabandu u t-traffikar illeċitu (bħall-materjali bijoloġiċi u nukleari) u t-taħriġ ta' persunal xieraq, inkluż b'mod partikolari permezz tal-inizjattiva taċ-Ċentru ta' Eċċellenza Kimiku, Bijoloġiku, Radjoloġiku u Nukleari (CBRN) tal-UE u s-Segretarjat Reġjonali tiegħu għall-Ewropa tax-Xlokk u tal-Lvant li jinsab fil-Georgia.

Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jiġu promossi r-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti u l-istabbiltà u s-sigurtà internazzjonali biex jiġi rrispettat l-ordni internazzjonali bbażat fuq ir-regoli u fuq il-multilateraliżmu effettiv;
- Jiġi promoss ir-rispett konġunt għall-prinċipji tal-indipendenza, tas-sovranità u tal-integrità territorjali, l-invjolabbiltà tal-fruntieri, kif stipulat fil-Karta tan-NU u l-Att Finali ta' Helsinki tal-OSKE, inkluż fl-allinjament mad-deċiżjonijiet u d-dikjarazzjonijiet tal-PESK tal-UE.

*2.2. Il-ġlieda kontra t-terroriżmu, in-nonproliferazzjoni tal-armi tal-qerda tal-massa u l-esportazzjonijiet illegali tal-armi*Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Kooperazzjoni biex tiġi miġġielda l-proliferazzjoni tal-armi tal-qerda tal-massa u tal-mezzi tat-twassil tagħhom permezz ta' konformità sħiħa mal-obbligi eżistenti tal-Partijiet skont it-trattati u l-ftehimiet internazzjonali dwar id-diżarm u n-nonproliferazzjoni u skont obbligi internazzjonali rilevanti oħra, u l-implimentazzjoni nazzjonali tagħhom;
- Isir użu sħiħ mill-ftehim operattiv bejn il-Georgia u l-EUROPOL sabiex jiġi ffaċilitat l-iskambju tal-informazzjoni dwar l-organizzazzjonijiet terroristiċi, il-gruppi, l-attivitajiet tagħhom u n-networks ta' sostenn tagħhom.

Prijoritajiet fuq terminu medju

- Kooperazzjoni ħalli jikber il-kunsens internazzjonali fil-ġlieda kontra t-terroriżmu bbażata fuq id-drittijiet tal-bniedem, inkluż dwar id-definizzjoni legali tal-atti terroristiċi, inkluż billi jiġi promoss ftehim dwar il-Konvenzjoni Komprensiva dwar it-Terroriżmu Internazzjonali;
- Tkompli tiġi implimentata r-Riżoluzzjoni tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (UNSCR) 2396, u b'mod partikolari tiġi kondiviża informazzjoni dwar persuni suspettati b'terroriżmu sabiex jiġu identifikati, individwati u mressqa quddiem il-ġustizzja l-ġellieda terroristi barranin;
- Kooperazzjoni fir-rigward tal-kontrolli doganali bbażati fuq ir-riskju li jiżguraw is-sikurezza u s-sigurtà tal-oġġetti importati, esportati, jew fi tranżitu;
- L-indirizzar tal-kummerċ illegali ta' armi żgħar u armamenti ħfief, inkluż il-munizzjon tagħhom, skont il-ftehimiet internazzjonali eżistenti u r-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU, u l-impjenji skont strumenti internazzjonali oħrajn applikabbli f'dan il-qasam;
- Titkompla l-kooperazzjoni fil-qasam tal-kontroll tal-esportazzjoni tal-armi konvenzjonali, fid-dawl tal-Pożizzjoni Komuni tal-UE dwar il-kontroll tal-esportazzjonijiet ta' teknoloġija u tagħmir militari. Titkompla l-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi u l-qerda tal-ħażniet;
- Jitkompla l-kontribut għall-implimentazzjoni tal-kontroll tal-armi u r-reġimi rilevanti għall-bini tal-fiducia; it-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari (TNP) u t-tliet pilastru tiegħu, kif ukoll il-Konvenzjoni dwar l-Armi Kimiċi (CWC), il-Konvenzjoni dwar l-Armi Bijoloġiċi (BWC) u obbligi eżistenti oħra skont il-ftehimiet internazzjonali rilevanti u obbligi internazzjonali oħra.

*2.3. Riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti*Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tinżamm kooperazzjoni effettiva bejn l-UE u l-Georgia biex tinstab soluzzjoni għall-kunflitt skont formati miftiehma, bil-għan li tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa tal-ftehim ta' waqfien mill-ġlied tat-12 ta' Awwissu 2008 fejn l-UE kienet involuta bħala medjatur, u r-ritorn sikur, volontarju u dinjituż tal-IDPs u r-refuġjati lejn djarhom, kif ukoll l-istabbiliment ta' modi għal involviment xieraq tar-reġjuni Georgjani tal-Abkażja u r-reġjun ta' Tskhinvali/tal-Ossezja tan-Nofsinhar fl-appfondiment tar-relazzjonijiet bejn l-UE u l-Georgia;
- Jitkomplew b'mod effettiv il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn l-UE u l-Georgia dwar ir-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti inkluż permezz ta' djalogu politiku regolari, filwaqt li l-kwistjoni tat-tisħiħ tal-paċi u tas-sigurtà tibqa' fuq quddiem fl-aġenda tal-UE;
- Jiġu kkoordinati l-isforzi biex tiġi ffaċilitata l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' Waqfien mill-Ġlied tat-12 ta' Awwissu 2008 fejn l-UE kienet involuta bħala medjatur, inkluż permezz tal-iżvilupp u l-promozzjoni tal-miżuri ta' implimentazzjoni sussegwenti bħala segwitu għall-miżura inizjali;

- Jiġu intensifikati l-isforzi biex jiġu żgurati negozjati sinifikattivi u biex jintlaħqu riżultati tanġibbli fi ħdan il-qafas tad-Diskussjonijiet Internazzjonali ta' Ġinevra kopreseduti mill-UE, in-NU u l-OSKE abbażi tal-Ftehim ta' Waqfien mill-Ġlied tat-12 ta' Awwissu 2008 fejn l-UE kienet involuta bħala medjatur, biex jinstabu soluzzjonijiet dejjiema għall-isfidi umanitarji u ta' sigurtà li jirriżultaw mill-kunflitt mhux solvut;
  - L-użu bis-sħiħ u b'mod effettiv tal-uffiċċji tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-UE fil-Georgia sabiex jikkontribwixxu għall-istabbiltà u n-normalizzazzjoni, inkluż l-iffaċilitar ta' ħajja sikura u normali għall-komunitajiet lokali li jgħixu fuq iż-żewġ naħat tal-linji ta' demarkazzjoni amministrattiva, u t-tisħiħ tal-fiduċja;
  - Titkompla l-ħidma għall-issoktar u l-funzjonament effettiv tal-Mekkaniżmi għall-Prevenzjoni u r-Rispons għall-Inċidenti f'Gali u Ergneti filwaqt li jiġu rduppjati l-isforzi biex jiġu indirizzati l-ħtiġijiet umanitarji u ta' sikurezza tal-persuni milquta mill-kunflitt;
  - Jitkoplew l-isforzi biex jiġu indirizzati l-abbużi kontra d-drittijiet tal-bniedem fir-reġjuni Georgjani tal-Abkażja u r-reġjun ta' Tskhinvali/tal-Ossezja tan-Nofsinhar;
  - Jiġu appoġġati l-isforzi favur ir-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti, inkluż permezz ta' kuntatti mal-popolazzjonijiet tar-reġjuni Georgjani tal-Abkażja u r-reġjun ta' Tskhinvali/tal-Ossezja tan-Nofsinhar fid-dawl tal-politika ta' rikonċiljazzjoni u djalogu tal-Georgia (inkluż l-inizjattiva ta' paċi) u l-politika ta' nonrikonnoxximent u djalogu tal-UE li dwarha jikkooperaw l-UE u l-Georgia;
  - Kooperazzjoni għall-kondiviżjoni mal-popolazzjonijiet ta' kull naħa tal-benefiċċji u l-opportunitajiet li jirriżultaw mill-assoċjazzjoni politika bejn l-UE u l-Georgia u l-proċess ta' integrazzjoni ekonomika, inkluż is-sistema mingħajr viża għal soġġorn qasir fiż-żona ta' Schengen;
  - Titkompla l-promozzjoni tal-libertà tal-moviment, tal-kummerċ, tar-rabtiet ekonomiċi u tal-opportunitajiet ta' edukazzjoni bejn il-linji ta' demarkazzjoni amministrattiva, inkluż permezz tal-inizjattiva għall-paċi "Pass lejn Futur Aħjar" u ta' rieżami tal-leġiżlazzjoni, kif meħtieġ.
- Kooperazzjoni fit-teħid ta' miżuri biex jitrawmu l-kuntatti bejn in-nies, fit-tisħiħ tal-fiduċja u fl-isforzi għar-rikonċiljazzjoni bejn il-komunitajiet mifrudin b'kunflitti;
- Jittieħdu passi oħra biex tiġi promossa l-integrazzjoni sostenibbli tal-persuni spostati f'pajjiżhom (id-drittijiet għall-proprjetà, l-impjiegi u l-appoġġ immirat);
  - Tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-Pjan ta' Azzjoni Nazzjonali għall-2022-2024 dwar l-implimentazzjoni tar-Riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-NU dwar in-Nisa, il-Paċi u s-Sigurtà (UNSCR 1325 +);
  - Tissaħħaħ il-parteciċipazzjoni sinifikanti tan-nisa fir-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitti u l-konsolidazzjoni tal-paċi, u jiġi żgurati li n-nisa u s-soċjetà ċivili affettwati mill-kunflitti jiġu kkonsultati b'mod attiv bħala parti mill-isforzi kollha għar-riżoluzzjoni tal-kunflitti;
  - Jitkoplew l-isforzi konġunti u jittieħdu miżuri preventivi biex ikomplu jiġu kkonsolidati l-politika ta' nonrikonnoxximent fix-xena internazzjonali.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jittieħdu passi għar-riżoluzzjoni sostenibbli tal-kunflitti u mingħajr preġudizzju dwar formati eżistenti biex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet marbutin mal-kunflitti, ir-riżoluzzjoni paċifika tal-kunflitt ser tikkostitwixxi wieħed mis-suġġetti ewlenin fuq l-aġenda tad-djalogu politiku bejn il-Partijiet, kif ukoll fid-djalogu ma' atturi internazzjonali oħrajn rilevanti;
- Jitkoplew l-isforzi konġunti biex jiġi promoss l-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' sigurtà internazzjonali fir-reġjuni Georgjani tal-Abkażja u r-reġjun ta' Tskhinvali/tal-Ossezja tan-Nofsinhar, l-aċċess ta' organizzazzjonijiet internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem għal dawn it-territorji, u l-implimentazzjoni sħiħa tal-mandat tal-Missjoni ta' Monitoraġġ tal-Unjoni Ewropea fil-Georgia (EUMM Georgia) fil-pajjiż kollu kemm hu;
- Titkompla l-ħidma li tippermetti r-ritorn sikur, dinjituż u volontarju tal-IDPs u tar-refuġjati kollha lejn il-postijiet ta' oriġini f'konformità mal-prinċipji tal-liġi internazzjonali;
- Titkompla l-kooperazzjoni mal-Qorti Kriminali Internazzjonali (QKI) billi jiġi implimentat l-Istatut ta' Ruma u l-istrumenti relatati tiegħu, filwaqt li tingħata l-attenzjoni dovuta sabiex tinżamm l-integrità tagħha. Titkompla l-kooperazzjoni mal-QKI fir-rigward tal-investigazzjonijiet fuq il-gwerra ta' Awwissu 2008.

### **3. Ġustizzja, Libertà u Sigurtà**

F'Marzu 2017 ngħata d-dritt liċ-ċittadini Georgjani biex jivvjaġġaw mingħajr viża lejn l-UE. F'dan il-kuntest, il-Georgia jenħtieġ li tkompli tissodisfa l-parametri referenzjarji tal-Liberalizzazzjoni tal-Viża u tindirizza r-rakkomandazzjonijiet fir-rapporti regolari taħt il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Viża maħruġin mill-Kummissjoni biex tiżgura s-sostenibbiltà tas-sistema ta' vjaġġar mingħajr viża u b'hekk tikkontribwixxi għall-mobilità u l-kuntatti bejn il-persuni bejn l-UE u l-Georgia.

Barra minn hekk, il-Ftehim ta' Riammissjoni, is-Sħubija għall-Mobilità bejn l-UE u l-Georgia, u l-arranġamenti u l-ftehimiet ta' kooperazzjoni kif xieraq ma' diversi aġenziji tal-UE fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni, bħall-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), in-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni (EMN), il-Europol, is-Cepol u l-Eurojust, jipprovdu l-kuntest għall-kooperazzjoni msaħħa fil-qasam tal-Ġustizzja u l-Affarijiet Interni.

### 3.1. *Protezzjoni tad-Data Personali*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni għad-data personali u tiġi ppromulgata leġislazzjoni f'konformità mal-istandards Ewropej u jittieħdu passi prattiċi lejn ir-rispett għad-dritt tal-protezzjoni tad-data fis-settur pubbliku u privat, inkluż fil-qasam tal-ġustizzja kriminali;
- Tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtorità ta' sorveljanza għall-protezzjoni tad-data biex jiġi żgurat li tkun kapaċi tlaħħaq mal-isfidi teknoloġiċi moderni fl-isfera tal-protezzjoni tad-data u timplimenta b'suċċess l-istandards Ewropej fil-Georgia.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jitkompla t-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-awtorità ta' sorveljanza għall-protezzjoni tad-data u jsir segwitu dwar l-applikazzjoni tal-istandards tal-protezzjoni tad-data.

### 3.2. *Migrazzjoni, Ażil u Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Jiġi żgurat l-issodisfar sostnut tal-parametri referenzjarji kollha tal-Liberalizzazzjoni tal-Viża u tar-rakkomandazzjonijiet maħruġa mill-Kummissjoni fir-Rapporti dwar il-Mekkaniżmu ta' Sospensjoni tal-Eżenzjoni ta' Viża;
- Titkompla l-implimentazzjoni effettiva tal-ftehimiet ta' riammissjoni, inkluż il-ftehim ta' riammissjoni bejn l-UE u l-Georgia;
- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni operattiva biex jinkiseb tnaqqis rapidu fl-għadd ta' applikazzjonijiet bla bażi għall-ażil imressqa minn ċittadini Georgjani fiż-żona Schengen+;
- Jiġu implimentati b'mod effettiv l-emendi fil-liġi tal-Georgia "Dwar ir-regoli u l-proċeduri għaċ-ċittadini Georgjani li joħorġu jew jidħlu fil-Georgia", b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem u r-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data;
- Tkompli l-organizzazzjoni ta' kampanji ta' informazzjoni dwar id-drittijiet u l-obbligi tal-ivvjaġġar mingħajr viża;
- Tissaħħaħ aktar il-ġestjoni tal-fruntieri u tinżamm il-kwalità għolja tal-kontrolli fil-fruntieri u s-sorveljanza tal-fruntieri;
- Jiġi rrapportat it-titjib fl-analiżi tad-data migratorja u tal-valutazzjoni tar-riskji;
- Jiġi aġġornat fuq bażi regolari (tal-inqas kull sentejn) il-Profil tal-Migrazzjoni tal-Georgia;
- Tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni operattiva mal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (Frontex), inkluż il-kooperazzjoni dwar il-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri, l-iskambju tal-persunal, it-taħriġ, l-osservaturi mir-reġjun f'operazzjonijiet konġunti u l-iskambju ta' informazzjoni permezz tan-Network ta' Analiżi tar-Riskju tas-Sħubija tal-Lvant (l-RAN tas-Sħubija tal-Lvant);
- Tiġi ffinalizzata u implimentata b'mod effettiv l-Istrateġija tal-Istat għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri tal-Georgia 2021-2025 u l-Pjan ta' Azzjoni ta' magħha.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Tiġi implimentata b'mod effettiv l-Istrateġija tal-Migrazzjoni tal-Georgia 2021-2030 u l-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' magħha;
- Jiġu żviluppati modi aktar effettivi biex tiġi offruta migrazzjoni legali u ċirkolari, inkluż skemi ta' migrazzjoni tal-ħaddiema, filwaqt li jiġu rrispettati l-leġislazzjoni u l-kompetenzi nazzjonali eżistenti kif ukoll b'rispett sħiħ għad-drittijiet tal-bniedem tal-ħaddiema migranti kollha;
- Tiġi elaborata u implimentata b'mod effettiv l-Istrateġija Integrata għall-Ġestjoni tal-Fruntieri tal-Georgia 2021-2025 u l-Pjanijiet ta' Azzjoni ta' magħha;
- Tinżamm kwalità għolja fil-kontrolli tal-fruntieri u għas-sorveljanza tal-fruntieri;
- Isir progress fid-demarkazzjoni tal-fruntieri statali ma' pajjiżi tal-viċinat;

- Titkompla l-implimentazzjoni effettiva tal-programm u tal-attivitajiet ta' riintegrazzjoni tal-istat.

### 3.3. *Infurzar tal-liġi*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tiġi żgurata kapaċità operattiva sħiħa tal-awtorità ta' sorveljanza responsabbli mill-investigazzjonijiet indipendenti tal-menti kontra uffiċjali tal-infurzar tal-liġi. L-ilmenti kontra l-pulizija ser jeħtieġu mekkaniżmu professjonali u effettiv għal rispons kredibbli inkluż permezz tal-Ispezzjoni Ġenerali interna;
- Jitkompla l-funzjonament effettiv tad-Dipartiment tal-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u l-Monitoraġġ tal-Kwalità tal-Investigazzjonijiet fil-Ministeru għall-Affarijiet Interni, inkluż billi jiġi appoġġat l-għoti ta' taħriġ professjonali lill-uffiċjali tal-infurzar tal-liġi dwar id-drittijiet tal-bniedem kif garantit mill-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem;
- Tiġi estiża ulterjorment l-applikazzjoni tal-alternattivi għall-priġunerija, billi jissaħħaħ l-użu eżistenti u billi jiddaħħlu sentenzi ġodda mingħajr arrest u billi jiżiedu l-kapaċitajiet tas-servizzi ta' probation;
- Jiġu mmodernizzati l-proċessi u t-tekniki investigattivi fil-ġlieda kontra r-reati organizzati u serji, u kull reat ieħor.

### 3.4. *Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tiġi żgurata l-implimentazzjoni kontinwa tal-Pjanijiet ta' Azzjoni rilevanti għall-Ġlieda kontra t-Traffikar tal-Bnedmin u jitkoplew l-attivitajiet ta' żvilupp tal-kapaċità għall-awtoritajiet tal-Istat sabiex ikunu jistgħu jidentifikaw b'mod proattiv, u jinvestigaw b'mod effiċjenti, il-każijiet ta' traffikar tal-bnedmin;
- Tiġi mmonitorjata u jsir rappurtar dwar l-effettività tal-identifikazzjoni proattiva u l-investigazzjoni tal-każijiet ta' traffikar tal-bnedmin;
- Tiġi żviluppata Strateġija Nazzjonali ġdida għall-Ġlieda kontra l-Kriminalità Organizzata u l-Pjan ta' Azzjoni li jakkumpanjaha, filwaqt li tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva;
- Jittieħed vantaġġ sħiħ mill-ftehim dwar il-kooperazzjoni operazzjonali u strateġika mal-Europol, inkluż billi tingħata informazzjoni operazzjonali u strateġika u permezz ta' involviment aktar b'sahhhu fiċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE/il-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT);
- Titkompla l-kooperazzjoni mas-CEPOL għal finijiet ta' taħriġ fl-infurzar tal-liġi;
- Jitkompla l-iżvilupp ulterjuri ta' aktar l-attivitajiet tal-pulizija bbażati fuq l-intelligence u ta' sistema unifikata għall-analiżi tal-kriminalità, inkluż bl-adozzjoni u l-implimentazzjoni tal-istrateġija taż-żamma tal-ordni tal-pulizija permezz tal-intelligence.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jitkoplew l-isforzi fil-qasam tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, b'mod partikolari fil-qafas taċ-Ċiklu ta' Politika tal-UE biex tiġi indirizzata l-kriminalità internazzjonali organizzata u serja/il-Pjattaforma Multidixxiplinari Ewropea Kontra t-Theddid Kriminali (EMPACT);
- Tittejeb il-kooperazzjoni fl-indirizzar tal-kriminalità ċibernetika, u jingħata t-taħriġ rilevanti fl-infurzar tal-liġi lill-awtoritajiet Georgjani;
- Jiżiedu l-isforzi fil-ġlieda kontra l-kriminalità ċibernetika biex jinbena qafas legali u istituzzjonali komprensiv f'konformità mal-Konvenzjoni ta' Budapest;
- Tkompli tissaħħaħ il-kooperazzjoni fl-infurzar tal-liġi transfruntiera għall-ġlieda kontra gruppi ta' kriminalità organizzata Georgjani.

### 3.5. *Indirizzar tad-Drogi Illegali*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Titkompla l-kooperazzjoni fil-prevenzjoni tad-drogi u permezz tal-allinjament sħiħ tal-politiki dwar id-drogi mal-pożizzjonijiet tal-UE u filwaqt li jkomplu jissaħħu l-mekkaniżmi ta' prevenzjoni permezz tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Prevenzjoni tal-Abbuż tad-Droga 2021-2026 u l-pjanijiet ta' azzjoni rispettivi tagħha;

- Tinżamm kooperazzjoni mill-qrib maċ-Ċentru Ewropew għall-Monitoraġġ tad-Droga u d-Dipendenza fuq id-Droga (EMCDDA) sabiex titjeb il-kapaċità tal-Osservatorju Nazzjonali tal-Georgia dwar id-Drogi (NDO) u biex tiġi skambjata informazzjoni rilevanti u valida;
- Tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Istrateġiji Nazzjonali Kontra d-Droga u l-pjanijiet ta' azzjoni sussegwenti.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Ikompli jiġi żgurati approċċ ibbilanċjati u integrati lejn il-kwistjonijiet tad-droga, biex is-sistemi jissaħħu biex jiġu ttrattati l-konsegwenzi fuq is-saħħa u soċjali tal-użu tad-droga, kif ukoll tiġi żgurata prevenzjoni aktar effettiva u ħidma biex titnaqqas il-provvista u d-domanda għad-drogi illegali kif ukoll it-traffikar tagħhom;
- Jitkompla d-djalogu regolari fil-qafas tad-Djalogu dwar id-Drogi tas-Sħubija tal-Lvant (SL).

### 3.6. *Ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u kontra l-finanzjament tat-terroriżmu*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tiġi allinjata l-leġiżlazzjoni Georgjana mar-raba' u l-ħames Direttiva tal-UE dwar il-Ġlieda Kontra l-ħasil tal-Flus;
- Jiġi mmonitorjat u jsir rappurtar dwar l-għadd ta' ordnijiet ta' ffriżar u konfiska maħruġin u fuq il-valur stmat ta' proprjetà ffriżata u kkonfiskata, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tal-leġiżlazzjoni tal-Georgia dwar il-konfiska ta' assi kriminali.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jitkomplew l-isforzi biex jibqa' jiġi żviluppat il-qafas legali u istituzzjonali għall-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-ħasil tal-flus u l-finanzjament tat-terroriżmu, inkluż permezz tal-approssimazzjoni mal-leġiżlazzjoni tal-UE f'dawn l-oqsma;
- Titkompla l-implimentazzjoni tal-istandards tar-rakkomandazzjonijiet dwar l-iffinanzjar tat-terroriżmu tat-Task Force ta' Azzjoni Finanzjarja (FATF);
- Titkompla l-kooperazzjoni mal-FATF, il-Kunsill tal-Ewropa, il-MONEYVAL, kif ukoll mill-awtoritajiet rilevanti tal-Istati Membri tal-UE dwar kwistjonijiet relatati mal-ħasil tal-flus;
- Jitkompla t-titjib tal-kooperazzjoni operattiva dwar il-konfiska, l-irkupru tal-assi u l-ġestjoni tal-assi permezz ta' komunikazzjoni effettiva u l-iskambju tal-aħjar prattiki bejn l-awtoritajiet Georgjani u l-Uffiċċju għall-Irkupru tal-Assi tal-UE.

### 3.7. *Kooperazzjoni Legali*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Titkompla l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' kooperazzjoni operazzjonali mal-Eurojust.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji ċivili u kummerċjali billi tiġi implimentata l-Konvenzjoni tal-1965 dwar in-Notifika Barra mill-Pajjiż ta' Dokumenti Ġudizzjarji u Extraġudizzjarji fi Kwistjonijiet Ċivili jew Kummerċjali u l-Konvenzjoni tal-1970 dwar il-Kumpilazzjoni ta' Xhieda Barra mill-Pajjiż f'Materji Ċivili jew Kummerċjali;
- L-adeżjoni mal-Konvenzjonijiet ewlenin tal-Konferenza tal-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat fil-qasam tal-kooperazzjoni ġudizzjarja kif ukoll tal-protezzjoni tat-tfal, bħall-Konvenzjoni tal-2005 dwar Ftehimiet għall-Għażla tal-Qorti u l-Konvenzjoni tal-Aja tal-2007 dwar il-manteniment tat-tfal u forom oħra ta' manteniment tal-familja, u l-Protokoll tagħha dwar il-liġi applikabbli għall-obbligi ta' manteniment, u l-implimentazzjoni ta' dawn il-Konvenzjonijiet;
- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni ġudizzjarja f'materji kriminali permezz tal-adeżjoni mal-konvenzjonijiet rilevanti, speċjalment dawk tal-Kunsill tal-Ewropa, u l-implimentazzjoni tagħhom.

## 4. **Kwistjonijiet Kummerċjali u Relatati mal-Kummerċ**

Il-Partijiet ser ikomplu japprofondixxu l-integrazzjoni abbażi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u ż-Żona ta' Kummerċ Ħieles Approfondita u Komprensiva (DCFTA). Il-Partijiet huma konxji li l-potenzjal sħiħ ta' dan il-ftehim għadu ma ntlaħaqx, u ser jikkooperaw biex ikunu konformi mal-*acquis* tal-UE, kif indikat fl-annessi rilevanti tal-Ftehim



ta' Assoċjazzjoni/DCFTA, b'mod partikolari fl-oqsma relatati mal-kummerċ stabbiliti hawn taħt. L-implimentazzjoni effettiva tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u tad-DCFTA tiegħu, marbuta mal-proċess usa' ta' approssimazzjoni regolatorja u r-riformi meħtieġa relatati, tikkontribwixxi għall-istabbiliment tal-kondizzjonijiet għal relazzjonijiet ekonomiċi u kummerċjali msaħħa mal-UE li jwasslu gradwalment għal aktar integrazzjoni ekonomika tal-Georgia fis-Suq Intern tal-Unjoni Ewropea, kif previst fil-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni. Il-partijiet ser jaħdmu flimkien biex jimplementaw id-dispożizzjonijiet kollha tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni/DCFTA. Iż-żewġ Partijiet għandhom jikkooperaw regolarment inkluż permezz tal-istrutturi bilaterali stabbiliti skont il-Ftehim ta' Assoċjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia, kif ukoll permezz ta' oqfsa multilaterali.

Il-Georgia ser issaħħa il-qafas istituzzjonali nazzjonali biex tiżgura l-implimentazzjoni, l-infurzar u l-monitoraġġ imparzjali tal-leġislazzjoni l-ġdida adottata f'kull qasam rilevanti.

Il-Georgia ser tinforma regolarment lill-UE dwar is-sitwazzjoni reali tal-approssimazzjoni permezz tas-sottokomitati speċjalizzati u fil-qafas tal-Kumitat ta' Assoċjazzjoni annwali fil-konfigurazzjoni tal-Kummerċ. Meta jkun xieraq, u bil-qbil taż-żewġ Partijiet, l-UE ser tipprovdi assistenza u għarfien espert sabiex tgħin lill-awtoritajiet tal-Georgia f'dan il-proċess.

#### 4.1. *Kummerċ fil-Merkanzija*

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Isir aktar titjib fil-qasam tal-istatistika dwar il-kummerċ;
- Kollaborazzjoni biex tiżdied id-diversifikazzjoni tal-istruttura tal-esportazzjoni tal-Georgia, inkluż l-esportazzjoni ta' prodotti ġodda lejn is-suq tal-UE.

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Kooperazzjoni mill-qrib bil-għan li jiġi applikat b'mod effettiv il-mekkaniżmu ta' kontra ċ-ċirkomvenzjoni;
- Tingħata assistenza lill-Georgia fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni li jista' jkollha l-ħsieb tħejji dwar l-aċċess għas-suq jew kwistjonijiet relatati oħra (jiġifieri rimedji għall-kummerċ);
- Jiġi żgurati l-iskambju ta' informazzjoni dwar l-iżviluppi relatati mal-aċċess tas-suq u mal-politika dwar l-aċċess għas-suq.

#### 4.2. *Regolamenti Tekniċi, Standardizzazzjoni u Infrastruttura Relatata*

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tiġi żviluppata leġislazzjoni li l-Georgia ħadet l-impenn li timplimenta abbażi tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni kif previst fl-Istrateġija tal-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ (TBT) tagħha;
- Tkompli tiġi żviluppata infrastruttura relatata mal-amministrazzjoni tal-istandards, ir-regolamenti tekniċi, il-metroloġija, is-sorveljanza tas-suq, l-akkreditazzjoni, il-proċeduri ta' valutazzjoni tal-konformità, inkluż permezz tal-appoġġ tal-UE;
- Jiġu ffaċilitati t-tnejn u l-adattament tal-partijiet ikkonċernati, inkluż l-operaturi ekonomiċi, għall-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni approssimata;
- Titkompla l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għas-Sorveljanza tas-Suq għall-oġġetti industrijali;
- Fil-qasam tas-Sorveljanza tas-Suq, jissaħħu l-kapaċitajiet amministrattivi rilevanti tal-istituzzjonijiet tal-Istat u tal-korpi tas-sorveljanza tas-suq Georgjani;
- Ikompli jiġi pprovdut it-taħriġ tal-persunal għall-amministrazzjoni tal-korpi u l-aġenziji tal-gvern li jaħdmu fuq ir-regolamenti tekniċi, il-metroloġija u l-istandardizzazzjoni, kif ukoll l-akkreditazzjoni;
- Tiġi skambjata informazzjoni dwar l-aspetti kollha rilevanti tat-TBT u l-Istrateġiji tas-Sorveljanza tas-Suq tal-Georgia, inkluż l-oqfsa ta' żmien kif applikabbli.

#### 4.3. *Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji (SPS)*

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Jingħata appoġġ lis-sistema ta' twissija bikrija għall-ikel u l-għalf, lis-saħħa tal-annimali u s-sigurtà tas-saħħa tal-pjanti;
- Jiġu organizzati kampanji ta' informazzjoni, ma' aġenziji, negozji u Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi (NGOs) rilevanti, dwar ir-reqwiziti għall-aċċess tas-suq tal-UE, kif ukoll mas-soċjetà ċivili dwar l-aspetti ta' protezzjoni tal-konsumatur rilevanti fis-sikurezza tal-ikel u l-għalf;

- Tingħata aktar konsulenza teknika tal-UE u appoġġ lill-Georgia fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni sanitarja u fitosanitarja, inkluż taħriġ tal-persunal rilevanti, għajnuna fil-bini tal-kapaċità lill-awtorità kompetenti u l-appoġġ għat-titjib tal-kapaċità tal-laboratorji, f'konformità mar-rekwiżiti tal-UE;
- Jingħata appoġġ lill-Georgia fl-implimentazzjoni b'suċċess tal-leġiżlazzjoni approssimata fl-oqsma tal-miżuri sanitarji u fitosanitarji;
- Tittejjeb il-kapaċità ta' adattament tan-negozji Georgjani għall-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni approssimattiva. L-iffukar ta' appoġġ għall-kapaċità ta' adattament speċifikament fuq operaturi mikro, żgħar u medji fis-settur alimentari.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jingħata appoġġ lill-Georgia biex issaħħaħ l-analiżi tar-riskju fil-qasam tal-SPS; Jiġu żgurati kontrolli fitosanitarji veterinarji u fuq is-sikurezza tal-ikel fil-postijiet ta' spezzjoni tal-fruntiera; Jiġu ffaċilitati l-adattament tan-negozji Georgjani għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni approssimata; Isir progress fl-awtorizzazzjoni ta' prodotti tal-ikel addizzjonali għas-suq tal-UE;
- Ikun hemm kollaborazzjoni fil-qasam tal-benesseri tal-annimali u biex jitnaqqas l-użu tal-antibijotiċi fil-produttjoni tal-annimali biex tiġi miġġielda r-reżistenza għall-antibijotiċi.

#### 4.4. *Faċilitazzjoni tad-Dwana u tal-Kummerċ*

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Titkompla l-kooperazzjoni fil-ħidma li għaddeja għall-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Georgia mal-acquis tal-UE u mal-istandards internazzjonali elenkati fl-Anness rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, bħall-Kodiċi Doganali l-ġdid;
- Tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Qafas Strateġiku għall-kooperazzjoni doganali, b'rieżami u aġġornament ta' segwitu kif meħtieġ;
- Jitkompla l-appoġġ għall-implimentazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Georgia dwar l-infurzar doganali rigward id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (IPR) skont l-acquis tal-UE, kif previst mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;
- Tingħata regolarment informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Kodiċi Doganali;
- Tingħata assistenza lill-Georgia fl-adeżjoni tagħha mal-Konvenzjoni fir-rigward ta' proċedura ta' tranżitu komuni.
- Ikun hemm kooperazzjoni dwar miżuri relatati ma' inizjattivi u pjattaformi ta' diġitalizzazzjoni doganali miftuħa għall-Georgia.

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jitkompla l-immodernizzar tal-awtoritajiet doganali tal-Georgia;
- Titkompla s-simplifikazzjoni u l-immodernizzar tal-proċeduri doganali;
- Ikun hemm kooperazzjoni fir-rigward tal-kontroll doganali bbażat fuq ir-riskju u l-kondiviżjoni ta' informazzjoni rilevanti li tikkontribwixxi għal ġestjoni aħjar tar-riskji u s-sigurtà tal-ktajjen tal-provvista, il-faċilitazzjoni tal-kummerċ leġittimu u s-sikurezza u s-sigurtà tal-prodotti importati, esportati jew fi tranżitu;
- Jissaħħaħ d-djalogu dwar il-ġlieda kontra l-frodi għall-prevenzjoni tal-kummerċ illegali, inkluż ta' prodotti soġġetti għas-sisa, b'mod partikolari permezz ta' kooperazzjoni msaħħa skont il-Protokoll dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka f'Materji Doganali;
- Il-bini tal-kapaċità biex tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-ambjent doganali diġitali;
- Issir ħidma għar-rikonossiment reċiproku ta' sistema ta' Operatur Ekonomiku Awtorizzat kif previst mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

#### 4.5. *Ir-regoli ta' oriġini*

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni Pan-Ewro-Mediterranja, speċjalment fil-qasam tal-provi tal-oriġini (il-ħruġ u l-verifika, il-konformità mar-regoli tal-oriġini) u l-kooperazzjoni doganali.

#### 4.6. *L-istabbiliment, il-kummerċ fis-servizzi u l-kummerċ elettroniku*

- It-taħriġ u t-tisħiħ ta' kapaċità amministrattiva adegwata biex titwettaq l-approssimazzjoni leġiżlattiva ppjanata;

- Tiġi skambjata l-informazzjoni u l-esperjenza dwar l-iżvilupp ta' pjattaformi interoperabbli tal-kummerċ elettroniku;
- Tiġi skambjata l-informazzjoni u l-esperjenza dwar is-sensibilizzazzjoni fost il-partijiet ikkonċernati fir-rigward tal-implimentazzjoni u l-infurzar tad-dispożizzjonijiet ewlenin tad-Direttiva tal-UE dwar is-Servizzi Postali, b'mod partikolari l-obbligu tas-servizz universali, kif ukoll dwar kwalunkwe politika oħra tas-settur postali rilevanti.

#### 4.7. *L-akkwist pubbliku*

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Jitnaqqas il-proporzjon ta' akkwist dirett (mingħajr sejħa miftuħa għall-offerti) permezz ta' leġislazzjoni sekondarja aktar stretta u l-applikazzjoni aktar stretta tar-regoli, b'mod partikolari fir-rigward tal-akkwist dirett minħabba hteieġa urġenti u każijiet bi skeda ta' żmien ristretta;
- Jitwaqqaf korp ta' rieżami tal-akkwist pubbliku indipendenti u imparzjali, f'konformità mal-qafas legali rivedut;
- Tingħata informazzjoni preċiża u f'waqtha dwar il-ħidma leġislattiva ppjanata li taffettwa l-politika dwar l-akkwist pubbliku u l-implimentazzjoni tagħha, kemm għall-approssimazzjoni legali kif ukoll għall-istabbiliment tal-istituzzjonijiet fil-qasam tal-akkwist pubbliku;
- Il-Kunsill ta' Assoċjazzjoni ser jadotta d-Deċizzjoni Konġunta rilevanti dwar l-ġħoti ta' aċċess għas-suq f'konformità mat-tlestija tal-fażi I tal-pjan direzzjonali rigward il-kapitolu dwar l-akkwist pubbliku.

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Il-partijiet ser ikompli jiddiskutu l-implimentazzjoni tal-obbligi li jirriżultaw mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;
- Il-Georgia ser tkompli, bl-appoġġ tal-UE, l-abbozzar u l-adozzjoni ta' leġislazzjoni ġdida dwar l-akkwist pubbliku, f'konformità mal-proċess ta' approssimazzjoni u l-iskeda ta' żmien previsti fil-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

#### 4.8. *Id-drittijiet tal-Proprietà Intellettwali (DPI)*

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Jiġi appoġġat il-funzjonament taċ-Ċentru Nazzjonali għall-Proprietà Intellettwali tal-Georgia "Sakpatenti" sabiex tiġi żgurata l-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà industrijali u tad-drittijiet tal-awtur; Tiġi estiża l-kooperazzjoni ma' awtoritajiet u assoċjazzjonijiet tal-industrija ta' pajjiżi terzi;
- Tissaħħaħ il-kapaċità tal-infurzar tal-korpi governattivi rilevanti jew l-aġenziji eżekuttivi, kif ukoll l-iżgurar tal-funzjonament xieraq tas-sistema ġudizzjarja sabiex jiġi ggarantit l-aċċess għall-ġustizzja lid-detenturi tad-drittijiet u l-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet;
- Jittieħdu miżuri effettivi kontra l-falsifikazzjoni u l-piraterija, inkluż il-produzzjoni ta' informazzjoni statistika dwar dawn l-attivitajiet li għandha tiġi skambjata bejn il-Partijiet;
- Ikun hemm kooperazzjoni rigward l-applikazzjoni ta' reġim ta' eżawriment fi kwistjonijiet ta' proprjetà intellettwali.

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jiġi żgurat li d-detenturi tad-drittijiet miż-żewġ Partijiet ikollhom livell għoli ta' protezzjoni u infurzar fid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;
- Jittieħdu miżuri biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika fil-qasam tal-protezzjoni u l-użu tal-proprjetà intellettwali u dik industrijali, u jiġi żgurat djalogu effikaċi mad-detenturi tad-drittijiet.

#### 4.9. *Kompetizzjoni*

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Ikun hemm kooperazzjoni fir-rigward tal-implimentazzjoni tal-Kapitolu dwar il-Kompetizzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u r-riformi relatati. Il-kooperazzjoni ser tindirizza l-qafas istituzzjonali u l-kapaċitajiet amministrattivi rilevanti tal-Awtorità tal-Kompetizzjoni tal-Georgia sabiex tiġi ggarantita l-implimentazzjoni effettiva tal-leġislazzjoni rilevanti dwar il-kompetizzjoni;
- Il-kooperazzjoni ser tkopri wkoll djalogu msaħħaħ dwar l-attivitajiet ta' infurzar fl-oqsma tal-kompetizzjoni u tas-sussidji.

#### 4.10. *Trasparenza*

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tkompli tissaħħaħ l-implimentazzjoni tal-impenji dwar it-trasparenza fit-tfassil ta' politika relatata mal-kummerċ;
- Jiġu diskussi l-aħjar Prattiki u esperjenzi rispettivi fit-tfassil trasparenti tal-politiki, l-iskambju tal-informazzjoni u l-ġħoti ta' taħriġ rilevanti, inkluż fuq il-mekkaniżmi ta' komunikazzjoni u l-konsultazzjonijiet bejn il-partijiet interessati, kif ukoll jitmexxew seminars u attivitajiet oħrajn għall-pubbliku ġenerali, bl-għan li tiġi spjegata l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni u l-proċess ta' approssimazzjoni.

#### 4.11. *Kummerċ u Żvilupp Sostenibbli*

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tiġi stabbilita sistema xierqa ta' infurzar u superviżjoni għall-istandards u d-drittijiet kollha tax-xogħol, u b'mod partikolari għall-eradikazzjoni tat-tħaddim tat-tfal, f'konformità mal-prinċipji u l-prattiki internazzjonali u tal-UE;
- Ikun hemm kooperazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-Kontribut Stabbilit fil-Livell Nazzjonali aġġornat u dwar il-ħolqien ta' strateġija fit-tul għall-iżvilupp b'emissjonijiet baxxi f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi;
- Tkompli tissaħħaħ l-effettività tal-implimentazzjoni tas-sistema tas-CITES, b'mod partikolari għall-ispeċi kkummerċjalizzati mal-UE f'numri kbar, bħall-Galanthus spp;
- Ikompli jitjiebu u jiġu skambjati l-aħjar Prattiki taħt il-Kapitolu dwar l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u d-djalogu tas-soċjetà ċivili;
- Jitkompla d-djalogu dwar l-implimentazzjoni tal-impenji relatati mal-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli.

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Tkompli tiġi skambjata l-informazzjoni dwar l-implimentazzjoni effettiva tal-istandards tax-xogħol, u dwar li jiġihares ix-xogħol, inkluż is-superviżjoni u l-infurzar effettivi;
- Tiġi diskussa l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ambjentali multilaterali, li kull naħa hija parti għalihom;
- Kooperazzjoni fl-insewiment ta' qafas globali ambizzjuż tal-bijodiversità skont il-Konvenzjoni dwar id-Diversità Bijoloġika.

### 5. ***Kooperazzjoni Ekonomika u Settorjali***

Il-partijiet ser jikkooperaw biex jagħtu spinta lill-iżvilupp ekonomiku u l-integrazzjoni ekonomika, inkluż billi japprofondixxu l-kooperazzjoni settorjali, jappoġġaw l-iżvilupp tal-SMEs, jiffukaw fuq il-kisba ta' tkabbir ekonomiku sostenibbli, ekoloġiku, inklużiv u diġitali. Il-partijiet ser jikkooperaw biex jindirizzaw il-konsegwenzi soċjoekonomiċi tal-pandemija tal-COVID-19 filwaqt li tinbena r-reżiljenza fuq perjodu ta' żmien qasir u fit-tul. Il-Partijiet ser jaħdmu flimkien sabiex jiżguraw xogħol deċenti u kondizzjonijiet tax-xogħol ġusti għal kulħadd, isaħħu l-opportunitajiet indaqs u l-aċċess għas-suq tax-xogħol, jiġġieldu l-faqar u l-esklużjoni soċjali. Il-Georgia ser issaħħaħ il-konverġenza regolatorja tagħha mal-acquis tal-UE f'konformità mal-impenji tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni. Hija ser issaħħaħ ukoll il-qafas istituzzjonali nazzjonali biex tiżgura l-implimentazzjoni, l-infurzar u l-monitoraġġ indipendenti tal-leġiżlazzjoni l-ġdida adottata f'kull qasam rilevanti. Il-Georgia ser tinforma regolarment lill-UE dwar is-sitwazzjoni attwali tal-approssimazzjoni permezz tas-sottokomitati speċjalizzati u, fejn xieraq, u bi qbil maż-żewġ Partijiet, l-UE ser tipprovi assistenza u għarfien espert sabiex tgħin lill-awtoritajiet tal-Georgia f'dan il-proċess.

#### 5.1. *Żvilupp Ekonomiku u Opportunitajiet tas-Suq*

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Kooperazzjoni biex tiġi appoġġata l-Georgia fl-istabbiliment ta' ekonomija tas-suq li tiffunzjona kollha kemm hi, b'iffukar biex jintlaħaq tkabbir ekonomiku sostenibbli ekoloġiku u inklużiv, u biex gradwalment tapprossimizza l-politiki tagħha mal-politiki tal-UE, f'konformità mal-prinċipji gwida tal-istabbiltà makroekonomika, ta' finanzi pubbliċi sodi, sistema finanzjarja b'saħħitha u bilanċ tal-pagamenti sostenibbli;

- Jiġu mmonitorjati l-iżviluppi makroekonomiċi, jiġu diskussi l-isfidi politiċi ewlenin u tiġi skambjata informazzjoni dwar l-aħjar prattiki billi jissaħħaħ id-djalogu makroekonomiku regolari sabiex tittejjeb il-kwalità tat-tfassil tal-politika ekonomika;
  - Tissaħħaħ l-indipendenza u kapaċità regolatorja tal-Bank Nazzjonali tal-Georgia (NBG) u tiġi kondiviża l-esperjenza tal-UE dwar il-politika monetarja u tar-rata tal-kambju inkluż dwar ir-rwol internazzjonali tal-euro, sabiex jiġu żviluppati ulterjorment il-kapaċitajiet tal-Georgia f'dawn l-oqsma;
  - Tkompli tittejjeb is-sostenibbiltà u l-governanza tal-finanzi pubbliċi billi jkompli jsir titjib fir-riformi fiskali;
  - Tittejjeb l-effiċjenza tal-Intrapriżi tal-Istat u jkompli jitnaqqsu r-riskji fiskali relatati permezz tal-adozzjoni ta' standards ta' governanza korporattiva;
  - Tiġi żviluppata xibka tas-sikurezza soċjali sostenibbli, komprensiva u mmirata;
- Titrawwem inklużjoni akbar tan-nisa fis-suq tax-xogħol u n-negozju, biex jiġi meġġjun it-tkabbir ekonomiku.

## 5.2. Agrikoltura u Żvilupp Rurali

### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (ARDS) 2021-2027 u l-Pjanijiet ta' Azzjoni rilevanti;
- Jiġi adottat u implimentat sal-2021 d-dokument strateġiku għall-komponent tas-Sikurezza tal-Ikel tal-Istrateġija għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali (ARDS) 2021-2027;
- Tiġi implimentata r-riforma istituzzjonali tal-iżvilupp rurali;
- Jiġi appoġġat l-iżvilupp tal-ktajjen ta' valur effiċjenti u jiġu appoġġati l-SMEs sabiex tiżdied il-kompetittività tagħhom fis-setturi magħżula b'valur għoli ta' esportazzjoni; tissaħħaħ il-koerenza bejn l-għażla ta' ktajjen ta' valur ta' prijorità u l-prijoritajiet kummerċjali;
- Jiġu żgurati opportunitajiet għan-nisa f'ekonomiji rurali diversifikati;
- Jiġi żgurat il-forniment tas-servizzi pubbliċi kollha fiż-żoni rurali, b'enfasi partikolari fuq l-aktar postijiet rurali remoti, biex ħadd ma jitħalla barra.

### Prijoritajiet fuq terminu medju:

- Jiġu modernizzati u mtejba l-effiċjenza tal-istituzzjonijiet responsabbli mill-agrikoltura u l-iżvilupp rurali, inkluż permezz tal-parteċipazzjoni f'dan il-proċess tal-partijiet ikkonċernati kollha rilevanti fis-settur. Ikompli jissaħħaħ il-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni bejn il-gvern u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili;
- Jiġu promossi u ffaċilitati agrikoltura intelliġenti fil-livell klimatiku, teknoloġiji effiċjenti fl-użu tal-enerġija u prattiki agrikoli tajbin oħra; Jiġu modernizzati u mtejba l-produzzjoni, l-ipproċessar u l-ħżin ta' prodotti agrikoli biex tiżdied il-produttività, il-valur miżjud u l-kompetittività tal-agrikoltura Georgjana;
- Tiġi ffaċilitata l-adozzjoni gradwali ta' standards ta' kummerċjalizzazzjoni għall-prodotti agrikoli biex tiġi appoġġata aħjar is-sikurezza tal-ikel u titkompla l-implimentazzjoni ta' skemi ta' kwalità, inkluż l-agrikoltura organika u l-prodotti b'indikazzjonijiet ġeografiċi;
- Tittejjeb il-kompetittività u s-sostenibbiltà tal-produzzjoni agrikola, billi jitrawmu ekonomiji ta' skala permezz ta' kooperattivi agrikoli u organizzazzjonijiet tal-produtturi orjentati lejn is-suq, billi jiġu żviluppati sistemi ta' konsulenza u ta' estensjoni biex jiżiedu l-produzzjoni u l-esportazzjonijiet; Tiġi promossa l-produzzjoni organika u jiġi ffaċilitat l-aċċess għal kreditu u riżorsi finanzjarji vijabbli għall-agrikoltura;
- Moviment lejn il-konverġenza progressiva u l-implimentazzjoni ta' politiki ta' żvilupp agrikoli u rurali effettivi, fuq il-bażi tal-mudelli tal-UE li diġà ħadmu;
- Titjib fil-kondizzjonijiet tal-impjeg u l-għajxien fiż-żoni rurali permezz tal-ġestjoni mtejba tar-riżorsi naturali, ta' servizzi u infrastruttura mtejbin u diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali.

### 5.3. *Kontroll Finanzjarju Intern Pubbliku u Awditjar Estern*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Jiġu żviluppatti ulterjorment is-sistema ta' kontroll intern taħt responsabbiltà maniġerjali deċentralizzata, inkluż awditi interni funzjonalment indipendenti fl-awtoritajiet tal-Istat billi tiġi żgurata l-armonizzazzjoni ma' standards internazzjonali, oqfsa u prassi tajbin tal-UE li jkunu aċċettati b'mod ġenerali.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jitkompli t-titjib tas-sistema ta' kontroll u ta' awditjar intern fis-settur pubbliku f'konformità mal-valutazzjoni tad-differenza bejn il-prattika attwali u l-istandards internazzjonali, l-oqfsa u prassi tajbin tal-UE li jkunu aċċettati b'mod ġenerali;
- Jiġi żgurat aktar żvilupp tal-funzjoni tal-awditjar estern tal-Qorti tal-Kontijiet (l-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat tal-Georgia), f'konformità ma' standards internazzjonali aċċettati b'mod ġenerali (INTOSAI).

### 5.4. *Is-Saħħa Pubblika*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tkompli l-implimentazzjoni tal-acquis tas-saħħa tal-UE, kif imsemmi fl-annessi rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, b'mod partikolari fil-qasam tas-sikurezza tad-demm, il-kontroll tat-tabakk, il-kwalità u s-sikurezza tas-sustanzi li joriġinaw mill-bniedem (tessuti tad-demm, organi, ċelloli) il-mard li jittieħed u t-tnejn għall-pandemiji f'konformità wkoll mal-obbligi internazzjonali tal-Georgia skont il-Konvenzjoni Qafas dwar il-Kontroll tat-Tabakk u r-Regolamenti Internazzjonali tas-Saħħa;
- Tittejjeb il-kopertura tal-Programm tal-Kura tas-Saħħa Universali u jitnaqqsu l-ispejjeż mill-but li jridu jitħallsu mill-pazjenti. Tiżdied id-diġitalizzazzjoni (e-Saħħa);
- Jittejbu l-kwalità u l-aċċessibbiltà tal-kura tas-saħħa primarja mmirata lejn il-prevenzjoni tal-mard u tittejjeb il-kwalità tal-ħajja;
- Tiġi finalizzata, adottata u mibdija l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali tas-Saħħa u l-Pjanijiet ta' Azzjoni tagħha;
- Tissaħħa l-azzjoni nazzjonali multisettorjali fil-ġlieda kontra r-reżistenza mikrobijoloġika fost l-oħrajn billi jissaħħu s-sorveljanza, l-użu prudenti tal-antimikrobiċi u l-kontroll tal-infezzjonijiet fl-ambjenti tal-kura tas-saħħa;
- Tħejjija għall-implimentazzjoni tal-Kunsill Internazzjonali għall-Armonizzazzjoni tar-Rekwiżiti Tekniċi għall-Farmaċewtiċi għall-Użu mill-Bniedem (ICH), fil-qafas tal-approssimazzjoni mal-acquis farmaċewtiku tal-UE. Dan jagħti lill-Georgia bażi tajba biex tiżgura l-kwalità, is-sikurezza u l-effikaċja tal-mediċini (l-aktar għall-importazzjonijiet, jew għall-manifattura/konsum lokali).

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Tittejjeb l-inklużività tal-kura tas-saħħa u tas-servizzi preventivi, pereżempju billi jiġu mbuttati stili ta' ħajja tajbin għas-saħħa bl-involviment tal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u tal-awtoritajiet lokali;
- Jissaħħa it-tfassil tal-politika u jiġu kkontrollati l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa kif ukoll id-drittijiet tal-pazjenti u l-eżekuzzjoni tad-drittijiet;

Jissaħħu l-istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa – li ħafna minnhom huma mmexxija mill-privat – u r-responsabbiltà tagħhom permezz tal-istabbiliment ta' indikaturi tal-kwalità, xiri bbażat fuq il-valur u proċessi ta' ġestjoni ta' kwalità oħra, inkluż l-għarfien għall-akkreditazzjoni ta' istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa minn korpi internazzjonali ta' akkreditazzjoni.

### 5.5. *Tassazzjoni*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tittejjeb u tiġi ssimplifikata l-leġiżlazzjoni fiskali;
- Tiġi promossa l-governanza tajba fi kwistjonijiet tat-taxxa, tittejjeb il-kooperazzjoni internazzjonali u jiġu implimentati l-prinċipji ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa, inkluż l-istandards globali dwar it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni, it-tassazzjoni ġusta u l-istandards minimi kontra l-Erozzjoni tal-Bażi tat-Taxxa u t-Trasferiment tal-Profitti (BEPS);

- Tittiejjeb il-kapaċità tal-amministrazzjoni fiskali, b'mod partikolari billi timxi lejn Sistema aktar iffokata li tkun ibbażata fuq ir-riskju għall-kontrolli fiskali u r-rifużjoni tal-VAT;
- Tissaħħaħ il-kooperazzjoni mal-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF) fil-għieda kontra l-frodi u l-kuntrabandu ta' prodotti soġġetti għas-sisa;
- Jittieħdu miżuri għall-armonizzazzjoni ta' politiki fil-mitigazzjoni u l-għieda kontra l-frodi u l-kuntrabandu ta' prodotti soġġetti għas-sisa, inkluż f'oqsma ta' politika importanti;
- Kooperazzjoni mal-Georgia dwar l-adeżjoni u l-implimentazzjoni b'suċċess tal-Protokoll tal-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) biex jiġi Eliminat il-Kummerċ Illeċitu tal-Prodotti tat-Tabakk;
- L-iżvilupp ta' kooperazzjoni mal-amministrazzjonijiet tat-taxxa tal-Istati Membri tal-UE permezz tal-iskambju ta' esperjenzi u xejriet ġodda fil-qasam tat-tassazzjoni, inkluż t-ftitxija ta' possibbiltajiet biex tiġi involuta l-amministrazzjoni tat-taxxa tal-Georgia fil-programm Fiscalis tal-UE.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Allinjament gradwali (sal-2026) tar-rati nazzjonali tad-dazju tas-sisa fuq il-prodotti tat-tabakk mal-livelli tat-taxxa tal-UE;
- L-allinjament gradwali tal-leġiżlazzjoni tal-Georgia mad-Direttiva tal-Kunsill 2003/96/KE tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirrifirma l-istruttura tal-Komunità dwar it-tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku.

### 5.6. *Statistika*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Jiġu indirizzati d-diskrepanzi statistiċi fil-kejl tad-data dwar il-kummerċ bilaterali bejn l-UE u l-Georgia;
- Tiġi żviluppata data diżaggregata skont il-ġeneru u l-użu tagħha għal skopijiet ta' analiżi u rappurtar.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Tiġi żgurata l-approssimazzjoni mal-acquis rilevanti tal-UE;
- Jiġi stabbilit reġistru tal-popolazzjoni fil-Georgia;
- Il-produttjoni ta' statistika reġjonali f'konformità mal-klassifikazzjoni NUTS;
- Jiżdied l-aċċess għad-data amministrattiva u l-użu tagħha għal finijiet ta' statistika;
- Tkompli tiġi żgurata d-disponibbiltà tal-istatistika u tad-data għar-riċerkaturi, il-ġurnalisti u l-pubbliku ġenerali;
- Tiġi allinjata l-Metodoloġija tal-Istatistika tan-Negożju mal-istandards tal-UE u l-istatistiċi dwar in-Negożju orjentati fuq ir-rekwiżiti futuri tad-data kif inkluż fir-Regolament Qafas għall-Istatistika Integrata tan-Negożju (FRIBS); il-promozzjoni tal-kondiviżjoni tal-esperjenzi tal-pajjiżi tal-UE fl-implimentazzjoni tal-FRIBS hija mixtieqa biex jitjieb il-proċess ta' allinjament.

### 5.7. *Il-Politika tal-Konsumatur*

- Titkompla l-approssimazzjoni gradwali tal-leġiżlazzjoni tal-Georgia mal-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE u mal-istrumenti internazzjonali;
- Tissaħħaħ il-protezzjoni tal-konsumatur fil-Georgia, speċjalment permezz ta' taħriġ għall-uffiċjali tal-gvern u rappreżentanti oħra tal-interessi tal-konsumaturi dwar l-approssimazzjoni mal-leġiżlazzjoni tal-UE u l-implimentazzjoni sussegwenti tagħha.

### 5.8. *Il-Liġi tal-Kumpaniji, il-Kontabbiltà u l-Awditjar u l-Governanza Korporattiva*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tiġi implimentata l-Liġi tal-Georgia dwar l-Intraprendituri f'konformità mar-rekwiżiti tal-Anness tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Tiġi żviluppata l-kapaċità amministrattiva tal-istituzzjonijiet statali rilevanti;
- Ikompli jiġu implimentati standards ta' awditjar internazzjonali rilevanti fil-livell nazzjonali u tiġi promossa l-applikazzjoni tagħhom mill-awdituri statutorji kollha fil-livell nazzjonali;

- Tiġi skambjata informazzjoni f'waqtha, rilevanti u preċiża dwar is-sitwazzjoni attwali tal-leġiżlazzjoni eżistenti u l-konformità tagħha mal-liġi tal-UE, abbażi tal-format miftiehem bejn il-Partijiet, sabiex il-liġi tal-UE tiġi implimentata skont l-iskeda ta' żmien miftiehma.

#### 5.9. *Servizzi Finanzjarji*

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tiġi adottata u implimentata liġi li tistabbilixxi l-assigurazzjoni obligatorja ta' vetturi bil-mutur;
- Jiġu identifikati l-oqsma fejn għandhom jingħataw it-taħriġ u l-bini tal-kapaċità;
- Tingħata informazzjoni f'waqtha, rilevanti u preċiża dwar l-istat u l-iżvilupp tal-leġiżlazzjoni eżistenti fil-Georgia.

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Ikompli jiġi żviluppat qafas regolatorju u superviżorju ġdid f'konformità mal-istandards regolatorji maqbula fuq livell internazzjonali, inkluż approċċ superviżorju, għodod u strumenti ġodda;
- Titjib tal-kapaċità amministrattiva tal-awtoritajiet superviżorji;
- Promozzjoni tad-diversifikazzjoni tas-swieq finanzjarji permezz tal-iżvilupp ta' swieq tal-assigurazzjoni, tal-kapital, tal-pensjonijiet u tas-servizzi finanzjarji mhux bankarji. Tittejjeb l-infrastruttura finanzjarja u jitrawmu s-sostenibbiltà u l-inklużività finanzjarja;
- Appoġġ għall-isforzi tal-Georgia biex tissodisfa l-kriterji biex eventwalment tingħaqad maż-Żona Unika ta' Pagamenti bl-Euro (SEPA).

#### 5.10. *Politika Industrijali u tal-Intrapriżi u l-Minjieri*

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Jiġu implimentati l-Istrateġija tal-Georgia għall-SMEs u l-Pjanijiet ta' Azzjoni korrispondenti;
- Tiġi żviluppata strateġija baġitarja għall-SMEs ta' segwitu inkluż qafas għall-kejl tal-prestazzjoni. Tiġi żgurata konsultazzjoni mas-settur privat. L-aġenziji tal-SMEs jingħataw objettivi ċari (inkluż indikaturi ewlenin tal-prestazzjoni) filwaqt li jkunu indipendenti u tiġi pprovduta kontinwità operazzjonali.

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jiġi implimentat il-pjan direzzjonali speċifiku għall-pajjiż u r-rakkomandazzjonijiet tal-Valutazzjonijiet tal-SBA (l-Att dwar in-Negozji ż-Żgħar) sa fejn ikun possibbli;
- L-iżvilupp tal-SMEs jintrabat mal-opportunitajiet maħluqa mid-DCFTA inkluż ukoll permezz tan-networks (ta' sostenn) kummerċjali (bħal Network Enterprise Europe) u l-gruppi;
- Jissaħħaħ id-Djalogu Pubbliku-Privat sabiex jitjeb l-involvement tal-intrapriżi ta' kull daqs u l-assoċjazzjonijiet tagħhom fit-tnejn ta' azzjonijiet regolatorji u jiġu infurmati dwar il-miżuri ta' implimentazzjoni fil-ħin, biex l-intrapriżi - b'mod partikolari l-SMEs - jadattaw ruħhom għall-miżuri l-ġodda;
- Jinħolqu opportunitajiet għan-negozji ġodda tal-Georgia biex jidħlu fis-swieq tal-UE u tal-Georgia;
- Jittejbu s-sensibilizzazzjoni u l-aċċess għall-finanzi għall-SMEs; Jiġu żviluppat finanzjament mhux bankarju għall-attivitajiet kummerċjali, pereżempju l-kapital ta' riskju, il-finanzjament kollettiv, l-intrapriża soċjali;
- Tiġi appoġġata l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-integrazzjoni tal-perspettiva tal-ġeneri fl-iżvilupp tal-SMEs fil-Georgia billi tiġi appoġġata ż-żieda fis-sehem ta' intraprendituri nisa b'mod partikolari f'negozji żgħar u ta' daqs medju, l-aċċess tagħhom għall-finanzi, eċċ;
- Tiġi promossa l-intraprenditorija fost iż-żgħażaġh u l-integrazzjoni taż-żgħażaġh fl-ekosistema tal-intraprenditorija u tan-negozji ġodda;
- Tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni mtejba bejn in-negozji permezz tal-iżvilupp u t-tisħiħ ta' raggruppamenti tan-negozju li jiffukaw fuq tkabbir ekonomiku sostenibbli, ekoloġiku u inklużiv, filwaqt li jitqiesu l-opportunitajiet offruti mit-tranżizzjoni lejn ekonomija aktar ċirkolari;



- Tiżdied il-produttività billi pereżempju tkompli d-diġitalizzazzjoni tal-ekonomija u l-implimentazzjoni ta' prattiki innovattivi fis-settur pubbliku u privat; Tiġi prijoritizzata d-diġitalizzazzjoni tal-ktajjen tal-valur ta' importanza strateġika;
- Permezz tas-Sottokumitat apposta tiġi skambjata l-informazzjoni dwar il-minjieri u l-metalli sabiex jinkiseb fehim aħjar tal-politiki tal-Georgia u tal-UE, inkluż l-implimentazzjoni tal-Inizjattiva dwar il-Materja Prima tal-UE, il-pjan ta' azzjoni dwar il-materja prima kritika, il-programm ta' riċerka Orizzont 2020 u l-programm ta' segwitu, Orizzont Ewropa u s-Sħubija Ewropea għall-Innovazzjoni dwar il-Materja Prima.

#### 5.11. Turiżmu

- Fost l-oħrajn permezz ta' Sottokumitat apposta tiġi skambjata l-informazzjoni dwar l-iżvilupp tat-turiżmu fil-Georgia u fl-UE, inkluż dwar l-attivitajiet rilevanti u l-aħjar prattiki filwaqt li l-Georgia tiġi appoġġata fl-implimentazzjoni tal-Istrateġija għat-Turiżmu tagħha.

#### 5.12. Impjiegi, Politika Soċjali u Opportunitajiet Indaqs

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tkompli l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni tal-Georgia mal-*acquis* tal-UE fl-oqsma tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġi tax-xogħol, l-ugwaljanza bejn il-ġeneri u l-antidiskriminazzjoni f'konformità mal-iskedi ta' żmien tal-Anness rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;
- Jiġi stabbilit u implimentat il-qafas legali għal sistema effettiva ta' infurzar u superviżjoni għal-leġiżlazzjoni tax-xogħol u l-kondizzjonijiet tax-xogħol kollha, f'konformità mal-prinċipji internazzjonali u tal-UE filwaqt li tinbena l-kapaċità tas-sħab soċjali, tal-ġudikatura u ta' partijiet ikkonċernati rilevanti oħra dwar il-leġiżlazzjoni approssimata;
- Tiġi implimentata l-"Liġi dwar il-Promozzjoni tal-Impjiegi" u jiġi żgurat l-operat effettiv tal-Aġenzija ta' Appoġġ fil-Qasam tal-Impjiegi tal-Istat (SESA) il-ġdida, u b'mod partikolari jiġu żgurati r-riżorsi (il-baġit, il-persunal);
- Jiġu implimentati l-Istrateġija tas-Suq tax-Xogħol għall-2020-23 u l-Pjanijiet ta' Azzjoni korrispondenti;
- Ikomplu jiġu msaħħa l-kapaċitajiet tal-Ministeru għall-Persuni Spostati Internament mit-Territorji Okkupati, ix-Xogħol, is-Saħħa u l-Affarijiet Soċjali u tas-servizzi soċjali;
- Jissaħħaħ l-appoġġ attiv għat-tranżizzjoni taż-żgħażaġh għax-xogħol billi jiġu żgurati opportunitajiet indaqs għaż-żgħażaġh kollha biex jiġu żviluppati l-ħiliet meħtieġa u tinkiseb l-esperjenza Prattika sabiex tiġi ffaċilitata t-tranżizzjoni mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol;
- Is-sistema ta' protezzjoni soċjali tkun ta' appoġġ għall-attivazzjoni (il-parteciċipazzjoni fis-suq tax-xogħol) u jiġu żgurati l-adeqwatezza u s-sostenibbiltà tal-iskemi tal-assistenza soċjali u tal-pensjonijiet.

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Tkompli tiġi żgurata sistema effikaċi ta' spezzjoni tax-xogħol f'konformità mal-prattiki internazzjonali u tal-UE sabiex tiġi żgurata l-kapaċità amministrattiva u ta' infurzar fil-qasam tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol, il-liġi tax-xogħol, u jissaħħu l-korpi ġuridiċi rilevanti u l-kapaċitajiet tal-partijiet ikkonċernati;
- Ikomplu jissaħħu l-kapaċitajiet tal-Aġenzija tal-Istat ta' Appoġġ għall-Impjiegi l-ġdida f'konformità mal-prattiki tas-servizzi pubbliċi Ewropej tal-impjiegi u jiġu żgurati servizzi tal-impjiegi aċċessibbli u effettivi;
- Approċċi pilota li jappoġġaw it-tranżizzjoni taż-żgħażaġh għax-xogħol;
- Monitoraġġ tal-implimentazzjoni u tar-riżultati tal-Istrateġija tas-Suq tax-Xogħol għall-2020-23;
- Jinżamm djalogu soċjali li jiffunzjona sew permezz tal-funzjonament effettiv tal-Kummissjoni ta' Sħubija Soċjali Tripartitika u l-fergħa reġjonali tagħha u l-bini tal-kapaċità tas-sħab soċjali;
- Jingħata appoġġ għall-miżuri trażversali biex jitjeb l-aċċess għall-impjiegi ta' persuni f'sitwazzjonijiet vulnerabbli;
- Jiġi żviluppat il-Kodiċi Soċjali mmirat lejn it-titjeb tas-sistema tal-impjiegi u tal-benefiċċji soċjali u l-kura tas-saħħa minn perspettiva usa' tal-benesseri soċjali (l-impjiegi, il-mobilità soċjali, il-kura tas-saħħa, is-sigurtà soċjali u l-assistenza soċjali);
- Jittieħdu passi biex jiġu indirizzati l-"impjeg informali"/"ix-xogħol mhux iddikjarat" f'kooperazzjoni mas-sħab soċjali u l-organizzazzjonijiet internazzjonali.

### 5.13. *Ekonomija u Soċjetà Diġitali*

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Il-partijiet ser jaħdmu flimkien biex jarmonizzaw aktar il-Leġiżlazzjoni Georgjana mad-Direttiva tal-UE dwar is-Sigurtà tan-Networks u l-Infommazzjoni (NIS), u biex itejbu r-reżiljenza ċibernetika ta' setturi ewlenin tal-infrastruttura kritika u tal-organizzazzjonijiet tas-settur pubbliku, abbażi tal-esperjenza, il-prattiki u n-normi rilevanti tal-UE;
- L-approssimazzjoni mal-acquis tal-UE fil-qasam tal-komunikazzjoni elettronika; b'mod partikolari, ikomplu jissaħħu l-indipendenza u l-kapaċità amministrattiva tal-awtorità regolatorja nazzjonali għall-komunikazzjonijiet elettroniċi;
- Jiġi implimentat il-Ftehim dwar ir-Roaming Reġjonali (li mistenni li jiġi ffirmat kmieni fl-2022);
- Jiġi implimentat il-Ftehim Reġjonali dwar il-Koordinazzjoni tal-Ispettru (li mistenni li jiġi ffirmat fil-bidu tal-2022);
- Tiġi implimentata l-Istrateġija Nazzjonali għall-Iżvilupp tal-Broadband tal-Georgia u l-Pjan ta' Azzjoni relatat, filwaqt li titqies il-leġiżlazzjoni tal-UE u l-aħjar Prattiki;
- Appoġġ lill-Georgia fil-konnettività diġitali tal-Baħar l-Iswed;
- Il-partijiet ser jikkooperaw għall-adozzjoni mill-Georgia ta' oqfsa legali għal skemi ta' identifikazzjoni elettroniċi u servizzi fiduċjarji elettroniċi, f'konformità mal-leġiżlazzjoni u l-aħjar Prattiki tal-UE, bil-ħsieb tal-possibilità ta' ftehim dwar ir-rikonoxximent reċiproku tas-servizzi fiduċjarji;
- Tissaħħaħ l-ekonomija diġitali tal-Georgia fl-oqfsa tal-ħiliet diġitali, l-innovazzjoni diġitali u l-ekosistemi tan-negozji l-ġodda, iċ-ċibersigurtà u s-Servizzi elettroniċi għaċ-ċittadini u n-negozji, u l-adozzjoni ta' data u servizzi bbażati fl-ispazju.

### 5.14. *Politika Marittima u tas-Sajd*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Trawwim ta' approċċ integrat għall-kwistjonijiet marittimi, speċjalment permezz ta' kontribuzzjoni għall-iżvilupp ta' inizjattivi reġjonali u transsettorjali fil-qasam marittimu billi jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' koordinazzjoni, u billi jiġu identifikati oqfsa ta' interess komuni u ssir kooperazzjoni attiva mal-Istati tal-kosta u l-partijiet ikkonċernati marittimi fir-reġjun tal-Baħar l-Iswed, fil-kuntest tal-Aġenda Marittima Komuni għall-Baħar l-Iswed;
- Titjib u tisħiħ tal-monitoraġġ u l-kontroll tal-attivitajiet tas-sajd u tal-kummerċ fil-prodotti tas-sajd u t-traċċabilità tagħhom kif ukoll tal-kapaċità tal-awtoritajiet kompetenti, sabiex jiġi miġġieled b'mod effettiv is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU);
- Jiġu segwiti l-iżviluppi u l-miżuri meħuda fi ħdan il-Kummissjoni Ġenerali għas-Sajd fil-Mediterran (GFCM) u jiġi finalizzat l-aġġornament tal-istatus tagħha bħala membru sħiħ tal-GFCM;
- Titkompla l-implimentazzjoni tal-governanza tas-sajd u tal-akkwakultura, f'konformità mal-Istrateġija tal-GFCM tal-2030, lejn is-sostenibbiltà tas-sajd fil-Baħar l-Iswed u l-iżvilupp sostenibbli tal-akkwakultura;
- Jitkompla l-proċess li għaddej ta' adozzjoni ta' qafas legali li jkopri s-sajd u l-attivitajiet relatati mas-sajd tal-flotta tal-Georgia fuq distanzi twal u l-għodod għall-implimentazzjoni ta' dan il-qafas legali sabiex jiġi miġġieled b'mod effettiv is-sajd illegali, mhux irrappurtat u mhux irregolat (IUU).

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jittieħdu l-passi neċessarji sabiex jinkiseb sajd sostenibbli fil-Baħar l-Iswed, kemm fil-qafas bilaterali kif ukoll fil-qafas multilaterali abbażi ta' approċċ ekosistemiku għall-ġestjoni tas-sajd;
- Tiżdied il-kooperazzjoni xjentifika u teknika fuq livell reġjonali u bilaterali bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kapaċità għall-monitoraġġ tal-attivitajiet tas-sajd, il-ġbir tad-data, l-istħarriġ fuq il-baħar, bil-ħsieb li tittejjeb l-evalwazzjoni tal-istat tal-istokkijiet, u biex is-sajd jinteraġixxi mal-ambjent tal-baħar;
- Isir użu mill-possibiltajiet ta' assistenza teknika għall-monitoraġġ biex jiġu żviluppati aktar il-kontroll u s-sorveljanza b'appoġġ għall-operat taċ-ċentru ta' monitoraġġ tas-sajd u tas-sistema elektronika ta' monitoraġġ għall-bastimenti tas-sajd;

- Jittieħdu l-miżuri meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni xierqa tal-qafas legali li jkopri s-sajd u l-attivitajiet relatati mas-sajd tal-flotta fuq distanzi twal tal-Georgia, inkluż l-għodod ta' monitoraġġ, kontroll u sorveljanza fuq dawn l-attivitajiet, sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv is-sajd IUU;
- Jiġu appoġġati b'mod attiv l-implimentazzjoni tal-Aġenda Marittima Komuni għall-Baħar l-Iswed u l-identifikazzjoni ta' proġetti eliġibbli għal finanzjament;
- Jittejbu l-kondizzjonijiet għall-iżvilupp tas-sajd u tal-akkwakultura fuq skala żgħira, jittejjeb il-ġbir tad-data, l-aċċess għas-swieq lokali u għall-katina tal-provvista, jittejjeb l-istandards tas-sikurezza tal-ikel tal-prodotti tas-sajd u tal-akkwakultura fuq skala żgħira, u jiġi xprunat il-ħolqien tal-organizzazzjonijiet tal-produtturi.

## 6. **Konnettività, Enerġija, Ambjent, Azzjoni dwar il-Klima u Protezzjoni Ċivili**

Il-Partijiet ser jikkooperaw biex irawmu l-implimentazzjoni tal-acquis tal-UE fil-modi kollha tat-trasport bil-għan li tittejjeb il-konnettività fiżika, kif ukoll l-istandards relatati u l-aspetti regolatorji u tas-sikurezza. Il-Partijiet ser jaħdmu flimkien biex jiksibu reżiljenza ambjentali u klimatika billi jippromwovu - anke fi ħdan l-isforzi ta' rkupru ta' wara l-COVID-19 - ekonomija moderna, effiċjenti fir-riżorsi, nadifa u ċirkolari li twassal għall-ekoloġizzazzjoni tal-ekonomija u użu aktar sostenibbli tar-riżorsi naturali. Il-promozzjoni u l-appoġġ tal-effiċjenza enerġetika u l-użu tal-enerġija rinnovabbli ser ikompli jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-emissjonijiet. Il-kooperazzjoni fir-rigward tal-prevenzjoni, it-tiejija u r-rispons għad-diżastri ser tkompli tissaħħaħ.

### 6.1. *Trasport*

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Tiġi segwita l-implimentazzjoni tal-acquis tal-avjazzjoni tal-UE sabiex jiġi sfruttat il-vantaġġ kollu tal-Ftehim dwar l-Ispazju Komuni tal-Avjazzjoni bejn l-UE u l-Georgia;
- Tittejjeb is-sikurezza fil-modi tat-trasport (tal-avjazzjoni, fit-triq, marittimu, ferrovjarju);
- Appoġġ lill-Georgia fl-istabbiliment ta' bażi tad-data komprensiva dwar is-sikurezza fit-toroq biex tingħata d-data meħtieġa dwar is-sitwazzjoni attwali tas-sikurezza fit-toroq (data dwar il-ħabtiet/il-korrimenti serji) li tippermetti azzjonijiet aktar effiċjenti relatati mal-politika;
- Fid-dawl tal-importanza tas-sikurezza fit-toroq, jingħata aktar appoġġ lill-Georgia fl-armonizzazzjoni tal-leġiżlazzjoni tagħha dwar is-sikurezza fit-toroq mal-acquis tal-UE, inkluż il-ġestjoni tas-sikurezza fit-toroq u l-bini tal-kapaċità;
- Tiġi appoġġata r-riforma tas-settur ferrovjarju tal-Georgia li tista' b'mod partikolari tikkontribwixxi għal trasport aktar sostenibbli billi l-merkanzija tiġi ttrasferita mit-toroq għall-ferroviji;
- Jitkompla l-iżvilupp tal-infrastruttura, b'mod partikolari billi jiġu implimentati l-proġetti inklużi fil-Pjan ta' Azzjoni indikattiv għall-Investment tat-TEN-T biex tiġi appoġġata t-tlestija tan-network ewlieni estiż tat-TEN-T fil-Georgia sal-2030; Jiġi kkunsidrat l-iżvilupp ulterjuri tar-rwol ta' tqarrib tal-baċir tal-Baħar l-Iswed f'termini ta' konnettività;
- Appoġġ lill-Georgia fl-iżvilupp ta' pjanijiet ta' mobilità urbana sostenibbli u f'attivitajiet immirati lejn is-sensibilizzazzjoni tal-pubbliku ġenerali dwar għażliet alternattivi ta' mobilità urbana (fir-rigward tal-użu tal-karozzi) sabiex jiżiedu d-disponibbiltà, is-sikurezza, l-effiċjenza u s-sostenibbiltà tat-trasport urban pubbliku.

### 6.2. *Kooperazzjoni fil-Qasam tal-Enerġija*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tiġi żgurata l-implimentazzjoni tal-impenji bħala Parti Kontraenti tal-Komunità tal-Enerġija;
- Tiġi implimentata l-leġiżlazzjoni rilevanti fl-oqsma tal-elettriku, l-enerġija rinnovabbli, l-effiċjenza enerġetika, iż-żejt, il-gass, l-istatistika dwar l-enerġija, il-prospettar tal-idrokarburi u tad-dispożizzjonijiet ambjentali relatati mal-enerġija, f'konformità mat-termini u l-kondizzjonijiet stipulati fil-Protokoll ta' adeżjoni tat-Trattat dwar il-Komunità tal-Enerġija u l-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;
- Jitlesta u jiġi implimentat il-qafas istituzzjonali għall-politika dwar l-effiċjenza enerġetika;
- Jitħejja l-Pjan Nazzjonali għall-Enerġija u l-Klima (NECP) tal-pajjiż u tinbeda l-implimentazzjoni tiegħu.

Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jittieħdu passi għall-integrazzjoni tas-suq tal-enerġija tal-Georgia ma' dak tal-UE, u tissaħħaħ is-sigurtà tal-enerġija u l-konverġenza regolatorja tal-Georgia, permezz tal-implimentazzjoni tal-leġislazzjoni rilevanti tal-UE, inkluż leġislazzjoni sekondarja relatata f'konformità mal-impenji tal-Komunità tal-Enerġija;
- Kooperazzjoni dwar l-attrazzjoni ta' appoġġ internazzjonali għall-iżvilupp ta' enerġija sostenibbli, inkluż dak mill-fondi internazzjonali għall-klima u strumenti finanzjarji oħrajn;
- It-tisħiħ tan-network u tal-interkonnessionijiet tal-infrastruttura tal-enerġija tal-Georgia, b'mod partikolari:
- fir-rigward tal-elettriku, jiġi promoss il-kummerċ transfruntier u l-interkonnessionijiet mal-pajjiżi tal-viċinat u tiġi msaħħa l-grilja ta' trażmissjoni tal-Georgia; tiġi vvalutata aktar il-fattibilità tal-Proġett tal-Linja ta' Trażmissjoni tal-Baħar l-Iswed kif ukoll proġetti oħra biex tiġi żgurata s-sigurtà tal-provvista u s-sigurtà ġenerali tal-enerġija fir-reġjun;
- fir-rigward tal-gass naturali, jiġi appoġġat l-operat kontinwu tal-pipelines ewlenin tal-gass, inkluż il-parti tal-Kuritur tal-Gass tan-Nofsinhar li jinsab fit-territorju Georgjan, kif ukoll l-appoġġ/il-promozzjoni ta' proġetti oħrajn ta' importanza reġjonali għat-tranżitu ta' gass u żejt biex jiġi żgurat it-trasport tar-riżorsi tal-enerġija tal-Baħar Kaspiju lejn is-swieq tal-punent, kif ukoll biex jiġi ffaċilitat l-iżvilupp ta' ħażna tal-gass taħt l-art biex tiżdied is-sigurtà tal-enerġija fil-Georgia, filwaqt li jiġi rikonnoxxut l-objettiv tal-UE tan-newtralità klimatika sal-2050.

6.3. *Ambjent*Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tittiejjeb il-governanza ambjentali permezz tal-implimentazzjoni ta' leġislazzjoni fil-Georgia fir-rigward tal-valutazzjoni tal-impatt ambjentali, il-valutazzjoni ambjentali strateġika, u billi tiġi adottata u implimentata leġislazzjoni ġdida dwar ir-responsabbiltà ambjentali, permezz tal-iżgurar tal-aċċess pubbliku għall-informazzjoni ambjentali u l-parteċipazzjoni pubblika fit-tehdid tad-deċiżjoni, billi jiġu involuti l-partijiet interessati kollha, kif ukoll billi l-ambjent jiġi integrat f'oqsma oħrajn tal-politika u billi titjieb il-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar l-ambjent f'konformità mal-prinċipji tas-Sistema dwar l-Infurmazzjoni Ambjentali Kondiviżiva (SEIS);
- Titkompla l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Nazzjonali għall-Ġestjoni tal-Iskart Radjoattiv;
- Jiġi żgurat l-użu sostenibbli tar-riżorsi tal-ilma permezz tal-adozzjoni u t-tnedija tal-implimentazzjoni tal-Liġi dwar il-Ġestjoni tar-Riżorsi tal-Ilma;
- Jiġi implimentat il-Kodiċi tal-Foresti l-ġdid u tiġi adottata leġislazzjoni sussidjarja; Jiġi stabbilit korp ta' ġestjoni tal-foresti tal-istat ekonomikament vijabbli; Jiġi ffinalizzat l-Inventarju Nazzjonali tal-Foresti u tinżamm il-bażi tad-data;
- Jiġi implimentat it-tielet Programm ta' Azzjoni Nazzjonali dwar l-Ambjent tal-Georgia (2017-2021) skont l-iskeda taż-żmien tan-NEAP 3;
- Jiġi żviluppat ir-raba' Programm Nazzjonali ta' Azzjoni Ambjentali tal-Georgia, inkluż il-programm ta' ħames snin għar-riżorsi tal-ilma, li jkopri kemm l-approċċi strateġiċi kif ukoll il-pjan ta' azzjoni;
- Tiġi implimentata l-Istrateġija nazzjonali għall-ġestjoni tal-iskart u l-miżuri previsti fil-pjan ta' azzjoni tal-2016-2020 u l-pjanijiet ta' segwitu;
- Tiġi żgurata valutazzjoni xierqa tal-ispejjeż operazzjonali tal-faċilitajiet tal-immaniġġjar tal-iskart u tiġi stabbilita sistema xierqa ta' tariffi għall-irkupru tagħhom.

Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jiġi sfruttat il-potenzjal ekonomiku ta' ekonomija ekoloġika u ċirkolari u jiġu żviluppati politiki komprensivi ta' tkabbir ekoloġiku fis-setturi rilevanti kollha, pereżempju billi l-immagna ekoloġika tal-Georgia titqies bħala vantaġġ kompetittiv, billi jiġu inkorporati l-prinċipji tal-ekonomija ċirkolari fis-sistema nazzjonali tal-immaniġġjar tal-iskart, eċċ.;
- Titkompla l-approssimazzjoni tal-leġislazzjoni tal-Georgia mal-*acquis* tal-UE u jiġu implimentati d-dispożizzjonijiet tad-Direttivi u r-Regolamenti tal-UE kif previst fl-Annessi rilevanti tal-Ftehim ta' Assoċjazzjoni;

- Jiġu adottati u introdotti miżuri għat-tnaqqis tat-tniġġis tal-ilma u tal-arja u għall-protezzjoni tal-bijodiversità, inkluż fil-Baħar l-Iswed;
- Tiġi adottata l-Liġi tal-Georgia dwar il-Bijodiversità u tiġi żviluppata l-leġiżlazzjoni sussidjarja, fost l-oħrajn biex tiġi pprovduta bażi legali soda għall-istabbiliment u l-ġestjoni tas-siti Emerald, ir-riżervi tal-Bijosfera, kif ukoll għal-Lista l-Ħamra nazzjonali tal-ispeċijiet fil-periklu. Il-Ġestjoni taż-Żona Protetta jenhrieg li tissaħħaħ aktar u tiġi ffinanzjata b'mod adegwat mill-baġit pubbliku;
- Jitkompla l-iżvilupp ta' network ta' monitoraġġ tal-kwalità tal-arja fil-muniċipalitajiet ewlenin u fiż-żoni l-aktar imniġġsa. Jiġu adottati miżuri għall-prevenzjoni u l-kontroll tat-tniġġis fl-aktar żoni mniġġsa (il-pjanijiet dwar il-kwalità tal-arja). Tiġi adottata u implimentata l-Liġi dwar l-Emissjonijiet Industrijali;
- Tiġi żgurata valutazzjoni xierqa tal-ispejjeż operazzjonali tal-faċilitajiet tal-immaniġġjar tal-ilma u jiġu żviluppati strumenti ekonomiċi għall-irkupru tagħhom;
- Jitfassal pjan direzzjonali għar-ratifika u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet ambjentali multilaterali, inkluż fost l-oħrajn il-Konvenzjoni tal-UNECE dwar il-Protezzjoni u l-Użu tal-Korsiji tal-Ilma u tal-Lagi Internazzjonali Transfruntieri, il-Protokoll tal-Konvenzjoni dwar it-Tniġġis Transfruntier tal-Arja fuq Distanza Twila (il-Protokoll għat-Tnaqqis tal-Aċidifikazzjoni, l-Ewtrofikazzjoni u l-Ożonu Troposferiku, il-Protokoll dwar Materjal Organiku Persistenti li Jniġġes (POPs) u l-Protokoll dwar il-Metalli Tqal), u l-Konvenzjoni tal-UNECE dwar l-Effetti Transfruntieri tal-Inċidenti Industrijali. Isir progress fit-tħejjijiet biex issir parti mill-Konvenzjoni ta' Espoo u l-protokoll tagħha dwar il-Valutazzjoni Ambjentali Strateġika.

#### 6.4. Tibdil fil-Klima

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Jibda jopera l-Kunsill dwar it-Tibdil fil-Klima biex jikkoordina l-politika dwar it-tibdil fil-klima fil-Georgia;
- Tiġi finalizzata u adottata Strateġija għall-Iżvilupp ta' Emissjonijiet baxxi ta' gassijiet serra tal-Georgia fuq terminu twil, sa nofs is-seklu;
- Jiġi elaborat u adottat Pjan ta' Adattament Nazzjonali (NAP);
- Tinbeda l-implimentazzjoni tal-Kontribut Iddeterminat fil-Livell Nazzjonali (NDC) f'konformità mal-Ftehim ta' Pariġi dwar it-Tibdil fil-Klima;
- Jiġi żgurat li l-miżuri ta' rkupru mill-COVID-19 jinkludu sforzi biex l-ekonomija ssir aktar ekoloġika u ma jikkompromettux il-miri ambjentali u klimatiċi.

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Tiġi approssimata l-leġiżlazzjoni tal-Georgia mal-*acquis* tal-UE u l-istrumenti internazzjonali kif previst mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni f'konformità mal-Annessi rilevanti tiegħu;
- Tiġi appoġġata l-implimentazzjoni f'waqtha tal-impenji tal-Georgia dwar l-azzjoni klimatika skont il-Komunità tal-Enerġija;
- Tiġi ssimplifikata l-azzjoni klimatika fil-politiki u l-miżuri settorjali u tissaħħaħ il-kapaċità tal-awtoritajiet differenti biex tiġi implimentata l-azzjoni klimatika fis-setturi kollha;
- Jissaħħaħ il-qafas ta' trasparenza tal-Georgia għall-azzjoni klimatika, b'mod partikolari permezz ta' sistema nazzjonali robusta għall-monitoraġġ u r-rapportar tal-politiki dwar il-klima, il-miżuri u l-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'konformità mal-Ġabra ta' Regoli ta' Katowice tal-Ftehim ta' Pariġi.

#### 6.5. Il-Protezzjoni Ċivili tal-UE

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- B'segwitu għall-arranġament amministrattiv iffirmit f'Lulju 2018, jiġu esplorati modi biex ikompli jiġu definiti l-aktar elementi ta' kooperazzjoni xierqa fir-rigward tal-profil tar-riskju, il-qafas leġiżlattiv u organizzattiv tal-Georgia, bħala parti mill-approċċ reġjonali tal-UE.

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Tiġi żgurata komunikazzjoni effettiva fuq bażi ta' 24 siegħa kuljum, inkluż l-iskambju ta' twissijiet bikrija u informazzjoni dwar emerġenzi fuq skala kbira li jaffettwaw lill-UE u lill-Georgia, kif ukoll pajjiżi terzi li fihom il-Partijiet ikunu involuti fir-rispons għad-diżastri;

- Tiġi ffaċilitata l-assistenza reċiproka u reġjonali f'każ ta' emerġenzi kbar, skont kif ikun xieraq u skont ikunux disponibbli riżorsi suffiċjenti;
- Tiġi promossa l-implimentazzjoni ta' linji gwida tal-UE dwar is-sostenn ta' nazzjon ospitanti; Jiġu mħeġġa l-koordinazzjoni interistituzzjonali effettiva u r-rabtiet transsettorjali sabiex tiġi ffaċilitata l-assistenza internazzjonali f'operazzjonijiet ta' rispons għad-diżastri; Ikomplu jittejjbu l-kapaċitajiet li tiġi milqugħa u pprovduta assistenza internazzjonali;
- Tittejjeb il-bażi tal-għarfien dwar ir-riskji tad-diżastri billi tissaħħaħ il-kooperazzjoni għall-aċċessibbiltà u l-komparabbiltà tad-data;
- Tiġi promossa l-ġestjoni integrata tar-riskju ta' diżastri bbażata fuq valutazzjonijiet tar-riskju ta' perikli multipli; Jiġu appoġġati, kif meħtieġ, l-iżvilupp u t-tisħiħ ta' sistemi ta' twissija bikrija fil-livell nazzjonali; Jiġi ffaċilitat l-użu tas-Sistema Ewropea Copernicus ta' Twissija kontra l-Għargħar (EFAS) u tas-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar in-Nirien fil-Foresti (EFFIS) mill-Georgia f'kooperazzjoni maċ-Ċentru Konġunt ta' Riċerka tal-Kummissjoni Ewropea;
- Tittejjeb il-prevenzjoni tad-diżastri industrijali u d-diżastri NATECH (perikli naturali kkawżati mit-teknoloġija) u l-istat ta' thejġja għalihom;
- Jissaħħu l-prevenzjoni, it-thejġja u r-rispons għad-diżastri f'konformità mal-qafas ta' Sendai għat-Tnaqqis tar-Riskju ta' Diżastri u l-Patt Ekoloġiku Ewropew permezz ta' skambju tal-aħjar Prattiki, taħriġ konġunt, eżerċizzji, żjarat ta' studju, sessjonijiet ta' ħidma u laqgħat dwar it-tagħlimiet meħuda minn sitwazzjonijiet jew eżerċizzji ta' emerġenza reali. Jiġu kondiviżi Prattiki tajbin dwar l-integrazzjoni tax-xenarji tat-tibdil fil-klima fil-valutazzjoni u l-ippjanar tar-riskju.

## 7. **Il-mobbiltà u l-kuntatti bejn il-persuni**

L-UE u l-Georgia ser jibqgħu ffukati fuq il-parteċipazzjoni u t-tmexxija taż-żgħażaġħ permezz tat-tisħiħ tal-pożizzjoni tagħhom. Il-partijiet ser ikomplu jikkooperaw biex jimmassimizzaw il-benefiċċji li l-Georgia tista' tieħu mill-assoċjazzjoni tagħha ma' Orizzont Ewropa u mal-programmi Ewropa Kreattiva, u biex jippromwovu aktar il-parteċipazzjoni diġà attiva tagħha fil-programmi Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, kif ukoll fi programmi u inizzjattivi oħra ta' volontarjat, ta' kooperazzjoni u ta' skambju.

Il-partijiet ser jinkoraġġixxu approċċ strateġiku għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali. L-iżvilupp Territorjali Integrat fil-Georgia ser ikun ukoll prijorità għall-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Georgia. Iż-żewġ Partijiet ser jiżguraw diskussjoni infurmata tajjeb maċ-ċittadini tal-Georgia dwar l-opportunitajiet u l-implikazzjonijiet tal-assoċjazzjoni mal-UE tal-Georgia billi joħlqu politika dwar iż-żgħażaġħ bil-għan li tinholqu ekosistema sostenibbli għall-iżvilupp taż-żgħażaġħ.

### 7.1. *Riċerka, Żvilupp Teknoloġiku u Innovazzjoni*

#### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Tiġi adottata u implimentata l-strateġija l-għdida tal-Edukazzjoni u x-Xjenza għall-2022-2032 bl-involviment ta' dawk li jfasslu l-politika, tal-komunità akkademika u dik tar-riċerka, tal-mexxejja tan-negozju u tas-soċjetà ċivili;
- Jiġi appoġġat l-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika ta' innovazzjoni, inkluż revizzjoni lill-qafas u l-infrastruttura regolatorji għar-riċerka u l-innovazzjoni;
- Jiġu żgurati koordinazzjoni u komplementarjetà aħjar fost il-partijiet ikkonċernati ewlenin (il-ministeri u l-aġenziji); jittejjeb it-trasferiment tal-għarfien (permezz ta' network ta' intermedjazzjoni u reġim favorevoli dwar id-Drittijiet tal-Proprietà Intellettwali); tiġi stimolata l-kokreazzjoni permezz ta' ċentri ta' kompetenza; jiġu rfinuti l-iskemi ta' finanzjament għall-ħtiġijiet tar-Riċerka u l-Innovazzjoni kollaborattivi (R&I); u tittejjeb il-mobbiltà tar-riżorsi umani bejn ir-riċerka u n-negozju;
- Il-Georgia tiġi assoċjata ma' Orizzont Ewropa.

#### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jiġu massimizzati l-benefiċċji għall-Georgia tal-Assoċjazzjoni tagħha fil-programm Orizzont Ewropa, biex jingħata kontribut biex tingħata spinta għall-kompetittività u t-tkabbir ekonomiku tal-pajjiż;
- Tiġi mħeġġa l-parteċipazzjoni fil-Programm ta' Riċerka u Taħriġ tal-Euratom, li jikkomplimenta lill-programm Orizzont Ewropa, b'mod partikolari fil-qasam tas-sikurezza nukleari u l-protezzjoni mir-radjazzjoni abbażi ta' sejħiet kompetittivi;

- Jissaħħu r-riżorsi umani, materjali u istituzzjonali sabiex jittejjbu l-kapaċitajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni;
- Tiġi żviluppata sistema ta' informazzjoni tar-riċerka u l-innovazzjoni li tiffunzjona tajjeb li tnaqqas il-frammentazzjoni (billi tistabbilixxi ċentri tar-R&I) u tallinja l-prijoritajiet tar-riċerka u l-innovazzjoni biex tkun konsistenti mal-prijoritajiet ekonomiċi;
- L-introduzzjoni ta' finanzjament adegwat ta' linja bażi biex jiġu appoġġati l-organizzazzjonijiet pubbliċi tar-riċerka u l-ħolqien ta' kondizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni bejniethom;
- Il-ħolqien ta' kondizzjonijiet favorevoli li jinkoraġġixxu u jinċentivaw lill-kumpaniji biex jinvestu fir-riċerka u l-innovazzjoni;
- Tiġi implimentata l-Aġenda Strateġika ta' Riċerka u Innovazzjoni għall-Baħar l-Iswed, karatteristika tal-aġenda reġjonali tas-Sinerġija tal-Baħar l-Iswed.

## 7.2. Edukazzjoni, Taħriġ u Żgħażaġħ

### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Jiġi żgurat id-dritt għall-edukazzjoni ta' kwalità għal kulħadd, inkluż dawk li ġejjin minn ambjenti żvantaġġati; Jittieħdu passi oħra biex jiġu promossi l-edukazzjoni u t-taħriġ inklużivi;
- Jiġi mħeġġeġ approċċ strateġiku għall-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (vocational education and training, VET) bl-għan li s-sistema tal-VET tal-Georgia tinġieb konformi mal-modernizzazzjoni tal-istrutturi tal-UE dwar il-VET, kif segwita permezz tal-Proċess ta' Copenhagen u l-istrumenti tiegħu u fir-rispett tal-prinċipji ta' opportunitajiet indaqs;
- Jiġi mħeġġeġ l-involvement attiv tas-settur privat fil-VET biex jissaħħu r-rilevanza u l-effettività tagħhom u fl-aħħar mill-aħħar ikun hemm aċċess aħjar għas-settur privat għall-ħaddiema tas-sengħa;
- Tkompli titjieb il-kwalità tal-edukazzjoni, l-aċċess ugwali u s-sostenibbiltà (inkluż finanzjament effiċjenti għal-livelli kollha ta' edukazzjoni) u jiġu stimolati l-edukazzjoni mhux formali u t-tagħlim tul il-ħajja;
- Tiġi promossa l-parteċipazzjoni attiva tal-Georgia fil-programmi Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà;
- Jitwettqu ħidma u skambji konġunti bil-ħsieb li jiġu promossi r-riformi tal-Georgia fis-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ u aktar integrazzjoni fil-Qasam Ewropew ta' Edukazzjoni Għolja, titjieb il-kwalità tal-għoti tal-edukazzjoni, jiġu modernizzati l-prattiki tat-tagħlim u tal-apprendiment u jitravwem l-iżvilupp tal-ħiliet għal impjegabbiltà akbar u għall-involvement ċiviku tal-gradwati;

Ikompli jissaħħu l-isforzi konġunti biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni sħiħa effettiva tal-Iskola Ewropea tas-Sħubija tal-Lvant fil-Georgia;

Jissaħħaħ approċċ strateġiku għall-politika taż-żgħażaġh permezz tal-Ministeru għall-Kultura, iż-Żgħażaġħ u l-Isport tal-Georgia u t-tisħiħ tal-iskambji u l-kooperazzjoni fil-qasam tal-edukazzjoni mhux formali għaż-żgħażaġh u għall-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, fost l-oħrajn permezz tal-fergħa taż-żgħażaġh ta' Erasmus+, bil-għan li tinħoloq ekosistema sostenibbli għall-iżvilupp taż-żgħażaġh;

- Jiġi mħeġġeġ approċċ strateġiku għall-ħidma fost iż-żgħażaġh biex jiġu indirizzati b'mod aktar effettiv l-isfidi li qed jiffaċċjaw iż-żgħażaġh u biex jiġi promoss l-iżvilupp tal-kompetenzi ewlenin u biex jinkiseb il-potenzjal taż-żgħażaġh.

## 7.3. Kooperazzjoni fil-Qasam Kulturali

- Tiġi promossa l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar il-Protezzjoni u l-Promozzjoni tad-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali;
- Ikun hemm kooperazzjoni dwar l-iżvilupp ta' politika kulturali inklużiva fil-Georgia u dwar il-preservazzjoni u l-valorizzazzjoni tal-wirt kulturali u naturali bil-għan li jitravwem l-iżvilupp soċjoekonomiku, l-inklużjoni u l-parteċipazzjoni taċ-ċittadini;
- Tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-operaturi kulturali u awdjoviżivi tal-Georgia fil-programmi ta' kooperazzjoni kulturali/awdjoviżivi, b'mod partikolari l-programm Ewropa Kreattiva;
- Jiġi promoss id-djalogu interkulturali u l-iżvilupp ta' kultura demokratika permezz tal-ħidma fost iż-żgħażaġh;

- Tiġi mħeġġa l-mobilità tal-artisti;
- Ikun hemm kooperazzjoni fl-iżvilupp tal-politika tal-isport fil-Georgia permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki. Tiġi promossa l-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati tal-isport Georgjani fl-azzjonijiet sportivi ta' Erasmus kif ukoll f'inizjattivi oħra bħall-Ġimgħa Ewropea tal-Isport Mingħajr Fruntieri u l-Premjijiet #BeActive;
- Jiġu skambjati prattiki tajbin fil-qasam tal-ġlieda kontra t-theddid għall-isport bħall-vjolenza fl-isport, kull tip ta' diskriminazzjoni, manipolazzjoni tal-kompetizzjonijiet sportivi u d-doping;
- Tiġi mħeġġa l-promozzjoni tal-ugwaljanza bejn il-ġeneri fl-isport, l-iżvilupp tal-etika sportiva kif ukoll l-inklużjoni soċjali u l-prinċipji ta' governanza tajba.

#### 7.4. Kooperazzjoni fil-Qasam Awdjoviżiv u tal-Media

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Issir ħidma favur ir-rinforzar tal-indipendenza u l-professjonaliżmu tal-media f'konformità ma' standards Ewropej rilevanti u l-approssimazzjoni tal-leġiżlazzjoni awdjoviżiva mal-*acquis* tal-UE kif previst mill-Ftehim ta' Assoċjazzjoni, fost l-oħrajn permezz tal-iskambju ta' fehmiet dwar il-politika awdjoviżiva u l-istandards internazzjonali rilevanti, inkluż il-kooperazzjoni fil-ġlieda kontra l-inċitament għall-mibegħda, ir-razziżmu u l-ksenofobija;
- Jiġu skambjati l-aħjar prattiki dwar il-libertà tal-media, il-pluraliżmu tal-media, id-dekriminalizzazzjoni tal-malafama, il-protezzjoni tas-sorsi tal-ġurnalisti u l-aspetti tad-diversità kulturali tal-media permezz ta' djalogu regolari; It-tisħiħ tal-kapaċità u l-indipendenza tal-awtoritajiet/korpi regolatorji tal-media.

#### 7.5. Żvilupp Reġjonali u Kooperazzjoni fil-Livell Reġjonali

##### Prijoritajiet fuq terminu qasir

- Titlesta b'suċċess l-implimentazzjoni tal-Programm ta' Żvilupp Reġjonali tal-Georgia għall-2018-2021 (PŻR), inkluż permezz tal-istabbiliment ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u sħubija interistituzzjonali effettivi bejn l-awtoritajiet nazzjonali u sottonazzjonali;
- Jiġi implimentat b'suċċess il-Programm Pilota Integrat għall-Iżvilupp Reġjonali għall-2020-2022 (PIRDP) li jiffoka fuq "reġjuni fokali" tal-UE, inkluż investimenti potenzjali f'oqsma bħall-innovazzjoni u l-SMEs, bil-ħsieb li jinħolqu ċentri ġodda ta' gravità fil-Georgia;
- Titmexxa l-quddiem il-ħidma fuq l-assenjament reġjonali għal Speċjalizzazzjoni Intelliġenti, inkluż permezz ta' taħriġ u tal-bini ta' kapaċità għall-partijiet ikkonċernati;
- Jiġu identifikati l-passi ulterjuri għall-introduzzjoni gradwali futura tal-metodoloġija u l-klassifikazzjoni NUTS tal-UE fil-Georgia;
- Parteċipazzjoni b'mod proattiv fl-iżvilupp tal-programm Interreg NEXT tal-Baċir tal-Baħar l-Iswed 2021-2027, biex jiġu indirizzati r-riskji tat-tibdil fil-klima, id-diżastri kkawżati mill-bniedem u dawk naturali, kif ukoll tissaħħaħ il-kooperazzjoni fil-protezzjoni tal-wirt naturali u l-bijodiversità; It-tisħiħ tal-kapaċitajiet tal-istrutturi meħtieġa ta' ġestjoni u kontroll.

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Ikomplu jiġu appoġġati l-awtoritajiet fit-tisħiħ tas-sħubijiet bejn l-amministrazzjonijiet nazzjonali u sottonazzjonali, fl-isforzi għall-bini tal-kapaċità u fi strumenti oħra ta' żvilupp reġjonali filwaqt li jimplimentaw b'mod effettiv il-PIRDP għall-2020-2022 u l-programm(i) ta' segwitu tiegħu, kif ukoll l-Istrateġija ta' Deċentralizzazzjoni tal-Georgia għall-2020-2025;
- Jiġu appoġġati l-azzjonijiet integrati u b'bosta partijiet ikkonċernati għall-iżvilupp territorjali tal-Georgia bħal fil-qasam tal-ġestjoni tat-territorju, il-ġestjoni tal-ilma u l-iskart, it-toroq, l-elettriku u infrastrutturi bażiċi oħra, id-diversifikazzjoni tal-ekonomija rurali, it-turiżmu u l-iżvilupp tal-kummerċ, l-infrastruttura u l-faċilitajiet edukattivi, l-inizjattivi brownfield, l-effiċjenza enerġetika, l-attivazzjoni u l-involvement soċjali;
- Jittejbu l-arranġamenti istituzzjonali u tinbena kapaċità adegwata fil-livelli nazzjonali/reġjonali/lokali biex tipparteċipa fil-programm Interreg NEXT tal-Baċir tal-Baħar l-Iswed 2021-2027;
- Tiġi żviluppata u titħaddem l-Ispeċjalizzazzjoni Intelliġenti bħala bażi biex jiġu ddeterminati d-deċiżjonijiet ta' investiment fir-riċerka u l-innovazzjoni bil-ħsieb li jiżjed il-potenzjal tal-innovazzjoni tar-reġjuni u tal-pajjiż kollu;



- Jintgħażlu oqsma ta' prijorità għat-trasformazzjoni ekonomika abbażi ta' vantaġġi kompetittivi u djalogu inklużiv fost l-awtoritajiet lokali, id-dinja akkademika, in-negozju u s-soċjetà ċivili;
- Tiġi appoġġata l-applikazzjoni gradwali tal-metodoloġija NUTS tal-UE u l-klassifikazzjoni fis-sistema tal-istatistika nazzjonali tal-Georgia.

#### 7.6. *Parteċipazzjoni f'Aġenziji u Programmi tal-UE*

##### Prijoritajiet fuq terminu medju

- Tiġi eżaminata l-implimentazzjoni tal-Protokoll dwar il-Parteċipazzjoni fil-Programmi tal-UE abbażi tal-parteċipazzjoni attwali tal-Georgia fi Programmi speċifiċi tal-UE.

#### 7.7. *Sensibilizzazzjoni pubblika u viżibbiltà*

- Tiġi żgurata diskussjoni infurmata sew, inkluż ma' pubbliku usa' u maċ-ċittadini tal-Georgia dwar l-opportunitajiet u l-implikazzjonijiet tal-approssimazzjoni tal-Georgia mal-UE, inkluż l-Aġenda ta' Assoċjazzjoni u speċifikament id-DCFTA;
  - Jissaħħu l-kapaċitajiet ta' komunikazzjoni sabiex jiġu promossi l-viżibbiltà tal-UE u l-valuri kondiviżi, u jiġu spjegati l-impatti pożittivi tal-assoċjazzjoni politika u l-integrazzjoni ekonomika mal-UE;
  - Tiġi żgurata viżibbiltà adegwata tal-proġetti u l-programmi kollha tal-UE u tal-impatt tagħhom, f'konformità mal-Artikolu 2.6 tal-Prijoritajiet tas-Sħubija tal-Lvant ta' wara l-2020, u r-regoli u l-gwida ġenerali fis-seħħ dwar il-komunikazzjoni u l-viżibbiltà tal-UE.
-



ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)